KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fis-16 ta' Lulju 2020[1]

Kawżi magħquda C-682/18 u C-683/18

Frank Peterson
vs
Google LLC,
YouTube LLC,
YouTube Inc.,
Google Germany GmbH (C-682/18)
u
Elsevier Inc.
vs
Cyando AG (C-683/18)

(talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proprjetà intellettwali – Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati – Direttiva 2001/29/KE – Artikolu 3 – Komunikazzjoni lill-pubbliku – Kunċett – Tqegħid online ta' xogħlijiet protetti fuq pjattaformi tal-internet, mill-utenti ta' dawn tal-aħħar, mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tad-detenturi tad-drittijiet – Assenza ta' responsabbiltà primarja tal-operaturi ta' dawn il-pjattaformi – Responsabbiltà sekondarja ta' dawn l-operaturi għall-ksur tad-drittijiet tal-awtur imwettqa mill-utenti tal-pjattaformi tagħhom – Kwistjoni li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/29 – Direttiva 2000/31/KE – Artikolu 14 – Eżenzjoni mir-responsabbiltà għall-forniturі li jipprovdu 'servizz għas-soċjetà ta' l-informazzjoni li jikkonsisti fiż-żamma [fil-ħażna] ta' informazzjoni ipprovduta minn dak li jirċievi s-servizz' – Kunċett – Possibbiltà għal dawn l-operaturi li jiġu eżentati mir-responsabbiltà li tista' tinħoloq mill-informazzjoni li jżommu fuq talba tal-utenti tal-pjattaformi tagħhom – Kundizzjonijiet sabiex wieħed jibbenefika minn din l-eżenzjoni ta' responsabbiltà – Artikolu 14(1)(a) – Kunċetti ta' 'għarfien ta' attività jew informazzjoni illegali' u ta' 'għarfien tal-fatti jew taċ-ċirkustanzi li minnhom l-attività jew l-informazzjoni illegali tkun apparenti' – Informazzjoni illegali konkreta – Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29/KE – Ordnijiet kontra intermedjarji li s-servizzi tagħhom jkunu użati minn terzi biex jiksru d-drittijiet tal-awtur jew dritt relatat – Kundizzjonijiet sabiex tintalab tali ordni"

Werrej

I. Introduzzjoni 3

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

II. Il-kuntest ġuridiku 4

A. Id-Direttiva 2000/31 4

B. Id-Direttiva 2001/29 5

III. Il-kawżi prinċipali 5

A. Il-Kawża C-682/18 5

1. YouTube 5

2. Ir-rikors ta' F. Peterson 7

B. Il-Kawża C-683/18 8

1. Uploaded 8

2. L-azzjoni ta' Elsevier 9

IV. It-talbiet għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja 9

V. Analiżi 11

A. Fuq il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 (l-ewwel domandi) 15

1. Fuq il-fatt li operaturi ta' pjattaformi bħal YouTube u Cyando ma jwettqux, bħala prinċipju, att ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" 18

2. Fuq il-fatt li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 ma jirregolax ir-responsabbiltà sekondarja tal-persuni li jiffaċilitaw it-twettiq, minn terzi, ta' atti ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" illegali 25

3. Sussidjarjament — fuq il-punt dwar jekk operaturi bħal YouTube u Cyando jiffaċilitawx deliberatament it-twettiq ta' atti illegali minn terzi 29

B. Fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 (it-tieni domandi) 35

C. Fuq il-kundizzjoni ta' eżenzjoni, minħabba l-assenza ta' għarfien jew ta' konoxxenza ta' informazzjoni illegali, prevista fl-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31 (it-tielet domandi) 43

D. Fuq il-kundizzjonijiet sabiex tintalab ordni kontra intermedjarju skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 (ir-raba' domandi) 48

E. Sussidjarjament — fuq il-kunċett ta' "kontravventur" fis-sens tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2004/48 (il-ħames u s-sitt domandi) 53

F. Fuq il-fatt li l-għan ta' livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur ma jiġġustifikax interpretazzjoni differenti tad-Direttivi 2000/31 u 2001/29 54

VI. Konklużjoni 60

I. Introduzzjoni

1. Dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari tressqu mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja). Dawn jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2000/31/KE dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku)[2], tad-Direttiva 2001/29/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni[3] kif ukoll tad-Direttiva 2004/48/KE fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali[4].

2. Dawn it-talbiet jaqgħu fil-kuntest ta' żewġ kawżi. Fl-ewwel waħda, Frank Peterson, produttur tal-mużika, fetaħ azzjoni legali kontra YouTube LLC u l-kumpannija omm tagħha Google LLC minħabba t-tqegħid online, fuq il-pjattaforma ta' kondiviżjoni tal-vidjos YouTube, ta' diversi fonogrammi li fuqhom huwa jallega li għandu drittijiet, minn utenti ta' din il-pjattaforma mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' F. Peterson. Fit-tieni waħda, Elsevier Inc., grupp editorjali, fetħet azzjoni legali kontra Cyando AG minħabba t-tqegħid online, fuq il-pjattaforma ta' hosting u ta' kondiviżjoni ta' fajls Uploaded, operata minn din l-aħħar kumpannija, ta' diversi xogħlijiet li tagħhom Elsevier għandha d-drittijiet esklużivi, meta dan it-tqegħid online sar minn utenti ta' din il-pjattaforma mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu.

3. Is-sitt domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju f'kull waħda mit-talbiet tagħha għal deċiżjoni preliminari jduru madwar il-problema, eminentement sensittiva, tar-responsabbiltà tal-operaturi ta' pjattaformi online fir-rigward ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur li jiġu ppubblikati online fuq dawn il-pjattaformi, b'mod illegali, mill-utenti tagħhom.

4. In-natura u l-portata ta' din ir-responsabbiltà tiddependi, b'mod partikolari, mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/29, li jirrikonoxxi lill-awturi d-dritt esklużiv li jikkomunikaw lill-pubbliku x-xogħlijiet tagħhom, u tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2000/31, li joffri lill-forniturи intermedjarji eżenzjoni mir-responsabbiltà għall-informazzjoni li huma jaħżnu fuq talba tal-utenti tas-servizzi tagħhom. Għalhekk, dawn il-kawżi ser jistiednu lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, b'mod partikolari, jekk l-ewwel dispożizzjoni tistax tiġi invokata kontra dawn l-operaturi ta' pjattaformi, jekk jistgħux jinvokaw it-tieni dispożizzjoni, u l-mod kif dawn id-dispożizzjonijiet huma relatati bejniethom.

5. Din il-kwistjoni hija kkaratterizzata b'differenzi profondi. Għal xi wħud, il-pjattaformi online jippermettu ksur fuq skala kbira, ksur li l-operaturi tagħhom allegatament jibbenefikaw minnu għad-detriment tad-detenturi tad-drittijiet, li jiġġustifika li jiġu imposti fuqhom obbligi kbar ta' kontroll tal-kontenut li l-utenti tal-pjattaformi tagħhom iqiegħdu online. Għal oħrajn, l-impożizzjoni fuq dawn l-utenti ta' obbligi simili ta' kontroll taffettwa b'mod sinjifikattiv l-attività tagħhom u d-drittijiet ta' dawn l-utenti u tostakola l-libertà tal-espressjoni u tal-kreazzjoni online.

6. Dawn id-differenzi laħqu l-qofol tagħhom waqt id-dibattiti dwar l-adozzjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni tad-Direttiva (UE) 2019/790 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE[5]. L-Artikolu 17 ta' din id-direttiva ġdida jipprevedi, fir-rigward tal-utenti bħal YouTube, sistema ta' responsabbiltà speċifika għax-xogħlijiet li jitqiegħdu illegalment online mill-utenti tal-pjattaformi tagħhom, li timponi fuq dawn il-forniturи obbligi ġodda ta' kontroll. Madankollu, nippreċiża li dik id-direttiva, li daħlet fis-seħħ matul dawn il-proċeduri għal deċiżjoni preliminari, ma hijiex applikabbli għall-kawżi prinċipali. Huwa għalhekk mill-perspettiva tal-kuntest ġuridiku preċedenti għaliha li dawn il-kawżi għandhom jiġu deċiżi, indipendentement mis-soluzzjonijiet li għadu kemm adotta l-leġiżlatur tal-Unjoni.

2 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

3 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

4 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32).

5 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 (ĠU 2019, L 130, p. 92).

7. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li operaturi ta' pjattaformi bħal YouTube u Cyando ma jwettqux, bħala prinċipju, atti ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/29, u, għaldaqstant, ma humiex direttament responsabbli għal ksur ta' din id-dispożizzjoni meta l-utenti tagħhom iqiegħdu online xogħlijiet protetti b'mod illegali. Ser nispjega wkoll għaliex dawn l-operaturi jistgħu, bħala prinċipju, jibbenefikaw mill-eżenzjoni ta' responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2000/31, bla ħsara għal kundizzjonijiet li tagħhom ser nippreċiża l-limiti. Fl-aħħar nett, ser nispjega li d-detenturi tad-drittijiet jistgħu jiksbu, skont id-dritt tal-Unjoni, ordnijiet ġudizzjarji kontra l-imsemmija operaturi, li jistgħu jimponu fuqhom obbligi ġodda, li tagħhom ser nippreċiża l-kundizzjonijiet.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-Direttiva 2000/31

8. It-Taqsima 4 tad-Direttiva 2000/31, intitolata "Responsabbilità ta' intermedjarji li jipprovdu servizz", tinkludi l-Artikoli 12 sa 15 ta' din id-direttiva.

9. L-Artikolu 14 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Hosting", jipprevedi:

"1. Meta servizz għas-soċjetà ta' l-informazzjoni jkun provdut li jikkonsisti fiż-żamma ta' informazzjoni ipprovduta minn dak li jirċievi s-servizz, Stati Membri għandhom jassiguraw li dak li jipprovdi s-servizz ma jkunx responsabbli għall-informazzjoni miżmuma fuq it-talba ta' dak li jirċievi s-servizz, bil-kundizzjoni li:

(a) dak li jipprovdi attwalment ma jkollux tagħrif ta' attività jew informazzjoni illegali u, fir-rigward ta' ħsarat, ma jkunx konxju tal-fatti jew taċ-ċirkostanzi li minnhom l-attività jew l-informazzjoni illegali tkun apparenti; jew

jew

(b) dak li jipprovdi, malli jakkwista t-tagħrif jew meta jsir konxju, jaġixxi mingħajr dewmien biex ineħħi jew iwaqqaf l-aċċess għall-informazzjoni.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux ikun applikabbli meta dak li jirċievi s-servizz ikun jaġixxi permezz ta' l-awtorità jew tal-kontroll ta' dak li jipprovdi.

3. Dan l-Artikolu m'għandux jaffettwa l-possibiltà għal qorti jew awtorità amministrattiva, bi qbil mas-sistemi leġali ta' Stati Membri, tal-ħtieġa li dak li jipprovdi s-servizz jittermina jew iwaqqaf ksur, l-anqas ma taffettwa l-possibiltà għal Stati Membri li jistabbilixxu proċeduri li jirregolaw it-tneħħija jew it-twaqqif ta' aċċess għall-informazzjoni."

10. L-Artikolu 15 ta' din l-istess direttiva, intitolat "L-ebda obbligu ġenerali li jsir monitoraġġ", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri m'għandhomx jimponu obbligu ġenerali fuq dawk li jipprovdu, meta jipprovdu s-servizzi koperti mill-Artikoli 12, 13 u 14, li jagħmlu monitoraġġ ta' l-informazzjoni li huma jittrasmettu jew iżommu, l-anqas obbligu ġenerali biex ikunu mfittxija fatti jew ċirkostanzi li jindikaw attività illegali."

B. Id-Direttiva 2001/29

11. Il-premessa 27 tad-Direttiva 2001/29 tipprovdi li "[i]s-sempliċi provvista ta' faċilitajiet fiżiċi biex tkun tista' iseħħ jew biex iseħħ komunikazzjoni ma twassalx fiha nnifisha għal komunikazzjoni fit-tifsira ta' din id-Direttiva".

12. L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, intitolat "Id-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħolijiet u d-dritt li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku suġġett ieħor", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awturi bid-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħolijiet tagħhom, bil-fili jew mezzi mingħajr fili, inklużi li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku x-xogħolijiet tagħhom b'mod li membri tal-pubbliku jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv biex jawtorizzaw jew jipprojbixxu li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku, permezz tal-fili jew mingħajr fili, b'mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom:

(a) għall-artisti, ta' l-iffissar tal-wirjiet tagħhom;

(b) għall-produtturi ta' fonogrammi, tal-fonogrammi tagħhom;

[…]

3. Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jiġu eżawriti bl-ebda att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku jew li jagħmilhom disponibbli għall-pubbliku kif stipulat f'dan l-Artikolu."

13. L-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Sanzjonijiet u Rimedji", jipprevedi, fil-paragrafu 3 tiegħu, li "[l]-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detenturi tad-drittijiet ikunu f'posizzjoni biex japplikaw għal restrizzjoni kontra intermedjarji li s-servizzi tagħhom jkunu użati minn terzi partijiet biex jiksru d-drittijiet ta' l-awtur jew dritt relatat".

III. Il-kawżi prinċipali

A. Il-Kawża C-682/18

1. YouTube

14. YouTube hija pjattaforma tal-internet operata mill-kumpannija eponima, li tagħha Google hija l-uniku soċju u r-rappreżentant legali. Din il-pjattaforma, li tinqasam f'siti differenti tal-internet u applikazzjonijiet għal apparat intelliġenti, tippermetti lill-utenti tagħha jikkondividu vidjos fuq l-internet.

15. Sabiex wieħed itella' vidjo online fuq YouTube, ikun meħtieġ li jinħoloq kont, b'isem tal-utent u password, u li jiġu aċċettati l-kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' din il-pjattaforma. L-utent li, wara li jkun irreġistra b'dan il-mod, iqiegħed vidjo online jista' jagħżel li jħallih "privat" jew li jippubblikah fuq il-pjattaforma. Fit-tieni ipoteżi, kull utent tal-internet ikun jista' jara fi fluss kontinwu (streaming) u jikkondividi l-vidjo inkwistjoni mill-imsemmija pjattaforma u l-utenti l-oħra rreġistrati jkunu jistgħu jikkummentaw dwaru. L-utenti rreġistrati jistgħu wkoll joħolqu "kanali" li fihom jiġbru l-vidjos tagħhom.

16. It-tqegħid online ta' vidjo fuq din l-istess pjattaforma jsir b'mod awtomatiku, mingħajr viżjoni jew kontroll minn qabel minn Google jew YouTube. B'dan il-mod, madwar 35 siegħa ta' vidjo jiġu ppubblikati kull minuta[6], u dawn jammontaw għal diversi mijiet ta' eluf ta' vidjos kuljum.

17. YouTube tinkludi funzjoni ta' tfittxija u tipproċessa r-riżultati ta' tfittxija fil-forma, b'mod partikolari, ta' evalwazzjoni tar-rilevanza tal-vidjos, speċifika għar-reġjun tal-utent. Ir-riżultat ta' din l-evalwazzjoni huwa miġbur fil-qosor fuq il-paġna prinċipali taħt il-forma tat-taqsimiet "vidjos li qed jintwerew bħalissa", "vidjos promossi" u "vidjos popolari". YouTube telenka l-vidjos u l-kanali disponibbli taħt taqsimiet bħal "divertiment", "mużika" jew "films u animazzjoni". Barra minn hekk, jekk utent irreġistrat juża l-pjattaforma, jiġi ppreżentat b'sinteżi ta' "vidjos irrakkomandati", ibbażati, b'mod partikolari, fuq il-vidjos li l-utent ikun ra qabel.

18. YouTube tikseb mill-pjattaforma tagħha, *inter alia*, dħul mir-reklamar. Strixxuni pubbliċitarji ta' terzi li jirreklamaw għalhekk jidhru fil-ġnub tal-paġna ewlenija tagħha. Barra minn hekk, f'ċerti vidjos jiddaħħlu xi reklami u dan jimplika l-konklużjoni ta' kuntratt speċifiku bejn l-utenti kkonċernati u YouTube.

19. Skont il-kundizzjonijiet ġenerali tal-użu ta' YouTube, kull utent jagħtiha, fuq il-vidjos li huwa jqiegħed online, u sat-tneħħija tagħhom mill-pjattaforma, liċenzja dinjija, mhux esklużiva u mingħajr ħlas għall-użu, ir-riproduzzjoni, id-distribuzzjoni, il-ħolqien ta' xogħlijiet idderivati, l-espożizzjoni u l-eżekuzzjoni b'rabta mat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pjattaforma u mal-attivitajiet ta' YouTube, inkluż ir-reklamar.

20. Meta jaċċetta dawn il-kundizzjonijiet ġenerali, l-utent jikkonferma li huwa għandu d-drittijiet, il-ftehimiet, l-awtorizzazzjonijiet u l-liċenzji kollha neċessarji fuq il-vidjos li huwa jqiegħed online. YouTube titlob lill-utenti tagħha, fil-"Linji gwida tal-komunità", sabiex jirrispettaw id-drittijiet tal-awtur. Barra minn hekk, dawn jiġu informati, waqt kull tqegħid online, li ebda vidjo li jikser dawn id-drittijiet ma jista' jiġi ppubblikat fuq il-pjattaforma.

21. YouTube implimentat diversi mezzi tekniċi sabiex twaqqaf u tipprevjeni l-ksur fuq il-pjattaforma tagħha. Kull persuna tista' tinnotifikaha bil-preżenza ta' vidjo illegali bil-miktub, permezz ta' faks, posta elettronika jew formola tal-internet. Inħolqot buttuna ta' notifika li permezz tagħha jista' jiġi rrappurtat il-kontenut indeċenti jew iffalsifikat. Id-detenturi tad-drittijiet għandhom ukoll il-possibbiltà, permezz ta' proċedura speċjali ta' twissija, li jaraw li mill-pjattaforma jiġu eliminati sa għaxar vidjos speċifikati b'mod konkret b'kontestazzjoni billi jindikaw l-indirizzi tal-internet (URL) korrispondenti tal-vidjos.

22. Barra minn hekk, YouTube implimentat programm ta' verifika tal-kontenut (Content Verification Program). Dan il-programm huwa miftuħ għall-impriżi rreġistrati għal dan il-għan, mhux għall-individwi privati. L-imsemmi programm joffri lid-detenturi tad-drittijiet ikkonċernati diversi għodda li jippermettulhom jikkontrollaw b'iktar faċilità l-użu tax-xogħlijiet tagħhom fuq il-pjattaforma. Dawn tal-aħħar jistgħu, b'mod partikolari, jimmarkaw direttament f'lista ta' vidjos dawk li, fil-fehma tagħhom, jiksru d-drittijiet tagħhom. Jekk vidjo jiġi bblokkat minħabba tali senjalazzjoni minn detentur tad-drittijiet, l-utent li poġġieh online jiġi mwissi dwar il-fatt li l-kont tiegħu jiġi bblokkat f'każ ta' reċidiva. YouTube tqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tad-detenturi ta' drittijiet li jipparteċipaw fl-istess programm software ta' rikonoxximent ta' kontenut, li jissejjaħ "Content ID", żviluppat minn Google, li huwa intiż sabiex jidentifika awtomatikament il-vidjos li jużaw ix-xogħlijiet tagħhom. F'dan ir-rigward, skont l-ispjegazzjonijiet mogħtija minn Google, id-detenturi tad-drittijiet għandhom jipprovdu lil YouTube fajls ta' referenza awdjo jew vidjo sabiex jidentifikaw ix-xogħlijiet inkwistjoni. Content ID joħloq "marki tas-swaba' diġitali" minn dawn il-fajls, li jinżammu f'database. Content ID jiskennja b'mod awtomatiku kull vidjo mqiegħed online fuq YouTube u jqabblu ma' dawn il-"marki ta' swaba'".

6 Din hija ċ-ċifra stabbilita mill-Qorti tal-Appell fil-kawża prinċipali. Google tinvoka, min-naħa tagħha, iċ-ċifra ta' 400 siegħa ta' vidjo kull minuta.

Dan is-software jista', f'dan il-kuntest, jirrikonoxxi l-vidjo u l-awdjo, inkluži l-melodiji meta jkunu ġew ikkuppjati jew imitati. Meta tinstab korrispondenza, id-detenturi tad-drittijiet ikkonċernati jiġu nnotifikati awtomatikament. Dawn tal-aħħar għandhom il-possibbiltà li jibblokkaw il-vidjos inkwistjoni. Alternattivament, huma jistgħu jagħżlu li jsegwu l-użu ta' dawn il-vidjos fuq YouTube permezz tal-istatistika tal-udjenza. Huma jistgħu jagħżlu wkoll li jagħmlu l-flus mill-imsemmija vidjos billi jinkludu reklami, jew li jirċievu parti mid-dħul iġġenerat minn dawk imdaħħla qabel fuq talba tal-utenti li qiegħdu online dawk l-istess vidjos.

2. Ir-rikors ta' F. Peterson

23. Fis-6 u fis-7 ta' Novembru 2008, xi siltiet mill-album *A Winter Symphony* tal-artista Sarah Brightman kif ukoll reġistrazzjonijiet awdjo privati li ttieħdu waqt il-kunċerti tat-tour tagħha "*Symphony Tour*", flimkien ma' immaġnijiet fissi jew animati, ġew ippubblikati fuq YouTube minn utenti ta' din il-pjattaforma.

24. Permezz ta' ittra tas-7 ta' Novembru 2008, F. Peterson, li jinvoka d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fuq is-siltiet u r-reġistrazzjoni inkwistjoni[7], kiteb lil Google Germany GmbH u, essenzjalment, ordna lil din il-kumpannija, kif ukoll lil Google, tirtira l-vidjos kontenzjużi taħt piena ta' sanzjoni. Għal dan il-għan, F. Peterson ipprovda ritratti tal-iskrin ta' dawn il-vidjos. YouTube fittxet manwalment l-indirizzi tal-internet (URL) tal-imsemmija vidjos permezz ta' dawn ir-ritratti tal-iskrin u waqqfet l-aċċess għalihom. Madankollu, il-partijiet fil-kawża prinċipali ma humiex jaqblu dwar il-portata ta' dawn il-miżuri ta' mblokk.

25. Fid-19 ta' Novembru 2008, reġistrazzjonijiet awdjo ta' kunċerti ta' Sarah Brightman, flimkien ma' immaġnijiet fissi jew animati, kienu mill-ġdid aċċessibbli fuq YouTube.

26. Sussegwentement, F. Peterson ippreżenta azzjoni quddiem il-Landgericht Hamburg (il-Qorti Reġjonali ta' Hamburg, il-Ġermanja) b'mod partikolari[8] kontra Google u YouTube. F'dan il-kuntest, F. Peterson talab, essenzjalment, li jikseb ordni ta' waqfien li tipprojbixxi lil dawn il-kumpanniji milli jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tnax-il reġistrazzjoni awdjo jew interpretazzjoni meħuda mill-album *A Winter Symphony* u tnax-il xogħol jew interpretazzjoni meħuda mill-kunċerti tas-"*Symphony Tour*" jew, sussidjarjament, li jippermettu lil terzi jagħmlu dan. F. Peterson talab ukoll li jikseb informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' ksur inkwistjoni u dwar il-fatturat jew il-profitti magħmula minn YouTube permezz ta' dawn l-attivitajiet. Barra minn hekk, huwa talab li jiġi kkonstatat quddiem qorti, b'mod partikolari, l-obbligu ta' din il-kumpannija li tħallsu danni għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-vidjos kontenzjużi. Fl-aħħar nett, F. Peterson talab, sussidjarjament, li jikseb informazzjoni dwar l-utenti li qiegħdu dawn il-vidjos online.

27. Permezz ta' sentenza tat-3 ta' Settembru 2010, il-Landgericht Hamburg (il-Qorti Reġjonali ta' Hamburg, il-Ġermanja) laqgħet ir-rikors fir-rigward ta' tliet siltiet mużikali u ċaħdet il-kumplament tar-rikors. F. Peterson kif ukoll YouTube u Google appellaw minn din id-deċiżjoni.

7 B'mod iktar preċiż, F. Peterson jinvoka d-drittijiet tiegħu bħala produttur tal-album *A Winter Symphony* kif ukoll id-drittijiet tiegħu u d-drittijiet li jirriżultaw minn dawk tal-artista fir-rigward tal-eżekuzzjoni tas-siltiet ta' dan l-album magħmula bil-parteċipazzjoni artistika tiegħu bħala produttur u korista. Barra minn hekk, huwa jsostni, fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet tal-kunċerti tas-"*Symphony Tour*", li huwa l-kompożitur u l-awtur tat-testi ta' diversi siltiet mill-imsemmi album. Barra minn hekk, huwa għandu, bħala editur, drittijiet idderivati minn dawk tal-awturi fir-rigward ta' ħafna minn dawn is-siltiet.

8 Għalkemm F. Peterson kien ukoll ħarrek lil YouTube Inc. u Google Germany, il-qorti tar-rinviju indikat li dawn il-kumpanniji ma għadhomx partijiet fil-kawża prinċipali.

28. Permezz ta' sentenza tal-1 ta' Lulju 2015, l-Oberlandesgericht Hamburg (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Hamburg, il-Ġermanja) bidlet parzjalment is-sentenza mogħtija fl-ewwel istanza. Dik il-qorti pprojbixxiet lil YouTube u lil Google, taħt piena ta' pagamenti ta' penalità, milli jagħtu lil terzi l-possibbiltà li jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku reġistrazzjonijiet awdjo jew interpretazzjonijiet ta' seba' siltiet mill-album *A Winter Symphony*. L-imsemmija qorti, barra minn hekk, ikkundannat lil dawn il-kumpanniji jipprovdu lil F. Peterson informazzjoni differenti dwar l-utenti li poġġew il-vidjos kontenzjużi online. Dik l-istess qorti ċaħdet il-bqija tar-rikors ta' F. Peterson.

29. F. Peterson ippreżenta appell għal "Reviżjoni" quddiem il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja). F'dawn iċ-ċirkustanzi, permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Settembru 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Novembru 2018, dik il-qorti ssospendiet il-proċeduri quddiemha u adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja.

B. Il-Kawża C-683/18

1. Uploaded

30. Uploaded hija pjattaforma ta' hosting u ta' kondiviżjoni ta' fajls, ġeneralment imsejħa *Sharehoster* jew anki *Cyberlocker*, operata minn Cyando. Din il-pjattaforma, aċċessibbli permezz ta' siti differenti tal-internet, toffri spazju ta' ħażna li jippermetti lil kulħadd jospita online, mingħajr ħlas, fajls li jista' jkollhom kwalunkwe kontenut. Sabiex wieħed juża Uploaded, ikun jeħtieġ li jinħoloq kont, b'isem tal-utent u password, billi jiġi pprovdut b'mod partikolari indirizz elettroniku. It-tqegħid online ta' fajl isir b'mod awtomatiku u mingħajr viżwalizzazzjoni jew kontroll minn qabel minn Cyando. Kull darba li fajl jitqiegħed minn utent, tiġi ġġenerata awtomatikament hyperlink imsejħa *download-link*, biex wieħed ikun jista' jniżżel il-fajl, u fl-istess ħin tkun ikkomunikata lil dan l-utent. Uploaded la għandha indiċi u lanqas funzjoni ta' tfittxija tal-fajls ospitati. L-utenti jistgħu madankollu jikkondividu liberament dawn il-links ta' tniżżil fuq l-internet, pereżempju f'blogs, f'forums jew ukoll f'"kollezzjonijiet ta' links", jiġifieri siti tal-internet li jindiċjaw dawn il-links, jipprovdu informazzjoni dwar il-fajls li għalihom jirreferu l-imsemmija links u jippermettu lill-utenti tal-internet ifittxu l-fajls li jixtiequ jniżżlu.

31. Sakemm wieħed ikollu kont u l-links xierqa, il-fajls ospitati fuq il-pjattaforma Uploaded jistgħu jitniżżlu mingħajr ħlas. Madankollu, għall-utenti li jibbenefikaw minn sempliċi aċċess mingħajr ħlas għall-pjattaforma, il-possibbiltajiet ta' tniżżil huma limitati (f'termini, b'mod partikolari, ta' kwantità massima ta' data li tista' titniżżel, ta' veloċità tat-tniżżil, ta' numru ta' tniżżil simultanju, eċċ.). Min-naħa l-oħra, l-utenti jistgħu jiksbu abbonament bi ħlas sabiex jibbenefikaw minn volum ta' tniżżil ta' kuljum ħafna iktar konsistenti, mingħajr limitu ta' veloċità jew ta' numru ta' tniżżil simultanju, u mingħajr ħin ta' stennija bejn it-tniżżil. Barra minn hekk, Cyando implimentat programm ta' "sħubija" li fil-kuntest tiegħu hija tħallas, lil ċerti utenti li jtellgħu online fajls Uploaded, remunerazzjoni skont l-ammont ta' tniżżil tal-fajls inkwistjoni.

32. Il-kundizzjonijiet ġenerali tal-użu ta' Uploaded jistipulaw li din il-pjattaforma ma tistax tintuża sabiex tikser id-drittijiet tal-awtur. Madankollu, huwa stabbilit li, fil-fatt, l-imsemmija pjattaforma tagħti lok għal użu legali kif ukoll għal "ammont kbir" [9] ta' użu li jikser id-drittijiet tal-awtur, li tiegħu Cyando għandha għarfien. F'dan ir-rigward, Cyando ġiet informata bil-preżenza, fuq is-servers tagħha, ta' iktar minn 9 500 xogħol protett, imqiegħda online mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel tad-detenturi tad-drittijiet, li għalihom ġew kondiviżi links ta' tniżżil fuq madwar 800 sit tal-internet (kollezzjonijiet ta' links, blogs u forums) li hija għandha għarfien tagħhom.

9 L-ammont eżatt huwa kkontestat bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali u ma ġiex stabbilit mill-qrati nazzjonali.

2. L-azzjoni ta' Elsevier

33. Mid-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-683/18 jirriżulta li ċertu numru ta' xogħlijiet protetti, li tagħhom Elsevier għandha d-drittijiet ta' sfruttament esklużivi, ġew ospitati fuq il-pjattaforma Uploaded u tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' din il-kumpannija, permezz ta' kollezzjonijiet ta' links, blogs u forums oħra. B'mod partikolari, abbażi ta' tfittxijiet imwettqa mill-11 sat-13 ta' Diċembru 2013, din il-kumpannija nnotifikat lil Cyando, permezz ta' żewġ ittri mibgħuta fl-10 u fis-17 ta' Jannar 2014, li fajls li jinkludu tlieta minn dawn ix-xogħlijiet, jiġifieri *Gray's Anatomy for Students*, *Atlas of Human Anatomy* u *Campbell-Walsh Urology*, kienu maħżuna fuq is-servers tagħha u setgħu jiġu liberament ikkonsultati permezz tal-kollezzjonijiet tal-links rehabgate.com, avaxhome.ws u bookarchive.ws.

34. Elsevier ippreżentat azzjoni, innotifikata fis-17 ta' Lulju 2014, kontra Cyando quddiem il-Landgericht München (il-Qorti Reġjonali ta' München, il-Ġermanja). F'dan il-kuntest, Elsevier talbet, b'mod partikolari, li Cyando tiġi kkundannata għall-waqfien, prinċipalment, bħala awtur tal-ksur tad-drittijiet tal-awtur imwettaq fir-rigward tax-xogħlijiet kontenzjużi, sussidjarjament, bħala kompliċi f'dan il-ksur u, b'mod iktar sussidjarju, bħala "interferent". Elsevier talbet ukoll li Cyando tiġi kkundannata tipprovdilha ċerta informazzjoni. Barra minn hekk, il-kumpannija tal-ewwel talbet lil dik il-qorti tikkonstata l-obbligu tat-tieni kumpannija li tħallasha danni għal dawn l-istess okkorrenzi ta' ksur.

35. Permezz ta' sentenza tat-18 ta' Marzu 2016, il-Landgericht München (il-Qorti Reġjonali ta' München) ikkundannat lil Cyando għall-waqfien minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur tad-drittijiet tal-awtur imwettaq fir-rigward tat-tliet xogħlijiet imsemmija fl-ittri tal-10 u tas-17 ta' Jannar 2014, u laqgħet it-talbiet magħmula sussidjarjament minn Elsevier. Dik l-istess qorti ċaħdet il-kumplament tal-azzjoni.

36. Kemm Elsevier kif ukoll Cyando appellaw minn dik id-deċiżjoni. Permezz ta' sentenza tat-2 ta' Marzu 2017, l-Oberlandesgericht München (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' München, il-Ġermanja) bidlet is-sentenza mogħtija fl-ewwel istanza. Dik il-qorti kkundannat lil Cyando għall-waqfien bħala "interferent" fir-rigward tal-ksur relatat mat-tliet xogħlijiet imsemmija fl-ittri tal-10 u tas-17 ta' Jannar 2014, konformement mat-talba fformulata b'mod iktar sussidjarju minn Elsevier. Il-qorti tal-appell ċaħdet il-kumplament tal-appell.

37. Elsevier ippreżentat appell għal "Reviżjoni" quddiem il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja). F'dawn iċ-ċirkustanzi, permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Settembru 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Novembru 2018, dik il-qorti ssospendiet il-proċeduri quddiemha u ressqet kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

IV. It-talbiet għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

38. Fil-Kawża C-682/18, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) L-operatur ta' pjattaforma vidjo fuq l-internet li permezz tagħha l-utenti jagħmlu aċċessibbli għall-pubbliku vidjos li jinkludu kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur mingħajr il-kunsens tad-detenturi tad-drittijiet, iwettaq att ta' komunikazzjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-[Direttiva 2001/29] meta:

– jagħmel dħul minn reklamar permezz tal-pjattaforma,

– [it-tqegħid online ta' vidjo jsir] awtomatikament u mingħajr viżwalizzazzjoni jew kontroll minn qabel mill-operatur,

– l-operatur jikseb skont il-kundizzjonijiet ta' użu, liċenzja għall-vidjos li tkun dinjija, mhux esklużiva u mingħajr ħlas għat-tul tax-xandir tal-vidjos,

– l-operatur jindika fil-kundizzjonijiet ta' użu u fil-kuntest ta' proċess ta' [tqegħid online] li l-kontenut li jikser id-drittijiet tal-awtur ma jistax jixxandar,

– l-operatur jipprovdi għodda li permezz tagħhom id-detenturi ta' drittijiet jistgħu jaġixxu sabiex jibblokkaw vidjos li jiksru d-drittijiet tagħhom,

– fuq il-pjattaforma l-operatur iwettaq ipproċessar ta' riżultati ta' tfittxija fil-forma ta' listi ta' klassifikazzjoni u kategoriji ta' kontenut u jippreżenta lill-utenti rreġistrati deskrizzjoni ġenerika li hija orjentata lejn vidjos rakkomandati abbażi ta' vidjos li dawn l-utenti kienu diġà raw,

sa fejn ma jkollux għarfien konkret dwar id-disponibbiltà tal-kontenut li jikser id-drittijiet tal-awtur jew iħassar immedjatament jew jibblokka immedjatament l-aċċess għal dan il-kontenut meta jikseb għarfien dwar dan?

2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda:

L-attività tal-operatur ta' pjattaforma ta' vidjo fuq l-internet taqa', fiċ-ċirkustanzi deskritti fl-ewwel domanda, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 14(1) tad-[Direttiva 2000/31]?

3) Fil-każ ta' risposta pożittiva għat-tieni domanda:

L-għarfien effettiv tal-attività jew tal-informazzjoni illegali jew l-għarfien tal-fatti jew taċ-ċirkustanzi li skont dawn l-attività jew l-informazzjoni illegali hija apparenti għandu, skont l-Artikolu 14(1) tad-[Direttiva 2000/31], jikkonċerna attivitajiet jew informazzjoni illegali konkreti?

4) Dejjem fl-ipoteżi ta' risposta pożittiva għat-tieni domanda:

Huwa konformi mal-Artikolu 8(3) tad-[Direttiva 2001/29] li d-detentur ta' dritt jista' jikseb digriet ġudizzjarju kontra fornitur ta' servizzi li s-servizz tiegħu jikkonsisti fil-ħażna ta' informazzjoni pprovduta minn utent, u li l-utent kien uża dan is-servizz bi ksur tad-drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati, biss meta dan il-ksur ikun seħħ għal darba oħra wara li tkun ingħatat notifika ta' ksur manifest?

5) Fl-ipoteżi fejn tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda u għat-tieni domanda:

L-operatur ta' pjattaforma ta' vidjo fuq l-internet taħt iċ-ċirkustanzi deskritti fl-ewwel domanda għandu jitqies bħala persuna li wettqet ksur fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 11 u tal-Artikolu 13 tad-[Direttiva 2004/48]?

6) F'każ ta' risposta pożittiva għall-ħames domanda:

L-obbligu ta' tali persuna li twettaq ksur li tħallas danni skont l-Artikolu 13(1) tad-[Direttiva 2004/48] jista' jkun suġġett għall-kundizzjoni li l-persuna li wettqet il-ksur kienet aġixxiet intenzjonalment sa fejn jikkonċerna kemm l-attività li tikkontravjeni tagħha stess kif ukoll l-attività li tikkontravjeni ta' terzi, u li kienet taf jew raġonevolment kellha tkun taf li l-utenti jużaw il-pjattaforma sabiex iwettqu ksur konkret?"

39. Fil-Kawża C-683/18, dik il-qorti għamlet ukoll sitt domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, li minnhom it-tieni sas-sitt domandi kienu, essenzjalment, l-istess bħal dawk magħmula fil-Kawża C-682/18. L-ewwel domanda biss, miġjuba hawn taħt, kienet differenti:

"1) a) L-operatur ta' servizz ta' shared hosting [u ta' kondiviżjoni ta' fajls] li fih l-utenti jagħmlu aċċessibbli għall-pubbliku fajls li jinkludu kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur mingħajr il-kunsens tad-detenturi tad-drittijiet, iwettaq att ta' komunikazzjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva [2001/29] meta:

– [it-tqegħid online ta' fajl] isir awtomatikament u mingħajr viżwalizzazzjoni jew kontroll minn qabel mill-operatur,

– l-operatur jindika fil-kundizzjonijiet ta' użu, li l-kontenut li jikser id-drittijiet tal-awtur ma jistax jixxandar,

– jagħmel dħul mill-operat tas-servizz,

– is-servizz jintuża għal applikazzjonijiet legali, iżda l-operatur ikollu għarfien dwar id-disponibbiltà ta' ammont kunsiderevoli ta' kontenut li jikser id-drittijiet tal-awtur (iktar minn 9 500 xogħol),

– l-operatur ma joffri ebda elenku u ebda funzjoni ta' tfittxija, iżda l-links ta' downloading mingħajr restrizzjoni li jagħmel disponibbli jitqiegħdu fuq l-internet minn terzi f'ġabra ta' links li jinkludu informazzjoni dwar il-kontenut ta' fajls u jippermettu t-tfittxija ta' kontenut speċifiku,

– permezz tat-tfassil ta' remunerazzjoni għal downloads li titħallas skont it-talba, huwa joħloq inċentiva għal uploading ta' kontenut li huwa protett mid-drittijiet tal-awtur li l-utenti jiksbu b'mod ieħor biss permezz ta' ħlas,

u

– billi joffri l-possibbiltà ta' uploading ta' fajls b'mod anonimu, il-probabbiltà li l-utenti ma jinżammux responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-awtur ser tiżdied?

b) Din l-evalwazzjoni tinbidel jekk l-offerti li jiksru d-drittijiet tal-awtur huma pprovduti minn servizz ta' shared hosting u għandhom portata ta' 90 sa 96 % tal-użu totali?"

40. Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Diċembru 2018, il-Kawżi C-682/18 u C-683/18 ġew magħquda, fid-dawl tal-konnessjoni tagħhom, għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali kif ukoll tas-sentenza.

41. F. Peterson, Elsevier, Google, Cyando, il-Gvern Ġermaniż, dak Franċiż u dak Finlandiż kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. L-istess partijiet u l-partijiet ikkonċernati, minbarra l-Gvern Finlandiż, kienu rrappreżentati matul is-seduta għas-sottomissjonijiet orali li nżammet fis-26 ta' Novembru 2019.

V. Analiżi

42. Dawn il-kawżi għandhom bħala sfond is-servizzi tal-"web 2.0". Infakkar li, min-nofs is-snin 2000, diversi bidliet ta' natura teknoloġika (li jvarjaw miż-żieda fil-wisa' tal-banda mondjali għad-demokratizzazzjoni tal-konnettività broadband) u soċjali (kemm fir-rigward ta' bidla fl-attitudni tal-utenti tal-internet fir-rigward tal-ħajja privata jew tar-rieda ta' kondiviżjoni, ta' kontribuzzjoni u ta'

ħolqien ta' komunitajiet online) wasslu għall-iżvilupp fuq l-internet ta' servizzi dinamiċi u interattivi, bħalma huma l-blogs, in-networks soċjali u l-pjattaformi ta' kondiviżjoni li jikkostitwixxu daqstant għodda li jippermettu lill-utenti tagħhom jikkondividu kontenut ta' kull tip online, deskritti bil-kliem *user-created content* jew *user-generated content*. Il-forniturі ta' dawn is-servizzi jsostnu l-fatt li huma jippermettu lill-utenti tal-internet joħorġu mir-rwol ta' konsumaturi passivi ta' divertiment, ta' opinjonijiet jew ta' informazzjoni u jkunu attivament involuti fil-ħolqien u fl-iskambju ta' dan il-kontenut fuq l-internet. L-effett tan-network marbut mas-suċċess ta' tali servizz ippermetta b'mod rapidu lil numru żgħir minn dawn il-forniturі li jaqilbu mill-istatus ta' start-up għal dak ta' impriża dominanti [10].

43. Il-pjattaforma YouTube, inkwistjoni fil-Kawża C-682/18, hija eżempju tipiku f'dan ir-rigward. Din il-pjattaforma tagħti lill-utenti tagħha (li huma iktar minn 1.9 biljun skont Google) l-opportunità li jikkondividu l-kontenut, u, b'mod partikolari, il-kreazzjonijiet tagħhom, online. B'dan il-mod, numru kbir ta' vidjos jitqiegħdu online fuqha kuljum, li jinkludu, fost l-oħrajn, kontenut kulturali u ta' divertiment, bħal kompożizzjonijiet mużikali ppubblikati minn artisti emerġenti li jistgħu jsibu pubbliku wiesa', kontenut informattiv fuq temi diversi bħall-politika, l-isport u r-reliġjon, jew ukoll "lezzjonijiet" intiżi li jippermettu lil kulħadd jitgħallem isajjar, idoqq il-kitarra, isewwi rota, eċċ. Il-kontenut huwa ppubblikat fuq YouTube mhux biss minn individwi, iżda wkoll minn korpi pubbliċi u minn professjonisti, inklużi kumpanniji tal-midja stabbiliti bħal kanali tat-televiżjoni jew kumpanniji tad-diski. YouTube hija organizzata madwar mudell ekonomiku kumpless, li jinkludi fost l-oħrajn il-bejgħ ta' spazji ta' reklamar fuq il-pjattaforma tagħha [11]. Barra minn hekk, YouTube implimentat sistema li permezz tagħha hija taqsam perċentwali mid-dħul mir-reklamar tagħha ma' ċerti utenti li jipprovdu l-kontenut, li jippermetti lil dawn tal-aħħar jaqilgħu dħul mill-pubblikazzjoni tal-vidjos fuq il-pjattaforma [12].

44. Il-pjattaforma Uploaded, inkwistjoni fil-Kawża C-683/18, tirrifletti realtà ċertament relatata, iżda madankollu distinta. B'mod ġenerali, *Cyberlocker* jipprovdi lill-utenti tiegħu spazju ta' ħażna online, li jippermetti lil dawn tal-aħħar b'mod partikolari li jissalvagwardaw "fi sħaba" kull tip ta' fajls sabiex jaċċedu għalihom fi kwalunkwe mument, minn fejn jixtiequ u permezz ta' kwalunkwe apparat. Bħala *Sharehoster*, Uploaded tintegra wkoll funzjoni ta' kondiviżjoni ta' fajls ospitati. L-utenti għandhom għalhekk il-possibbiltà li jikkomunikaw lil terzi d-*download-links* iġġenerati għal kull fajl imqiegħed online. Din il-funzjoni hija intiża, skont Cyando, sabiex kulħadd ikun jista' jittrasferixxi faċilment fajls voluminużi lill-membri tal-familja tiegħu, lill-ħbieb tiegħu jew ukoll lil sħab kummerċjali. Barra minn hekk, l-utenti jistgħu, permezz tal-imsemmija funzjoni, jikkondividu kontenut ħieles mid-drittijiet jew ix-xogħlijiet tagħhom stess fuq l-internet. Is-*Cyberlockers* jadottaw mudelli kummerċjali differenti. Min-naħa tagħha, Uploaded titħallas, permezz tal-bejgħ ta' abbonamenti li jaffettwaw b'mod partikolari l-kapaċità ta' tniżżil tal-fajls ospitati.

45. Għalkemm il-pjattaformi bħal YouTube u Uploaded jistgħu għalhekk jagħtu lok għal diversi użi legali, dawn jintużaw ukoll b'mod illegali. B'mod partikolari, vidjos kondiviżi fuq YouTube jistgħu jinkludu xogħlijiet protetti u jiksru d-drittijiet tal-awturi tagħhom. Barra minn hekk, *Sharehoster* bħal Uploaded, minħabba l-kapaċità tiegħu stess li jaħżen u jittrasferixxi fajls voluminużi, huwa għodda prattika għall-iskambju illegali ta' kopji ta' xogħlijiet b'mod partikolari ċinematografiċi jew mużikali.

10 Ara, għal iktar dettalji, Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u għall-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), "Participative Web: User-Created Content", *Working Party on the Information Economy*, DSTI/ICCP/IE(2006)7/Final, 12 ta' April 2007.

11 Kif enfasizza l-Gvern Ġermaniż, YouTube tiġbor, bħal Facebook, ammont kunsiderevoli ta' data personali fuq l-utenti tal-internet li jżuru l-pjattaforma tagħha, fuq il-mod kif jużawha, fuq il-preferenzi tagħhom f'termini ta' kontenut, eċċ., u dan, b'mod partikolari, sabiex ir-reklamar imxandar fuq din il-pjattaforma jkun immirat skont l-utent. Il-mistoqsijiet imqajma minn dan il-ġbir iġġeneralizzat ta' data u l-ipproċessar li tgħaddi minnu jmorru lil hinn madankollu mis-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet.

12 Ara, għal iktar dettalji, Fontaine, G., Grece, C., Jimenez Pumares, M., "Online video sharing: Offerings, audiences, economic aspects", *European Audiovisual Observatory*, Strasbourg, 2018.

46. Id-detenturi tad-drittijiet bħal F. Peterson u Elsevier, appoġġati f'dan il-każ mill-Gvern Franċiż, ipinġu stampa serja ta' dawn il-pjattaformi inkwistjoni u tal-operaturi tagħhom. Peress li jippermettu, fl-ambitu ta' dawn il-pjattaformi, fornitura deċentralizzata u mhux ikkontrollata ta' kontenut minn kwalunkwe utent tal-internet, dawn l-operaturi joħolqu riskju kunsiderevoli ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur mingħajr preċedent. Dan ir-riskju huwa mmultiplikat minħabba l-fatt li l-kontenut ippubblikat fuq dawn il-pjattaformi jinstab kullimkien u jista' jiġi kkonsultat fl-istess ħin minn numru indefinit ta' utenti tal-internet fid-dinja kollha [13]. Id-detenturi tad-drittijiet jinvokaw ukoll id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom sabiex jieħdu azzjoni kontra l-utenti li jwettqu ksur bħal dan permezz ta' dawn l-istess pjattaformi, minħabba l-insolvenza, l-anonimat jew il-lokalizzazzjoni tagħhom.

47. L-argumenti tad-detenturi tad-drittijiet ma humiex limitati għar-riskju ta' ksur iġġenerat mill-attività tal-operaturi bħal YouTube jew Cyando. Huma jikkritikaw b'mod iktar ġenerali lil dawn l-operaturi, u b'mod partikolari lil YouTube, talli bidlu radikalment, spejjeż għalihom, il-katina ta' valur fl-ekonomija tal-kultura. Essenzjalment, id-detenturi tad-drittijiet isostnu li l-imsemmija operaturi jinkoraġġixxu lill-utenti tal-pjattaformi tagħhom sabiex iqiegħdu online kontenut attraenti, li fil-parti l-kbira tal-każijiet, ikun protett mid-drittijiet tal-awtur. L-istess operaturi jimmonetizzaw dan il-kontenut għalihom stess b'mod partikolari permezz tar-reklamar (il-mudell "YouTube") jew ta' abbonamenti (il-mudell "Cyando") u minn din il-monetizzazzjoni jiksbu profitti kunsiderevoli, mingħajr madankollu ma jakkwistaw liċenzji mingħand id-detenturi tad-drittijiet u, għaldaqstant, lanqas ma jagħtuhom remunerazzjoni. L-operaturi tal-pjattaformi b'hekk jimmonopolizzaw il-parti l-kbira tal-valur iġġenerat mill-imsemmi kontenut, għad-detriment tad-detenturi tad-drittijiet: dan huwa l-argument tal-*value gap* (distakk fil-valur), diskuss fil-kuntest tal-adozzjoni tad-Direttiva 2019/790. Barra minn hekk, il-pjattaformi bħal YouTube jostakolaw il-possibbiltà, għad-detenturi tad-drittijiet, li jagħmlu sfruttament normali tax-xogħlijiet tagħhom. Fil-fatt, dawn il-pjattaformi jwasslu għal kompetizzjoni inġusta mal-midja tradizzjonali (kanali tar-radju u tat-televiżjoni, eċċ.) u mal-forniturі ta' kontenut diġitali (Spotify, Netflix, eċċ.) li min-naħa tagħhom jixtru l-kontenut li jxandru mingħand id-detenturi tad-drittijiet bi ħlas, u li minħabba din il-kompetizzjoni inġusta, ikunu lesti li jħallsu lil dawn tal-aħħar inqas sabiex jibqgħu kompetittivi [14]. Għalhekk, sabiex jiksbu l-livell għoli ta' protezzjoni tal-proprjetà intellettwali tagħhom li d-dritt tal-Unjoni għandu l-għan li jipprovdilhom u ħlas xieraq għall-użu tax-xogħlijiet tagħhom [15], id-detenturi tad-drittijiet għandhom ikunu jistgħu jirrikorru għand l-operaturi tal-pjattaformi nnifishom.

48. F'dan l-istadju, huwa utli li jitfakkar li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 jipprevedi li l-awturi jibbenefikaw mid-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu "kull komunikazzjoni lill-pubbliku" tax-xogħlijiet tagħhom, inkluż it-tqegħid ta' dawn ix-xogħlijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mod li kulħadd ikun jista' jkollu aċċess għalihom mill-post u fil-mument li huwa jagħżel

13 Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google (C-131/12, EU:C:2014:317, punt 80 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

14 Ara, għal iktar dettalji, il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Industrija Fonografika "Rewarding creativity: Fixing the value gap", *Global music report 2017*, u Bensamoun A., "Le *value gap* ou le partage de la valeur dans la proposition de directive sur le droit d'auteur dans le marché unique numérique", Rivista *Entertainment*, Bruylant, Nru 2018-4, p. 278 sa 287.

15 Ara l-premessi 4, 9 u 10 tad-Direttiva 2001/29.

individwalment [16]. Dan id-dritt esklużiv jiġi miksur meta xogħol protett jiġi kkomunikat lill-pubbliku minn terz mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtur tiegħu [17], ħlief jekk din il-komunikazzjoni taqa' taħt waħda mill-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva [18].

49. Issa, id-detenturi tad-drittijiet huma tal-fehma li l-operaturi bħal YouTube u Cyando jwettqu, flimkien mal-utenti tagħhom, il-"komunikazzjoni lill-pubbliku" tax-xogħlijiet li dawn tal-aħħar iqiegħdu online. Konsegwentement, dawn l-operaturi għandhom jivverifikaw, għall-fajls kollha li dawn l-utenti jkollhom l-intenzjoni li jikkondividu, qabel it-tqegħid online tagħhom, jekk jinkludux xogħlijiet protetti, jiddeterminaw id-drittijiet eżistenti fuqhom u jiksbu huma stess, ġeneralment bi ħlas, liċenzja mingħand id-detenturi ta' dawn id-drittijiet jew, fin-nuqqas ta' dan, jimpedixxu dan it-tqegħid online. Kull meta dawn l-operaturi ma jissodisfawx dawn l-obbligi u b'riżultat ta' dan, jiġu ppubblikati xogħlijiet b'mod illegali mill-pjattaformi tagħhom, huma jkunu *direttament responsabbli* għalihom, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29. Għaldaqstant, dawn l-istess operaturi jkunu meħtieġa, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2004/48, iħallsu d-danni lid-detenturi tad-drittijiet ikkonċernati.

50. YouTube u Cyando, sostnuti f'dan il-każ mill-Gvern Finlandiż u mill-Kummissjoni, iwieġbu li huma jikkostitwixxu biss *intermedjarji* li jipprovdu għodda li tippermetti lill-utenti tal-pjattaformi tagħhom li jikkomunikaw xogħlijiet lill-pubbliku. Għalhekk, ma humiex dawn l-operaturi, iżda l-imsemmija utenti, li jwettqu l-"komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, meta huma jqiegħdu online, permezz ta' dawn il-pjattaformi, fajls li jinkludu xogħlijiet protetti. Għaldaqstant, dawn l-istess utenti jassumu r-responsabbiltà diretta fil-każ ta' "komunikazzjoni" illegali. Fi kwalunkwe każ, l-imsemmija operaturi jqisu li huma jibbenefikaw mill-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Din id-dispożizzjoni teżentahom minn kull responsabbiltà li tista' tirriżulta mill-fajls illegali li huma jaħżnu fuq talba tal-utenti tal-pjattaformi tagħhom, sakemm, essenzjalment, ma jkollhomx għarfien tagħhom jew, jekk ikun il-każ, ikunu neħħewhom fil-pront. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 15(1) ta' dik id-direttiva, ma jistax jiġi impost fuq dawn l-istess operaturi l-obbligu ġenerali li jissorveljaw il-fajls li huma jaħżnu jew li jfittxu attivament fatti jew ċirkustanzi li jindikaw attivitajiet illegali. YouTube u Cyando jqisu għalhekk li, konformement ma' dawn id-dispożizzjonijiet, huma ma humiex obbligati jikkontrollaw il-fajls kollha pprovduti mill-utenti tal-pjattaformi tagħhom qabel ma jitqiegħdu online, iżda, essenzjalment, li jkunu suffiċjentement reattivi għan-notifiki tad-detenturi ta' drittijiet li jindikaw l-illegalità ta' wħud minnhom.

51. F'dan il-kuntest, *l-ewwel domandi* magħmula mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja) għandhom l-għan li jiddeterminaw jekk l-attività tal-operaturi ta' pjattaformi bħal YouTube u Cyando taqax taħt il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29. It-*tieni domandi* ta' dik il-qorti għandhom l-għan li jiddeterminaw jekk dawn l-operaturi jistgħux jibbenefikaw mill-eżenzjoni tar-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 għall-fajls li huma jaħżnu fuq talba tal-utenti tagħhom. Dawn id-domandi huma

16 Ser nuża t-terminu "komunikazzjoni lill-pubbliku" sabiex nindika, b'mod ġenerali, l-atti ta' komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens strett u l-atti ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Ser nirreferi b'mod iktar preċiż għal waħda jew għall-oħra minn dawn il-kategoriji meta dan ikun neċessarju. Barra minn hekk, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/29 jirrikonoxxi wkoll, fil-paragrafu 2(a) u (b) tiegħu, dritt ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, iżda mhux id-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku fis-sens strett, bħala dritt relatat mad-drittijiet tal-awtur, rispettivament, lill-artisti interpreti jew eżekuturi, fir-rigward tal-iffissar tal-wirjiet tagħhom, u lill-produtturi ta' fonogrammi, tal-fonogrammi tagħhom. Din id-dispożizzjoni hija rilevanti wkoll fil-Kawża C-682/18 sa fejn F. Peterson għandu, fir-rigward ta' ċerti fonogrammi mqiegħda online mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu, drittijiet relatati bħala artist interpretu jew eżekutur u/jew produttur (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 7 ta' dawn il-konklużjonijiet). Madankollu, peress li l-kawżi prinċipali jikkonċernaw, kif ser nispjega iktar 'il quddiem, atti "li jagħmlu [oġġett] disponibbli għall-pubbliku", u li dan il-kunċett għandu l-istess tifsira fil-paragrafu 1 u fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu 3, ser nillimita ruħi, għall-konvenjenza, li nsemmi d-drittijiet tal-awtur imsemmija fl-ewwel paragrafu, madankollu, l-analiżi tiegħi se tkun trasponibbli għad-drittijiet relatati li jinsabu fit-tieni paragrafu.

17 Jew, b'mod iktar ġenerali, tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur fuq ix-xogħol inkwistjoni, li ma huwiex neċessarjament l-awtur. Ser nuża l-kunċetti ta' "awtur" u ta' "detentur tad-drittijiet" b'mod interkambjabbli f'dawn il-konklużjonijiet.

18 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2019, Spedidam *et* (C-484/18, EU:C:2019:970, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

relatati ħafna ma' xulxin. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried, permezz tad-Direttivi 2000/31 u 2001/29, jistabbilixxi qafas leġiżlattiv ċar f'dak li jirrigwarda r-responsabbiltà tal-forniturі intermedjarji fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur fuq livell tal-Unjoni [19]. L-Artikolu 3(1) tal-ewwel direttiva u l-Artikolu 14(1) tat-tieni direttiva għandhom għalhekk jiġu interpretati b'mod konsistenti [20].

52. Ser neżamina, waħda wara l-oħra, fit-Taqsimiet A u B ta' dawn il-konklużjonijiet, dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet [21].

A. Fuq il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 (l-ewwel domandi)

53. Permezz tal-ewwel domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-operatur ta' pjattaforma ta' kondiviżjoni tal-vidjos u l-operatur ta' pjattaforma ta' hosting u ta' kondiviżjoni ta' fajls iwettqux att ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, meta utent tal-pjattaformi tagħhom iqiegħed online xogħol protett.

54. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" previst fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, li s-sens u l-portata tiegħu għandhom jiġu ddeterminati fid-dawl tal-kliem ta' dik id-dispożizzjoni, tal-kuntest li tagħmel parti minnu u tal-għanijiet imfittxija minn din id-direttiva [22]. Barra minn hekk, dan il-kunċett għandu jiġi interpretat, sa fejn huwa possibbli, fid-dawl tal-kunċetti ekwivalenti li jinsabu fit-testi tad-dritt internazzjonali li jorbtu lill-Unjoni [23].

55. Skont din il-ġurisprudenza, il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" jinvolvi żewġ kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri att ta' "komunikazzjoni" ta' xogħol u "pubbliku" [24].

19 Ara l-premessa 50 tad-Direttiva 2000/31 u l-premessa 16 tad-Direttiva 2001/29.

20 B'mod partikolari, għandha tiġi evitata, sa fejn huwa possibbli, sitwazzjoni li fiha fornitur ta' servizzi jkun responsabbli, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, filwaqt li jkun eżentat minn din ir-responsabbiltà skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Ara, għal iktar dettalji, il-punti 137 sa 139 ta' dawn il-konklużjonijiet.

21 F'dawn il-konklużjonijiet, ma iniex ser nindirizza l-kwistjoni tal-kopji ġġenerati mit-tqegħid online ta' xogħol fuq pjattaformi bħal YouTube jew Uploaded u mill-konsultazzjoni tiegħu jew it-tniżżil tiegħu mill-pubbliku. Fil-fatt, din il-kwistjoni taqa' taħt l-interpretazzjoni tad-dritt ta' riproduzzjoni previst fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/29 kif ukoll taħt l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għal dan id-dritt previsti fl-Artikolu 5 ta' dik id-direttiva, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma ġietx mistoqsija dwarha. Barra minn hekk, bl-eċċezzjoni ta' Cyando, li invokat l-eċċezzjoni ta' kopja privata prevista fl-Artikolu 5(2)(b) tal-imsemmija direttiva, din il-kwistjoni ma ġietx diskussa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

22 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Renckhoff (C-161/17, EU:C:2018:634, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Stim u SAMI (C-753/18, EU:C:2020:268, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata). B'mod partikolari, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 8 tat-Trattat tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) dwar id-drittijiet tal-awtur, iffirmat fl-20 ta' Diċembru 1996 f'Ġinevra u approvat f'isem l-Unjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/278/KE tas-16 ta' Marzu 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 33, p. 208) (iktar 'il quddiem it-"TDA"), li l-ewwel dispożizzjoni għandha l-għan li timplimenta (ara l-premessa 15 tad-Direttiva 2001/29).

24 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene Uitgevers (C-263/18, EU:C:2019:1111, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56. F'dan ir-rigward, minn naħa, il-kunċett ta' "komunikazzjoni" ikopri, kif tispeċifika l-premessa 23 tad-Direttiva 2001/29, kwalunkwe *trażmissjoni* (jew trażmissjoni mill-ġdid) ta' xogħol lil pubbliku li ma kienx preżenti fil-post fejn oriġinat il-komunikazzjoni, irrispettivament mill-proċess tekniku użat [25]. Fi kliem ieħor, persuna twettaq att ta' "komunikazzjoni" meta tittrażmetti u b'hekk tagħmel perċettibbli xogħol [26] mill-bogħod [27]. L-eżempju tipiku ta' tali trażmissjoni huwa, kif tindika dik il-premessa, ix-xandir ta' xogħol, filwaqt li t-terminu "trażmissjoni mill-ġdid" ikopri, b'mod partikolari, it-trażmissjoni mill-ġdid simultanja, bil-cable, bis-satellita jew fuq l-internet, ta' trażmissjoni mxandra.

57. Barra minn hekk, il-kunċett ta' "komunikazzjoni" jinkludi, kif fakkart fil-punt 48 ta' dawn il-konklużjonijiet, dak ta' "tqegħid għad-dispożizzjoni". Din l-aħħar kategorija tkopri, kif jippreċiżaw il-premessa 25 u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, it-*trażmissjonijiet interattivi fuq talba*, ikkaratterizzati mill-fatt li kulħadd jista' jkollu aċċess għax-xogħol mill-post u fil-mument li jagħżel individwalment. Il-kunċett ta' "tqegħid għad-dispożizzjoni" ikopri għalhekk il-fatt, għal persuna, li tagħti lil "pubbliku" il-possibbiltà li jkollu xogħol trażmess taħt dawn il-kundizzjonijiet, tipikament billi dan ix-xogħol jitqiegħed online fuq sit internet [28].

58. Min-naħa l-oħra, il-kunċett ta' "pubbliku" jirreferi għal numru "indeterminat" u "pjuttost kunsiderevoli" ta' persuni. Għaldaqstant, dan il-kunċett ikopri persuni b'mod ġenerali, b'kuntrast ma' persuni speċifiċi li jappartjenu lil grupp privat, u jinkludi ċertu limitu *de minimis* [29].

59. F'dan il-każ, fid-dawl tal-premess, huwa inkontestabbli li, meta xogħol protett jiġi kondiviż online, minn pjattaforma bħal YouTube jew Uploaded, dan ix-xogħol jiġi magħmul "disponibbli għall-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29.

60. Fil-fatt, meta vidjo li jkun fih xogħol protett jiġi ppubblikat fuq YouTube, kulħadd jista' jikkonsultah permezz tal-"*istreaming*" minn dik il-pjattaforma, mill-post u fil-mument li jagħżel individwalment. L-istess japplika meta fajl li jkun fih xogħol jiġi ospitat fuq Uploaded u d-*download link* relatata miegħu tkun kondiviża liberament fuq sit tal-internet, f'kollezzjonijiet ta' links, ta' blogs jew inkella ta' forums) [30]. Fiż-żewġ każijiet, ix-xogħol huwa mqiegħed għad-dispożizzjoni ta' "pubbliku" [31] irrispettivament mill-fatt li l-konsultazzjoni tiegħu jew it-tniżżil tiegħu isseħħ jew iseħħ fuq talba ta' persuni individwali fil-kuntest ta' trażmissjoni minn "wieħed għal wieħed". Fil-fatt, għandu f'dan ir-rigward jittieħed inkunsiderazzjoni n-numru ta' persuni li jista' jkollhom aċċess għalih

25 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene Uitgevers (C-263/18, EU:C:2019:1111, punti 49 u 62, u l-l-ġurisprudenza ċċitata).

26 B'mod iktar preċiż, id-destinatarji jingħataw il-possibbiltà li jipperċepixxu, bi kwalunkwe mod xieraq (bis-smigħ għal fonogramma, eċċ), l-elementi kollha li jikkomponu x-xogħol, jew uħud minnhom, u li huma l-espressjoni tal-kreazzjoni intellettwali tal-awtur stess tiegħu. Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International (C-5/08, EU:C:2009:465, punt 47).

27 Il-forom "tradizzjonali" ta' komunikazzjoni lill-pubbliku bħalma huma r-rappreżentazzjonijiet u l-eżekuzzjonijiet diretti, pereżempju l-ispettakli diretti li jsiru quddiem pubbliku li jinsab f'kuntatt fiżiku mal-persuna li teżegwixxi x-xogħlijiet, ma jaqgħux taħt l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-24 ta' Novembru 2011, Circul Globus București (C-283/10, EU:C:2011:772, punti 35 sa 41).

28 Ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene Uitgevers (C-263/18, EU:C:2019:1111, punti 41 sa 44 u 63).

29 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene Uitgevers (C-263/18, EU:C:2019:1111, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Il-fatt li l-konsultazzjoni ta' xogħol minn pjattaforma bħal YouTube issir bl-"*istreaming*" u li, għaldaqstant, ma jkunx hemm kopja permanenti għall-membru tal-pubbliku kkonċernat huwa irrilevanti għall-finijiet tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 (ara, b'mod partikolari, Walter, M. M., u von Lewinski, S., *European Copyright Law – A Commentary*, Oxford University Press, 2010 p. 983). Barra minn hekk, il-fatt li xogħol jista' jitniżżel minn Uploaded u li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu għalhekk, bil-maqlub, jiksbu tali kopja ma jeskludix l-użu ta' din id-dispożizzjoni favur id-dritt ta' distribuzzjoni previst fl-Artikolu 4(1) ta' dik id-direttiva (ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene Uitgevers (C-263/18, EU:C:2019:1111, punti 40 sa 45 u 51)).

31 Min-naħa l-oħra, ma jkunx hemm "tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku" meta utent jqiegħed xogħol online fuq YouTube, u jħallih "privat" u, jekk ikun il-każ, jikkondividih biss mal-familja tiegħu jew mal-ħbieb tiegħu. L-istess japplika meta utent ta' Uploaded jqiegħed xogħol fiha online u ma jikkondividix id-*download link* tiegħu, jew jikkondividiha biss ma' dawk il-persuni. Fil-fatt, dan ma huwiex "pubbliku", iżda grupp privat (ara l-punt 58 ta' dawn il-konklużjonijiet).

b'mod parallel kif ukoll suċċessivament [32]. Fl-ipoteżi invokata, ix-xogħol jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel, skont il-każ, mill-viżitaturi kollha, attwali u potenzjali, ta' YouTube jew tas-sit internet li fuqu din il-link hija kondiviża, jew, manifestament, minn numru "indeterminat" u "pjuttost kbir" ta' persuni [33].

61. Konsegwentement, meta xogħol protett jiġi ppubblikat fuq l-internet, minn pjattaforma bħal YouTube jew Uploaded, minn terz, mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtur tiegħu, u meta din il-pubblikazzjoni ma taqax taħt l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29, minn dan jirriżulta ksur tad-dritt esklużiv ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" li l-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jirrikonoxxi lil dan tal-aħħar.

62. Madankollu, il-kwistjoni kollha hija li jkun magħruf min, minn fost l-utent li jqiegħed ix-xogħol inkwistjoni online, l-operatur tal-pjattaforma, jew dawn iż-żewġ persuni flimkien, iwettaq din il-"komunikazzjoni" u jassumi r-responsabbiltà eventwali tagħha.

63. F'dan l-istadju, għandu jiġi ppreċiżat li F. Peterson u Elsevier ippreżentaw, fuq din il-kwistjoni, argumenti b'loġika differenti. Fil-fehma tagħhom, l-operaturi bħal YouTube u Cyando huma responsabbli skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 minħabba, l-ewwel nett, li *jinvolvu ruħhom b'mod attiv* fil-"komunikazzjoni lill-pubbliku" tax-xogħlijiet imqiegħda online mill-utenti tal-pjattaformi tagħhom, b'tali mod li huma stess iwettqu din il-"komunikazzjoni", sussegwentement, li huma *konxji* mill-fatt li dawn l-utenti qegħdin jikkondividu xogħlijiet protetti b'mod illegali u li, barra minn hekk, huma *jinċitawhom deliberatament* sabiex jagħmlu dan, u, finalment, huma *negliġenti* f'dan ir-rigward, peress li ma jirrispettawx ċerti obbligi ta' diliġenza dovuta imposti fuqhom inkambju għar-riskju ta' ksur li tiġġenera l-attività tagħhom [34].

64. Fil-fehma tiegħi, dan l-argument jgħaqqad żewġ kwistjonijiet. Minn naħa, fil-każ li operaturi bħal YouTube u Cyando jwettqu l-"komunikazzjoni lill-pubbliku" tax-xogħlijiet li l-utenti tal-pjattaformi tagħhom jqiegħdu online, dawn l-operaturi potenzjalment għandhom responsabbiltà diretta (jew "primarja") skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29. Il-punt dwar jekk dan huwiex il-każ jikkostitwixxi kwistjoni oġġettiva, bl-esklużjoni ta' kunsiderazzjonijiet bħall-għarfien jew in-negliġenza. Fil-fatt, ir-risposta għal din il-mistoqsija tiddependi biss, bħala prinċipju, fuq jekk dawn iwettqux l-atti ta' "komunikazzjoni" u jekk dawn l-atti jitwettqux mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-awturi tax-xogħlijiet ikkonċernati. Fit-Taqsima 1, ser nesponi, filwaqt li nsegwi dan il-kuntest ta' analiżi, u billi neżamina biss l-argumenti rilevanti, ir-raġunijiet li għalihom, bħala prinċipju, huma biss l-utenti li jqiegħdu online xogħlijiet protetti li jwettqu l-"komunikazzjoni lill-pubbliku" ta' dawn ix-xogħlijiet. Ir-responsabbiltà primarja li tista' tirriżulta minn din il-"komunikazzjoni" hija għalhekk, bħala regola ġenerali, ta' dawn l-utenti biss.

65. Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni dwar jekk l-operaturi bħal YouTube u Cyando humiex responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-awtur imwettqa mill-utenti tal-pjattaformi tagħhom fuq il-bażi, pereżempju, li dawn l-operaturi kellhom għarfien tagħhom u deliberatament naqsu milli jieħdu azzjoni, li ħeġġew lil dawk l-utenti jwettqu ksur simili jew li kienu negliġenti f'dan ir-rigward ma taqax, fil-fehma tiegħi taħt l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29. Kif ser nispjega fit-Taqsima 2, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja donnha interpretat din id-dispożizzjoni, fis-sentenzi GS Media [35], Stichting Brein I

32 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene Uitgevers (C-263/18, EU:C:2019:1111, punti 44, 67 u 68, u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Renckhoff (C-161/17, EU:C:2018:634, punt 45). Huwa ovvju li, kemm f'każ kif ukoll fl-ieħor, il-"pubbliku" ma huwiex preżenti fil-post tal-oriġini tal-komunikazzjoni. Barra minn hekk, huwa irrilevanti jekk dan il-"pubbliku" jikkonsultax jew iniżżilx effettivament ix-xogħol. Fil-fatt, l-att determinanti huwa dak li jikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' xogħol, u għaldaqstant l-offerta lilu ta' xogħol fuq sit aċċessibbli għall-pubbliku (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene Uitgevers (C-263/18, EU:C:2019:1111, punti 63 u 64)).

34 Ara l-punti 46 u 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

35 Sentenza tat-8 ta' Settembru 2016 (C-160/15, iktar 'il quddiem is-"sentenza GS Media", EU:C:2016:644).

("Filmspeler") [36] u Stichting Brein II ("The Pirate Bay") [37], fis-sens li tista' tkopri r-responsabbiltà għal att ta' terzi (imsejħa "aċċessorja", "sussidjarja", "sekondarja" jew inkella "indiretta"), inqis, fil-fehma tiegħi, li din ir-responsabbiltà ma hijiex, fir-realtà, armonizzata fid-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, hija taqa' taħt ir-regoli fil-qasam tar-responsabbiltà ċivili previsti fid-dritt tal-Istati Membri. Sussidjarjament, ser neżamina, fit-Taqsima 3, l-attività tal-imsemmija operaturi fid-dawl tal-kuntest ta' analiżi li tirriżulta minn dawn is-sentenzi u mill-argumenti relatati magħhom.

1. Fuq il-fatt li operaturi ta' pjattaformi bħal YouTube u Cyando ma jwettqux, bħala prinċipju, att ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku"

66. Kif spjegajt fil-punti 55 sa 58 ta' dawn il-konklużjonijiet, att ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, jikkorrispondi għat-trażmissjoni ta' xogħol protett lil pubbliku. F'dan il-kuntest, att ta' "tqegħid għad-dispożizzjoni" jikkonsisti fil-fatt li tiġi offruta lill-membri tal-pubbliku l-possibbiltà ta' tali trażmissjoni, li tista' ssir fuq talba tagħhom, mill-post u fil-mument li huma jagħżlu individwalment.

67. Madankollu, kull trasferiment ta' xogħol lil pubbliku jeħtieġ, bħala regola ġenerali, katina ta' interventi mwettqa minn diversi persuni, involuti b'diversi modi u fi gradi differenti f'dan it-trasferiment. Pereżempju, il-possibbiltà, għat-telespettaturi, li jaraw xogħol imxandar fuq is-settijiet tat-televiżjoni tagħhom hija r-riżultat tal-isforzi kkombinati, b'mod partikolari, ta' organizzazzjoni ta' xandara, ta' xandar jew ta' diversi xandara, tal-operatur tan-network bla fili kif ukoll tal-persuni li jkunu pprovdew l-antenni u s-settijiet tat-televiżjoni ta' dawn it-telespettaturi.

68. Dawn l-interventi kollha ma jistgħux jitqiesu bħala atti ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29. Altrimenti, kwalunkwe ħolqa tal-katina tkun, irrispettivament min-natura tal-attività tagħha, responsabbli lejn l-awturi. Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' tali interpretazzjoni estensiva, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreċiża, fil-premessa 27 ta' dik id-direttiva, li "[i]s-sempliċi provvista ta' faċilitajiet fiżiċi biex tkun tista' iseħħ jew biex iseħħ komunikazzjoni ma twassalx fiha nnifisha għal komunikazzjoni fit-tifsira ta' din id-direttiva" [38].

69. Għaldaqstant, għandha ssir distinzjoni, fi ħdan il-katina ta' interventi inerenti f'kull trażmissjoni ta' xogħol lil pubbliku, bejn il-persuna [39] li twettaq l-att ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, u l-forniturili, billi jipprovdu l-"faċilitajiet fiżiċi" li jippermettu t-twettiq ta' din it-trażmissjoni, iservu bħala *intermedjarji* bejn din il-persuna u l-pubbliku [40].

70. F'dan il-każ, jiena tal-fehma, bħal Google, Cyando, il-Gvern Finlandiż u l-Kummissjoni, li r-rwol tal-operaturi bħal YouTube u Cyando fil-"komunikazzjoni lill-pubbliku" tax-xogħlijiet imqiegħda online mill-utenti tal-pjattaformi tagħhom huwa, bħala prinċipju, dak ta' *intermedjarju*. L-oġġezzjoni ta' F. Peterson, ta' Elsevier kif ukoll tal-Gvern Ġermaniż u dak Franċiż li dawn l-operaturi jmorru lil hinn minn dan ir-rwol tirrifletti, fil-fehma tiegħi, fehim żbaljat ta' dak li jiddistingwi "sempliċi provvista ta' faċilitajiet fiżiċi" minn att ta' "komunikazzjoni".

36 Sentenza tas-26 ta' April 2017 (C-527/15, iktar 'il quddiem is-"sentenza Stichting Brein I ('filmspeler')", EU:C:2017:300).

37 Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2017 (C-610/15, iktar 'il quddiem is-"sentenza Stichting Brein II ('The Pirate Bay')", EU:C:2017:456).

38 Din il-premessa tirriproduċi d-dikjarazzjoni konġunta dwar l-Artikolu 8 tat-TDA adottata mill-konferenza diplomatika fl-20 ta' Diċembru 1996.

39 Din tista' tkun persuna waħda jew iktar. Ser nuża s-singular għall-konvenjenza.

40 L-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 isegwi din il-loġika meta jirreferi għall-possibbiltà għad-detenturi tad-drittijiet li jiksbu ordni kontra "intermedjarji li s-servizzi tagħhom jkunu użati minn terzi partijiet biex jiksru d-drittijiet ta' l-awtur jew dritt relatat". Ara, wkoll, il-premessa 59 ta' din id-direttiva.

71. Infakkar li l-prinċipji li jirregolaw din id-distinzjoni ġew stabbiliti mill-ewwel deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, jiġifieri s-sentenza SGAE [41]. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt, li lukandier jirċievi programm imxandar u jikkondividih, permezz ta' settijiet tat-televiżjoni, mal-klijenti li jkunu fil-kmamar tal-istabbiliment tiegħu jikkostitwixxi att ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" tax-xogħlijiet inklużi f'din it-trażmissjoni. Għalkemm l-installazzjoni ta' dawn is-settijiet tat-televiżjoni fil-kmamar kienet tikkostitwixxi, fiha nnifisha, "provvista ta' faċilitajiet fiżiċi", l-intervent tal-lukandier ma kienx limitat għal din il-provvista biss. Fil-fatt, billi ddistribwixxa t-trażmissjoni mxandra fuq dawk is-settijiet, il-lukandier kien qiegħed jittrażmetti b'mod volontarju [42] x-xogħlijiet inklużi fiha lill-klijenti tiegħu, li ma kinux biss "pubbliku", iżda wkoll "pubbliku ġdid", jiġifieri lil persuni li ma kinux ittieħdu inkunsiderazzjoni mill-awturi ta' dawn ix-xogħlijiet meta awtorizzaw ix-xandir tagħhom [43] li, għalkemm kienu ġewwa ż-żona ta' riċezzjoni tat-trażmissjoni, ma setgħux, bħala prinċipju, igawdu minn dawn ix-xogħlijiet mingħajr l-intervent tiegħu [44].

72. Minn dik is-sentenza jirriżulta li, meta xogħol jiġi trażmess lil pubbliku, il-persuna li twettaq l-att ta' "komunikazzjoni", għall-kuntrarju ta' dawk li "jipprovdu l-faċilitajiet fiżiċi", hija dik li tintervjeni volontarjament sabiex tittrażmetti dan ix-xogħol lil pubbliku b'tali mod li, fl-assenza tal-intervent tagħha, dan il-pubbliku ma jkunx jista' jgawdi minnu. B'dan l-aġir, dik il-persuna għandha, sabiex nuża l-kunċett stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza sussegwenti tagħha, "rwol indispensabbli" [45] f'din it-trażmissjoni.

73. Din l-ispjegazzjoni tista' tinftiehem ħażin. B'mod assolut, kwalunkwe intermedjarju għandu rwol importanti, jew saħansitra essenzjali, f'tali trażmissjoni, peress li huwa wieħed mill-ħoloq tal-katina li tippermetti t-twettiq tagħha. Madankollu, ir-rwol tal-persuna inkwistjoni huwa iktar fundamentali. Ir-rwol tagħha huwa "indispensabbli" ladarba hija din il-persuna li tiddeċiedi li tittrażmetti xogħol partikolari lil pubbliku u li *tibda b'mod attiv din il-"komunikazzjoni"*.

74. Għall-kuntrarju, il-fornituri intermedjarji li s-servizzi tagħhom jintużaw sabiex jippermettu jew iwettqu "komunikazzjoni" ma jiddeċidux, minn jeddhom, li jittrażmettu xogħlijiet lil pubbliku. Huma jsegwu, f'dan ir-rigward, l-istruzzjonijiet mogħtija mill-utenti tas-servizzi tagħhom. Dawn tal-aħħar jiddeċiedu li jittrażmettu kontenut iddeterminat u jibdew b'mod attiv il-"komunikazzjoni" tagħhom, billi jipprovdu dan il-kontenut lill-intermedjari u billi jqiegħduh, b'dan il-mod, fi proċess li jwassal

41 Sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006 (C-306/05, EU:C:2006:764).

42 Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, speċifikament, li l-lukandier jintervjeni "f'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi tal-imġieba tiegħu" (ara s-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764, punt 42). Din l-espressjoni hija, fil-fehma tiegħi, sinonima għal intervent volontarju (ara l-punt 100 ta' dawn il-konklużjonijiet).

43 Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-awturi, meta jawtorizzaw ix-xandir tax-xogħlijiet tagħhom, huma kkunsidrati li jieħdu inkunsiderazzjoni biss lil dawk li għandhom apparati ta' televiżjoni li jirċievu t-trażmissjonijiet individwalment jew fiċ-ċirkolu privat jew tal-familja tagħhom. Ara s-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764, punt 41).

44 Ara s-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764, punti 36 sa 44). Il-Qorti tal-Ġustizzja segwiet l-istess raġunament f'kuntesti simili. Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2011, Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punti 183 sa 207); tas-27 ta' Frar 2014, OSA (C-351/12, EU:C:2014:110, punti 22 sa 36), kif ukoll tal-31 ta' Mejju 2016, Reha Training (C-117/15, EU:C:2016:379, punti 35 sa 65).

45 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2016, Reha Training (C-117/15, EU:C:2016:379, punt 46). F'ċerti sentenzi, dan ir-raġunament huwa tradott f'żewġ kriterji: ir-rwol "indispensabbli" li għandha l-persuna li twettaq l-att ta' komunikazzjoni u n-"natura deliberata tal-intervent tiegħu" (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Stichting Brein II ("The Pirate Bay")", punt 26)). Kif ser nispjega iktar 'il quddiem, fir-realtà dawn il-kriterji huma marbuta b'mod inseparabbli (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 88 ta' dawn il-konklużjonijiet).

għat-trażmissjoni tiegħu lil "pubbliku"[46]. Għaldaqstant, bħala prinċipju, huma l-utenti li unikament għandhom ir-"rwol indispensabbli" imsemmi mill-Qorti tal-Ġustizzja u jwettqu l-atti ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku". Mingħajr l-intervent tagħhom, l-intermedjarji ma jkollhom xejn x'jittrażmettu u l-"pubbliku" ma jkunx jista' jgawdi mix-xogħlijiet inkwistjoni[47].

75. Għall-kuntrarju, fornitur ta' servizzi jmur lil hinn mir-rwol ta' intermedjarju meta *jintervjeni b'mod attiv fil-"komunikazzjoni lill-pubbliku"* tax-xogħlijiet[48]. Minn naħa, dan huwa l-każ jekk dan il-fornitur jagħżel il-kontenut trażmess, jiddeterminah b'mod ieħor, jew saħansitra jippreżentah lill-pubbliku b'tali mod li jidher li huwa tiegħu[49]. F'dawn is-sitwazzjonijiet, dan il-fornitur iwettaq, flimkien mat-terz li inizjalment ipprovda l-kontenut, il-"komunikazzjoni"[50]. Dan huwa l-każ, min-naħa l-oħra, jekk dan l-istess fornitur jagħmel, fuq inizjattiva tiegħu stess, użu sussegwenti tal-imsemmija "komunikazzjoni", billi jittrażmettiha mill-ġdid lil "pubbliku ġdid" jew b'"teknika differenti"[51]. F'dawn l-ipoteżijiet kollha, fornitur ta' servizzi ma jkunx qiegħed sempliċement "jipprovdi faċilitajiet fiżiċi", fis-sens tal-premessa 27 tad-Direttiva 2001/29. Fir-realtà, ikun qed jaqdi "rwol indispensabbli"[52] ladarba jiddeċiedi, minn jeddu, li jikkomunika xogħol partikolari lil pubbliku[53].

76. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li jsostnu F. Peterson u l-Gvern Ġermaniż, is-sempliċi fatt li pjattaformi bħal YouTube jew Uploaded jippermettu lill-pubbliku li jaċċessa xogħlijiet protetti ma jimplikax li l-operaturi tagħhom iwettqu l-"komunikazzjoni lill-pubbliku" ta' dawn ix-xogħlijiet, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29[54].

46 Ara n-noti li jakkumpanjaw il-proposta tat-TDA, Nru 10.10, li jispjegaw li, f'termini ta' "tqegħid għad-dispożizzjoni", l-att determinanti huwa l-*att inizjali ta' tqegħid għad-dispożizzjoni*, u mhux il-provvista ta' spazju ta' ħażna jew ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika. Ara, ukoll, Koo, J., *The Right of Communication to the Public in EU Copyright Law*, Hart publishing, Oxford, 2019, p. 161 u 162.

47 Pereżempju, f'termini ta' xandir, il-"komunikazzjoni lill-pubbliku" issir permezz tal-organizzazzjoni tax-xandir li tiddeċiedi dwar ix-xogħlijiet trażmessi u li tibda b'mod attiv il-"komunikazzjoni" tagħhom, billi ddaħħalhom fil-proċess tekniku li jippermetti t-trażmissjoni tagħhom lill-"pubbliku" (ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Stim u SAMI (C-753/18, EU:C:2020:4, punt 23) u l-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE tas-27 ta' Settembru 1993 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti regoli dwar id-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati ma' drittijiet ta' l-awtur applikabbli għal xandir bis-satellita u ritrasmissjoni bil-cable (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 134)). Min-naħa l-oħra, ix-xandara, li jsegwu l-istruzzjonijiet ta' dik l-organizzazzjoni, jagħmlu "sempliċi provvista ta' faċilitajiet fiżiċi".

48 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Stim u SAMI (C-753/18, EU:C:2020:4, punti 32 sa 37).

49 Ara, fil-Ġermanja, il-ġurisprudenza tal-Bundesgerichstof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja), fil-qasam tad-dritt tal-midja, li jipprovdi li fornitur jadotta d-dikjarazzjoni ta' terz meta jidentifika ruħu magħha u jintegraha fil-katina ta' ħsieb tiegħu b'tali mod li tidher li hija tiegħu (ara, b'mod partikolari, il-Bundesgerichsthof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja), 17 ta' Diċembru 2013, VI ZR 211/12, punt 19). Dan l-approċċ kien intiż fir-rigward tal-proprjetà intellettwali (ara l-Bundesgerichsthof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja), 30 ta' April 2008, I ZR 73/05).

50 Ara, b'analoġija, fir-Renju Unit, l-Artikolu 6(3) tal-Copyright, Designs and Patents Act 1988 (il-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Awtur, id-Disinni u l-Privattivi tal-1988), li jindika, fil-qasam tax-xandir, li l-persuna jew il-persuni li jwettqu l-att ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" huma "(a) […] the person transmitting the programme, *if he has responsibility to any extent for its contents*, and (b) […] any person *providing the programme* who makes with the person transmitting it the arrangements necessary for its transmission".

51 Ara s-sentenza tas-7 ta' Marzu 2013, ITV Broadcasting *et* (C-607/11, EU:C:2013:147). F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li organizzazzjoni taqbad programm imxandar u tittrażmettih mill-ġdid b'mod simultanju, mhux mibdul u integrali permezz ta' *live streaming* fuq l-internet jikkostitwixxi użu sussegwenti ta' din ix-xandira ekwivalenti għal att awtonomu ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", minħabba li din it-trażmissjoni mill-ġdid tuża "metodu tekniku speċifiku", li huwa differenti mix-xandir.

52 Kif ser nispjega fl-analiżi tiegħi tat-tieni domandi preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-Artikoli 12 sa 14 tad-Direttiva 2000/31 fis-sens li intermedjarju li jipprovdi servizz ma jistax jinvoka l-eżenzjonijiet mir-responsabbiltà previsti fiha meta jkun qed jaqdi "rwol attiv ta' natura li jagħtih tagħrif jew kontroll" tad-*data* pprovduta mill-utenti tas-servizz tiegħu (ara s-sentenzi tat-23 ta' Marzu 2010 (C-236/08 sa C-238/08, iktar 'il quddiem "is-sentenza Google France", EU:C:2010:159, punti 112 sa 114), kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2011 (C-324/09, iktar 'il quddiem "is-sentenza L'Oréal vs eBay", EU:C:2011:474, punt 113)). L-approċċ li nissuġġerixxi għad-distinzjoni bejn "att ta' komunikazzjoni" u "sempliċi provvista ta' faċilitajiet fiżiċi" huwa qrib dan ir-raġunament u jippermetti li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 jiġu interpretati b'mod konsistenti. Ara, fl-istess sens, Husovec, M., *Injunctions Against Intermediaries in the European Union – Accountable But Not Liable*?, Cambridge University Press, Cambridge, 2017, p. 55 sa 57.

53 Pereżempju, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764), il-lukandier ma llimitatx ruħu li jintervjeni b'mod passiv fi trażmissjoni deċiża mill-organizzazzjoni tax-xandir. Huwa kien iddeċieda, minn jeddu, li jagħmel użu sussegwenti, mhux previst minn din l-organizzazzjoni, tal-programm imxandar, billi jittrażmettih mill-ġdid lill-klijenti tiegħu. Bl-istess mod, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2011, Airfield u Canal Digitaal (C-431/09 u C-432/09, EU:C:2011:648, punti 74 sa 82), fornitur ta' pakkett bis-satellita li jiġbor fih diversi trażmissjonijiet minn organizzazzjonijiet tax-xandir differenti għall-benefiċċju tal-klijenti tiegħu ma jillimitax ruħu għal "provvista ta' faċilitajiet fiżiċi" peress li huwa jinvolvi ruħu b'mod attiv sabiex joffri, lil pubbliku li huwa stess iddefinixxa, katalogu ta' stazzjonijiet tat-televiżjoni magħżula minnu stess. Barra minn hekk, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tad-29 ta' Novembru 2017, VCAST (C-265/16, EU:C:2017:913, punti 37 sa 51), il-fornitur li jirċievi programmi mxandra u jippermetti lill-utenti tas-servizz tiegħu jirreġistraw "fi sħaba" ix-xandiriet li huma jixtiequ lanqas ma jillimita ruħu għal tali "provvista". Fil-fatt, dan il-fornitur jintervjeni b'mod attiv fil-"komunikazzjoni" peress li, b'mod partikolari, jagħżel l-istazzjonijiet li jaqgħu taħt is-servizz tiegħu.

54 Bl-istess mod, il-fatt li operaturi bħal YouTube u Cyando jospitaw, fuq is-servers tagħhom, ix-xogħlijiet protetti u jittrażmettuhom meta jirċievu talba f'dan is-sens minn membru tal-pubbliku ma huwiex determinanti.

77. Fil-fatt, *qabelxejn*, kif isostnu Google u l-Gvern Finlandiż, sa fejn ix-xogħlijiet inkwistjoni tqiegħdu online mill-utenti ta' dawn il-pjattaformi[55], dawn tal-aħħar għandhom ir-"rwol indispensabbli" fit-tqegħid tagħhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Dawn l-utenti ddeċidew li jikkomunikaw dawn ix-xogħlijiet lill-pubbliku permezz tal-imsemmija pjattaformi, billi għamlu l-għażla xierqa fil-każ ta' YouTube, u billi kkondividew id-*download links* korrispondenti fuq l-internet fil-każ ta' Uploaded[56]. Mingħajr l-intervent tagħhom, l-operaturi ta' dawn l-istess pjattaformi ma jkollhom xejn x'jittrażmettu u l-pubbliku ma jkunx jista' jgawdi mill-imsemmija xogħlijiet.

78. *Sussegwentement*, infakkar li l-proċess ta' tqegħid online ta' fajl fuq pjattaforma bħal YouTube jew Uploaded, ladarba mibdi mill-utent, jitwettaq b'mod awtomatiku[57], mingħajr ma l-operatur ta' din il-pjattaforma ma jagħżel jew jiddetermina b'mod ieħor il-kontenut ippubblikat fuqha. Nippreċiża li kontroll eventwali minn qabel imwettaq minn dan l-operatur, jekk ikun meħtieġ b'mod awtomatizzat, ma jikkostitwixxix, fil-fehma tiegħi, għażla[58] sa fejn dan il-kontroll jillimita ruħu għall-iskoperta tal-kontenut illegali u għalhekk ma jirriflettix ir-rieda tal-imsemmi operatur li jikkomunika ċertu kontenut (u mhux ieħor) lill-pubbliku[59].

79. *Fl-aħħar nett*, dawn l-istess operaturi ma jagħmlux użu sussegwenti mill-"komunikazzjonijiet lill-pubbliku" mibdija mill-utenti tagħhom sa fejn huma ma jittrażmettux mill-ġdid ix-xogħlijiet ikkonċernati lil "pubbliku ġdid" jew skont "metodu tekniku differenti"[60]. Hemm biss, bħala prinċipju, "komunikazzjoni" waħda, dik deċiża mill-utenti inkwistjoni.

80. Minn dan isegwi, fil-fehma tiegħi, li operaturi bħal YouTube u Cyando jillimitaw ruħhom, bħala prinċipju, li jipprovdu "faċilitajiet fiżiċi", kif previst fil-premessa 27 tad-Direttiva 2001/29, li jippermettu lill-utenti tal-pjattaformi tagħhom iwettqu l-"komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, ta' xogħlijiet iddeterminati minnhom. Fil-fehma tiegħi, l-ebda wieħed mill-argumenti mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jqiegħed f'dubju din l-interpretazzjoni.

55 YouTube għandha wkoll kanal li fuqu hija xxandar il-"kontenut" tagħha "stess". Issa, dan l-operatur iwettaq il-"komunikazzjoni lill-pubbliku" ta' dan il-kontenut ladarba jkun ipproduċih u/jew għażlu.

56 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-Kawża VCAST (C-265/16, EU:C:2017:649, punt 27).

57 Ara l-punti 16 u 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

58 Il-kontroll li dawn l-operaturi jeżerċitaw *a posteriori*, b'mod partikolari, sabiex jirreaġixxu fil-pront għan-notifiki li huma jirċievu mid-detenturi tad-drittijiet, ma jistax *a fortiori* jitqies bħala għażla bħal din.

59 YouTube twettaq dan il-kontroll permezz tas-software tagħha Content ID (ara l-punt 22 ta' dawn il-konklużjonijiet). Nenfasizza li, fil-fehma tiegħi, il-fatt li kontroll minn qabel jitwettaq *b'mod awtomatizzat* ma huwiex l-element deċiżiv. Fil-fatt, b'mod assolut, huwa possibbli li wieħed jimmaġina proċess ta' validazzjoni jew ta' selezzjoni ta' kontenut imwettaq minn software li jiddetermina, b'mod algoritmiku, il-kontenut li jikkorrispondi l-aħjar għal dak li l-operatur jixtieq ikollu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq il-pjattaforma tiegħu. Madankollu, dan ma huwiex il-każ ta' sempliċi kontroll tal-legalità.

60 Irrid nenfasizza li l-kriterji tal-"pubbliku ġdid" u tal-"metodu tekniku speċifiku" huma rilevanti biss fir-rigward tal-użu sussegwenti ta' komunikazzjoni inizjali. Dawn il-kriterji jippermettu li jiġu identifikati, fost dawn l-użi sussegwenti, dawk li għandhom jitqiesu bħala "komunikazzjonijiet sekondarji" (jew "trażmissjonijiet mill-ġdid") li jeħtieġu awtorizzazzjoni speċifika (pereżempju, it-trażmissjoni mill-ġdid ta' xandira bil-cable). Dawn l-ipoteżijiet ma jistgħux jiġu konfużi ma' dik li fiha xogħol, li kien is-suġġett ta' komunikazzjoni lill-pubbliku fil-passat, jagħti lok għal komunikazzjoni ġdida lill-pubbliku, indipendenti minn dik preċedenti. F'dan ir-rigward, konformement mal-Artikolu 3(1) u (3) tad-Direttiva 2001/29, kull waħda minn dawn il-komunikazzjonijiet lill-pubbliku għandha tiġi awtorizzata, anki jekk it-tnejn li huma huma mmirati lejn l-istess pubbliku jew jużaw l-istess metodu tekniku. Konsegwentement, ma huwiex importanti li jsir magħruf jekk xogħlijiet imqiegħda online fuq YouTube jew Uploaded humiex legalment disponibbli fuq sit tal-internet ieħor. Kull wieħed minn dawn l-okkorrenzi ta' tqegħid online huwa indipendenti mill-ieħor u t-tnejn li huma jeħtieġu awtorizzazzjoni. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Renckhoff (C-161/17, EU:C:2018:634).

81. *L-ewwel nett*, kuntrarjament għal F. Peterson, Elsevier kif ukoll għall-Gvern tal-Ġermanja u dak ta' Franza, inqis li la l-fatt li operatur bħal YouTube jistruttura l-mod kif il-vidjos imqiegħda online mill-utenti huma ppreżentati fuq il-pjattaforma, billi jinkludihom f'interface standard ta' viżwalizzazzjoni u billi jindiċjahom taħt taqsimiet differenti, u lanqas il-fatt li dan l-operatur jipprovdi funzjoni ta' tfittxija u jipproċessa r-riżultati ta' tfittxija, miġbura fil-qosor fuq il-paġna ewlenija taħt il-forma ta' klassifikazzjoni tal-vidjos f'diversi kategoriji, ma huma rilevanti [61].

82. F'dan ir-rigward, nosserva li din l-istruttura ta' preżentazzjoni u dawn il-funzjonijiet differenti huma intiżi sabiex jirrazzjonalizzaw l-organizzazzjoni tal-pjattaforma, sabiex jiffaċilitaw l-użu tagħha u, b'dan il-mod, sabiex jottimizzaw l-aċċess għall-vidjos ospitati. Issa, ir-rekwiżit, implikat fil-premessa 27 tad-Direttiva 2001/29, li fornitur ta' servizzi ma jwettaqx att ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" sakemm jillimita ruħu għal "sempliċi" provvista ta' faċilitajiet fiżiċi ma jfissirx, fil-fehma tiegħi, li dan il-fornitur ma jistax jottimizza l-aċċess għall-kontenut trażmess billi jorganizza s-servizz tiegħu. [62] Fil-fatt, xejn ma jeżiġi li l-"faċilità fiżika" tkun, fiha nnifisha, "sempliċi". Kif naraha jiena, il-fatt li pjattaforma online għandha ċertu grad għoli ta' sofistikazzjoni, bl-għan li jiġi ffaċilitat l-użu tagħha, ma huwiex rilevanti. Il-limitu li l-fornitur ma jistax jaqbeż, fil-fehma tiegħi, huwa dak tal-intervent attiv fil-komunikazzjoni tax-xogħlijiet lill-pubbliku, kif previst fil-punt 75 ta' dawn il-konklużjonijiet.

83. Issa, struttura ta' preżentazzjoni u ta' funzjonijiet bħal dawn ma humiex, fil-fehma tiegħi, ta' natura li juru li l-operatur qed jaqbeż dan il-limitu. Dawn ma jindikawx b'mod partikolari li huwa jiddetermina l-kontenut li l-utenti jqiegħdu online fuq il-pjattaforma. Il-fatt li jottimizza l-aċċess għall-kontenut ma jistax, b'mod partikolari, jiġi konfuż mal-fatt li l-kontenut fih innifsu jiġi ottimizzat. L-operatur jiddetermina l-kontenut tiegħu biss fit-tieni każ. [63]. Barra minn hekk, il-fatt li pjattaforma bħal YouTube tinkludi interface ta' viżwalizzazzjoni standard ma jippermettix, fil-fehma tiegħi, li jiġi konkluż li l-operatur tagħha jippreżenta l-kontenut lill-pubbliku b'tali mod li jidher li huwa tiegħu, sa fejn din l-interface tindika, għal kull vidjo, liema utent qiegħdu online.

84. *It-tieni nett*, il-fatt li, fuq pjattaforma bħal YouTube, l-utenti rreġistrati jkollhom ħarsa ġenerali ta' "vidjos rakkomandati" lanqas ma huwa determinanti fil-fehma tiegħi. Xejn ma jikkontesta l-fatt li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jaffettwaw il-kontenut ikkonsultat minn dawn l-utenti. Madankollu, sa fejn l-imsemmija rakkomandazzjonijiet huma ġġenerati b'mod awtomatiku, abbażi tal-vidjos li l-utent inkwistjoni ra qabel, u għandhom biss l-għan li jiffaċilitaw l-aċċess ta' dan l-utent għal vidjos analogi, dawn ma jirriflettux deċiżjoni tal-operatur li jikkomunika xogħol partikolari lil pubbliku. Fi kwalunkwe każ, jibqa' l-fatt li dan l-operatur ma jiddeterminax, minn qabel, liema xogħlijiet ikunu disponibbli fuq il-pjattaforma tiegħu.

61 Din il-kwistjoni ma tqumx fir-rigward ta' pjattaforma bħal Uploaded, li ma għandhiex funzjonijiet ta' tfittxija jew indiċi tal-fajls ospitati. F'dan il-kuntest, m'iniex konvint mill-argument imressaq minn Elsevier u l-Gvern Ġermaniż li l-assenza ta' dawn il-funzjonijiet ma hijiex determinanti minħabba li siti terzi, li jaġixxu bħala kollezzjonijiet ta' links, jippermettu lill-pubbliku jsib, fost il-kontenut hekk ospitat, ix-xogħlijiet li huma jixtiequ jniżżlu. Minbarra li, fi kwalunkwe każ, l-imsemmija funzjonijiet ma humiex, fil-fehma tiegħi, rilevanti għall-finijiet li jsir magħruf jekk fornitur ta' servizzi jwettaqx "komunikazzjoni lill-pubbliku", jidhirli li, f'dan ir-rigward, għandu jsir riferiment għall-atti ta' dan il-fornitur, u mhux għal dawk ta' terzi li magħhom ma għandu ebda relazzjoni.

62 Għall-kuntrarju, l-iffaċilitar tal-inkontru bejn terzi li jixtiequ jikkomunikaw kontenut u l-pubbliku huwa x-xogħol ta' intermedjarju. Ara OECD, *The Economic and Social Role of Internet Intermediaries*, April 2010, p. 15.

63 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li ssostni Elsevier, il-fatt li operatur bħal YouTube jikkonverti f'diversi formati l-vidjos imqiegħda online sabiex jadattahom għal diversi qarrejja u għal veloċitajiet ta' konnessjoni, fil-fehma tiegħi ma huwiex rilevanti. Fil-fatt, dawn huma operazzjonijiet tekniċi intiżi sabiex jippermettu u jiffaċilitaw it-trażmissjoni tad-data u, għaldaqstant, il-qari ta' dawn il-vidjos mill-membri tal-pubbliku fuq il-browser tagħhom (jew l-applikazzjoni ddedikata). Tali operazzjonijiet tekniċi ma jistgħux jiġu assimilati ma' bidla fil-kontenut mill-fornitur. Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2011, Airfield et Canal Digitaal (C-431/09 u C-432/09, EU:C:2011:648, punti 60 u 61).

85. *It-tielet nett*, kuntrarjament għal dak li jsostnu F. Peterson u Elsevier, il-fatt li operatur bħal YouTube jistipula, fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-użu tal-pjattaforma tiegħu, li kull utent jagħtih liċenzja operattiva dinjija, mhux esklużiva u mingħajr ħlas fuq il-vidjos li huwa jqiegħed online ma jikkontestax l-interpretazzjoni li qed nissuġġerixxi. Fil-fatt, din it-tip ta' stipulazzjoni [64], li tawtorizza lill-operatur tal-pjattaforma jxandar il-kontenut imqiegħed online mill-utenti tiegħu, u li permezz tagħha huwa jippretendi, barra minn hekk, li jikseb b'mod awtomatiku u sistematiku drittijiet fuq dan il-kontenut kollu [65], ma jurix, fih innifsu, li dan l-operatur jintervjeni b'mod attiv fil-"komunikazzjoni lill-pubbliku" tax-xogħlijiet, kif previst fil-punt 75 ta' dawn il-konklużjonijiet. Fil-fatt, peress li din l-istipulazzjoni tapplika, preċiżament, b'mod sistematiku u awtomatiku għal kwalunkwe kontenut imqiegħed online, hija ma tindikax li l-imsemmi operatur jiddeċiedi dwar il-kontenut trażmess. Min-naħa l-oħra, meta dan l-istess operatur juża mill-ġdid, skont l-imsemmija liċenzja, il-kontenut imqiegħed online mill-utenti tal-pjattaforma [66], huwa jwettaq, f'dan ir-rigward, atti ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku".

86. *Ir-raba' nett*, lanqas ma jikkonvinċini l-argument ta' F. Peterson u ta' Elsevier li l-mudell ekonomiku adottat minn operaturi bħal YouTube jew Cyando juri li dawn tal-aħħar ma humiex limitati għal "provvista ta' faċilitajiet fiżiċi", fis-sens tal-premessa 27 tad-Direttiva 2001/29, iżda jwettqu l-"komunikazzjoni lill-pubbliku" tax-xogħlijiet imqiegħda online mill-utenti tal-pjattaformi tagħhom. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li r-remunerazzjoni rċevuta minn dawn l-operaturi, iġġenerata b'mod partikolari permezz tal-bejgħ ta' spazji ta' reklamar (mudell "YouTube") jew ta' abbonamenti (mudell "Cyando"), ma hijiex il-korrispettiv ta' servizz tekniku — dawn tal-aħħar, b'mod partikolari, ma jitolbux ħlas lill-utenti għall-ispazju ta' ħażna bħala tali — iżda tiddependi fuq l-attrazzjoni tal-kontenut imqiegħed online fuq il-pjattaformi tagħhom. Fil-fatt, fil-każ ta' YouTube, id-dħul mir-reklamar miġbur huwa iktar importanti peress li l-frekwentazzjoni tal-pjattaforma hija għolja u, fil-każ ta' Cyando, il-prospettiva li jkun jista' jitniżżel faċilment kontenut attraenti twassal lill-utenti sabiex jabbonaw.

87. B'mod ġenerali, l-iskop ta' lukru mfittex minn fornitur ta' servizzi huwa, fil-fehma tiegħi, element ta' utilità għalkollox relattiva sabiex issir distinzjoni bejn l-atti ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" u tali "provvista". Minn naħa, infakkar li, wara riflessjoni [67], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza Reha Training [68], ġustament, fil-fehma tiegħi, li n-natura lukrattiva *ma hijiex kriterju* tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", iżda tista' tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ammont ta' remunerazzjoni jew kumpens eventwali dovut lill-awtur għal tali "komunikazzjoni" [69]. Għalhekk, in-natura lukrattiva tista', l-iktar, tikkostitwixxi *indizju* tal-eżistenza ta' tali

64 Skont ir-riċerki tiegħi, fil-kundizzjonijiet ġenerali ta' użu tal-pjattaformi online spiss ikun hemm tali stipulazzjoni. Ara, b'mod partikolari, dawk ta' Facebook (verżjoni tal-31 ta' Lulju 2019, punt 3.3 "The permissions you give us" aċċessibbli fl-indirizz https://m.facebook.com/terms?locale=mt_MT).

65 Wieħed jista' jistaqsi dwar il-kompatibbiltà ta' tali stipulazzjoni u dwar il-liċenzja operattiva ġeneruża li hija tipprevedi ma' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-proprjetà intellettwali jew, fir-rigward tal-utenti mhux professjonali, mad-dritt tal-konsum tal-Unjoni. Madankollu, din il-kwistjoni tmur lil hinn mis-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet. Ser nillimita ruħi sabiex nindika li, fir-rigward tal-utenti professjonali, issa huma previsti regoli f'dan il-qasam fl-Artikolu 3(1)(e) tar-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online (ĠU 2019, L 186, p. 57).

66 Qed naħseb b'mod partikolari dwar il-kumpilazzjonijiet tat-tip "YouTube Rewind".

67 Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet, minn darba għal oħra, l-ewwel nett irriżervat il-kwistjoni dwar jekk l-eżistenza ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" tiddependix min-natura lukrattiva tagħha (ara s-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764, punt 44)); it-tieni nett iddeċidiet, bi prudenza, li dan l-element "ma huwiex irrilevanti" (ara s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2011, Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punti 204 sa 206)); it-tielet nett ikkunsidrat, b'mod ċar, li n-natura lukrattiva hija "kriterju" tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", peress li l-assenza tagħha teskludi tali "komunikazzjoni" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, SCF (C-135/10, EU:C:2012:140, punti 97 sa 99)), qabel, ir-raba' nett, ma affermat li n-natura lukrattiva "ma hijiex neċessarjament kundizzjoni indispensabbli" u "ma hijiex determinanti" f'dan ir-rigward (sentenza tas-7 ta' Marzu 2013, ITV Broadcasting *et* (C-607/11, EU:C:2013:147, punti 42 u 43)).

68 Sentenza tal-31 ta' Mejju 2016 (C-117/15, EU:C:2016:379, punti 49 u 62 sa 64).

69 Fil-fatt, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 huwa indifferenti mill-fatt dwar jekk il-"komunikazzjoni lill-pubbliku" għandhiex jew le natura lukrattiva. Kif indikajt, l-eżistenza ta' tali komunikazzjoni hija fatt oġġettiv. Barra minn hekk, peress li din id-dispożizzjoni tirrikonoxxi dritt esklużiv lill-awtur, kull "komunikazzjoni lill-pubbliku" ta' xogħol imwettqa minn terz mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu tikser, bħala prinċipju, dan id-dritt, irrispettivament minn jekk dan it-terz għandux skop ta' lukru jew le. L-Artikolu 5(3)(a), (b) u (j) ta' din id-direttiva madankollu jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jipprevedu eċċezzjonijiet għal ċerti "komunikazzjonijiet" imwettqa mingħajr skop ta' lukru.

"komunikazzjoni"[70]. Mandankollu, l-iskop ta' lukru mfittex minn fornitur ta' servizzi huwa indizju inqas utli sabiex issir tali distinzjoni, peress li, min-naħa l-oħra, il-provvista ta' "faċilità fiżika" li tippermetti li titwettaq "komunikazzjoni lill-pubbliku", hija, bħala regola ġenerali, magħmula għal dan il-għan[71]. B'mod partikolari, il-parti l-kbira tal-intermedjarji online jipprovdu s-servizzi tagħhom bi ħlas.

88. B'mod iktar speċifiku, il-fatt li r-remunerazzjoni miġbura mill-operaturi bħal YouTube u Cyando tiddependi fuq l-attrazzjoni tal-kontenut ippubblikat permezz tal-pjattaformi tagħhom mill-utenti tagħhom ma jippermettix li jiġi konkluż li dawn l-operaturi jwettqu huma stess il-"komunikazzjoni lill-pubbliku" tax-xogħlijiet li jistgħu jinsabu fiha. Infakkar li l-kriterju deċiżiv, fil-fehma tiegħi, huwa jekk il-fornitur ta' servizzi jintervjenix b'mod attiv f'din il-"komunikazzjoni", kif spjegat fil-punt 75 ta' dawn il-konklużjonijiet. Madankollu, kif naraha jiena, dan il-fatt waħdu ma jippermettix li dan jintwera[72].

89. L-interpretazzjoni li qed nissuġġerixxi hija kkonfermata, fil-fehma tiegħi, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tad-dritt tat-trade marks. F'dan ir-rigward, infakkar li, fis-sentenza Google France, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, bħala Awla Manja, li l-użu, bħala kliem prinċipali fil-kuntest ta' servizz ta' referenzjar fuq l-internet, bħas-servizz AdWords ipprovdut minn Google, ta' sinjali identiċi jew simili għal trade marks, mingħajr awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tagħhom, jikkostitwixxi użu pprojbit ta' dawn it-trade marks, fis-sens tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, dan l-użu jsir mill-utent tas-servizz ta' referenzjar, li għażel dawn is-sinjali bħala kliem prinċipali, u mhux mill-fornitur tas-servizz, li sempliċement jagħtih il-mezzi sabiex jagħmel dan. Il-fatt li dan il-fornitur jitħallas mill-klijenti tiegħu għall-użu ta' dawn is-sinjali huwa irrilevanti. Fil-fatt, għall-Qorti tal-Ġustizzja, "il-fatt li joħloq il-kundizzjonijiet tekniċi neċessarja għall-użu ta' sinjal u li jitħallas għal dan is-servizz, ma jfissirx li min joffri dan is-servizz jagħmel huwa nnifsu użu mill-imsemmi sinjal"[73].

90. B'mod simili, fis-sentenza L'Oréal vs eBay, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, mill-ġdid bħala Awla Manja, li l-użu, f'offerti għall-bejgħ ippubblikati fuq suq online, ta' sinjali li jikkorrispondu għal trade marks, mingħajr awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tagħhom, jikkostitwixxi użu pprojbit ta' dawn it-trade marks. Madankollu, għal darb'oħra, dan l-użu ma jsirx mill-operatur tas-suq, iżda mill-utenti li ppubblikaw dawk l-offerti għall-bejgħ. Fil-fatt, sa fejn dan l-operatur jillimita ruħu li jippermetti lill-utenti tas-servizz tiegħu jqiegħdu online tali offerti għall-bejgħ u, jekk ikun il-każ, li jużaw dawn is-sinjali f'dan il-post tas-suq, ma jkunx qed jagħmel huwa stess użu minn dawn is-sinjali[74].

91. Issa, huwa paċifiku li, b'mod partikolari, eBay tistruttura l-preżentazzjoni ġenerali tal-avviżi tal-utenti bejjiegħa tagħha, tindiċjahom f'taqsimiet differenti u twettaq funzjoni ta' riċerka. Dan l-operatur jirrakkomanda, b'mod awtomatiku, lill-utenti xerrejja offerti analogi għal dawk li jkunu kkonsultaw preċedentement. Barra minn hekk, ir-remunerazzjoni tal-operaturi inkwistjoni fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi Google France u L'Oréal vs eBay tiddependi fuq l-attrazzjoni tal-kontenut ipprovdut mill-utenti tas-servizzi tagħhom. Google, fil-kuntest tas-servizz AdWords, titħallas skont in-numru ta' klikks fuq il-links pubbliċitarji li jużaw il-kliem prinċipali magħżul mill-utenti li

70 Pereżempju, il-fatt li persuna xxandar xogħlijiet bi skop ta' lukru jindika li hija tagħmel dan mhux għal grupp privat, iżda għal persuni inġenerali, jiġifieri għal "pubbliku". Dan l-istatus ta' sempliċi indizju jispjega, fil-fehma tiegħi, il-fatt li, f'diversi sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkaratterizzat ċerti atti bħala "komunikazzjonijiet lill-pubbliku" mingħajr ma qajmet il-kwistjoni tan-natura lukrattiva. Ara s-sentenzi tat-13 ta' Frar 2014, Svensson *et* (C-466/12, EU:C:2014:76); tas-27 ta' Frar 2014, OSA (C-351/12, EU:C:2014:110); tad-29 ta' Novembru 2017, VCAST (C-265/16, EU:C:2017:913); tas-7 ta' Awwissu 2018, Renckhoff (C-161/17, EU:C:2018:634), kif ukoll tad-19 ta' Diċembru 2019, Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene Uitgevers (C-263/18, EU:C:2019:1111).

71 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Stim u SAMI (C-753/18, EU:C:2020:4, punti 43 u 44).

72 Barra minn hekk, id-dħul mir-reklamar irċevut minn pjattaforma bħal YouTube jiddependi mill-popolarità tal-pjattaforma, f'kull użu possibbli tagħha. Bl-istess mod, l-abbonamenti bħal dawk proposti minn Cyando joffru diversi vantaġġi fil-qasam ta' tniżżil ta' kontenut, iżda wkoll, milli jidher, f'termini ta' kapaċità ta' ħażna. F'tali kuntest, jidhirli li l-linja li tissepara l-"korrispettiv għas-servizz" u l-"korrispettiv għall-kontenut" hija rqiqa ħafna. Għall-kuntrarju, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2011, Airfield u Canal Digitaal (C-431/09 u C-432/09, EU:C:2011:648, punt 80), il-prezz tal-abbonament imħallas mill-pubbliku lil fornitur ta' pakkett bis-satellita huwa (bla dubju) il-korrispettiv tal-aċċess għax-xogħlijiet ikkomunikati bis-satellita.

73 Ara s-sentenza Google France, punti 50 sa 57 kif ukoll 104.

74 Ara s-sentenza L'Oréal vs eBay, punti 98 sa 105. Ara, ukoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Coty Germany (C-567/18, EU:C:2020:267, punti 34 sa 48).

jirreklamaw[75]. eBay tirċievi perċentwali mit-tranżazzjonijiet li jsiru minn offerti għall-bejgħ imqiegħda fil-post tas-suq tagħha[76]. Jidher li dawn iċ-ċirkustanzi differenti ma kinux determinanti, jew saħansitra rilevanti, f'għajnejn il-Qorti tal-Ġustizzja, li lanqas biss semmiethom fir-raġunament tagħha. Għalhekk, nistaqsi dwar ir-raġunijiet għalfejn dawn għandhom jingħataw, f'dawn il-kawżi, l-importanza li jissuġġerixxu r-rikorrenti fil-kawża prinċipali[77].

92. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domandi li l-operatur ta' pjattaforma ta' kondiviżjoni ta' vidjos u l-operatur ta' pjattaforma ta' hosting u ta' kondiviżjoni ta' fajls ma jwettqux att ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, meta utent tal-pjattaformi tagħhom iqiegħed fihom online xogħol protett.

93. Konsegwentement, dawk l-operaturi ma jistgħux jinżammu *direttament responsabbli*, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, meta terzi jqiegħdu xogħlijiet protetti għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, permezz tal-pjattaformi tagħhom, mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel tad-detenturi tad-drittijiet – u mingħajr ma hija applikabbli eċċezzjoni jew limitu. Din il-konklużjoni ma teskludix li tista' tirriżulta, għall-imsemmija operaturi, forma ta' *responsabbiltà sekondarja*. Din il-kwistjoni għandha madankollu tiġi eżaminata fid-dawl tar-regoli dwar ir-responsabbiltà ċivili previsti mill-Istati Membri, li għandhom josservaw il-limiti imposti mill-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2000/31[78].

2. Fuq il-fatt li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 ma jirregolax ir-responsabbiltà sekondarja tal-persuni li jiffaċilitaw it-twettiq, minn terzi, ta' atti ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" illegali

94. B'mod preliminari, ta' min ifakkar, qabelxejn, li, fis-sentenza GS Media, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'mod konformi mas-sentenza tagħha Svensson *et*[79], li t-tqegħid fuq sit internet ta' hyperlinks li jirreferu għal xogħlijiet ippubblikati b'mod illegali fuq sit tal-internet ieħor jista' jikkostitwixxi "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29. Essenzjalment, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, bit-tqegħid ta' tali links, persuna taqdi "rwol indispensabbli" ladarba tagħti lill-pubbliku "aċċess dirett" għax-xogħlijiet ikkonċernati. Madankollu, tali tqegħid ta' links jikkostitwixxi "komunikazzjoni lill-pubbliku" biss jekk jintwera li l-persuna li tkun għamlitu *kienet taf jew kellha tkun taf* li dawk il-links jagħtu aċċess għal xogħlijiet ippubblikati illegalment, b'dan l-għarfien għandu jiġi preżunt meta din il-persuna jkollha skop ta' lukru[80].

95. Imbagħad, fis-sentenza Stichting Brein I ("Filmspeler"), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-bejgħ ta' multimedia player li fuqu ġew installati minn qabel moduli addizzjonali li jinkludu hyperlinks li jirreferu għal siti tal-internet li jxandru xogħlijiet protetti permezz ta' *streaming*, b'mod illegali, jikkostitwixxi "komunikazzjoni lill-pubbliku". F'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-bejjiegħ ta' dan il-player ma llimitax ruħu għal "sempliċi provvista ta' faċilitajiet fiżiċi" iżda kellu, għall-kuntrarju, "rwol indispensabbli" fil-komunikazzjoni tax-xogħlijiet minħabba li, mingħajr il-moduli addizzjonali li huwa kien installa minn qabel fl-imsemmi player, ix-xerrejja ta' dan l-istess player "ikunu biss diffiċilment jistgħu jgawdu x-xogħlijiet protetti", peress li s-siti ta' xandir bi

75 Ara s-sentenza Google France, punt 25.

76 Ara s-sentenza L'Oréal vs eBay, punti 28 u 110.

77 Mill-bqija, b'analoġija, fis-sentenza tas-16 ta' Frar 2012, SABAM (C-360/10, EU:C:2012:85, b'mod partikolari l-punti 27 u 40), il-Qorti tal-Ġustizzja telqet mill-premessa li tgħid li l-operatur ta' pjattaforma ta' network soċjali sempliċement jipprovdi servizz li jippermetti lill-utenti tiegħu jikkomunikaw xogħlijiet lill-pubbliku, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29. Ma narax għalfejn għandi nitbiegħed minn dan l-approċċ hawnhekk.

78 Ara, b'analoġija, is-sentenza Google France, punt 57, is-sentenza L'Oréal vs eBay, punt 104, u s-sentenza tat-2 ta' April 2020, Coty Germany (C-567/18, EU:C:2020:267, punt 49).

79 Sentenza tat-13 ta' Frar 2014 (C-466/12, EU:C:2014:76).

80 Ara s-sentenza GS Media, punti 40 sa 51.

streaming ikkonċernati ma humiex faċilment identifikabbli mill-pubbliku. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq il-fatt li l-bejjiegħ tal-imsemmi player *kellu għarfien* tal-fatt li dawn il-moduli addizzjonali kienu jippermettu l-aċċess għal xogħlijiet trażmessi fuq l-internet *b'mod illegali* [81].

96. Fl-aħħar nett, fis-sentenza Stichting Brein II ("The Pirate Bay"), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-tqegħid għad-dispożizzjoni u l-ġestjoni ta' pjattaforma tal-internet, li taħżen u tidentifika fajls torrent, imqiegħda online mill-utenti tagħha, jikkostitwixxu "komunikazzjoni lill-pubbliku", li tippermetti lil dawn tal-aħħar jikkondividu u jniżżlu xogħlijiet protetti fil-kuntest ta' network *peer-to-peer*. Għall-Qorti tal-Ġustizzja, l-amministraturi ta' din il-pjattaforma ma llimitawx ruħhom għal "sempliċi provvista ta' faċilitajiet fiżiċi" iżda kellhom "rwol indispensabbli" fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tax-xogħlijiet minħabba li kienu joffru, fuq il-pjattaforma, diversi mezzi, fosthom funzjoni ta' tfittxija u indiċi tal-fajls torrent ospitati, li jiffaċilitaw il-lokalizzazzjoni ta' dawn il-fajls. Għalhekk, mingħajr l-intervent tagħhom, "l-utenti ma jkunux jistgħu jaqsmu l-imsemmija xogħlijiet bejniethom jew, tal-inqas, il-qsim tagħhom fuq l-internet jirriżulta li jkun iktar kumpless". Hemmhekk ukoll, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat il-fatt li l-amministraturi tal-imsemmija pjattaforma kellhom *għarfien* tal-fatt li x-xogħlijiet kienu ġeneralment qegħdin jiġu kondiviżi permezz ta' din l-istess pjattaforma *b'mod illegali* [82].

97. Bħala prinċipju, kif spjegajt fil-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet, kif tindika l-premessa 23 tad-Direttiva 2001/29 u kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet diversi drabi [83], "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, tikkorrispondi għat-*trażmissjoni* ta' xogħol lil pubbliku. Din il-premessa tippreċiża, barra minn hekk, li "[d]an id-dritt m'għandu jirregola l-ebda att ieħor". Jekk, fl-ipoteżi ta' tqegħid għad-dispożizzjoni, huwa biżżejjed li l-persuna inkwistjoni tagħti lill-pubbliku aċċess għax-xogħol, dan l-aċċess għandu jimplika, kif ippreċiżajt fil-punt 57 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-*possibbiltà ta' trażmissjoni* ta' dan ix-xogħol, li sseħħ fuq talba ta' membru tal-pubbliku.

98. Madankollu, ebda wieħed mill-atti inkwistjoni fit-tliet sentenzi eżaminati f'din it-taqsima ma jikkonsistu, fil-fehma tiegħi, fit-trażmissjoni, attwali jew potenzjali, ta' xogħol lil pubbliku. Is-sentenza Stichting Brein II ("The Pirate Bay") tipprovdi, f'dan ir-rigward, l-eżempju l-iktar rappreżentattiv. Peress li x-xogħlijiet kondiviżi fuq in-network *peer-to-peer* ma kinux ippubblikati fuq il-pjattaforma kontenzjuża, l-amministraturi tagħha ma kinux, materjalment, f'pożizzjoni li jittrażmettuhom lill-pubbliku. Fir-realtà, din il-pjattaforma kienet sempliċement *tiffaċilita* t-trażmissjonijiet imwettqa mill-utenti tagħha fuq dan in-network [84]. L-istess japplika fis-sentenzi GS Media u Stichting Brein I ("Filmspeler"). It-tqegħid tal-hyperlinks u l-bejgħ tal-multimedia player inkwistjoni f'dawk is-sentenzi *kienu jiffaċilitaw* l-aċċess għax-xogħlijiet illegalment imqiegħda online fuq is-siti internet inkwistjoni [85].

81 Ara s-sentenza Stichting Brein I (" filmspeler"), punti 41 sa 51.

82 Ara s-sentenza Stichting Brein II ("The Pirate Bay"), punti 35 sa 46.

83 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2011, Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punt 193); tal-31 ta' Mejju 2016, Reha Training (C-117/15, EU:C:2016:379, punt 38), kif ukoll tad-19 ta' Diċembru 2019,Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene Uitgevers (C-263/18, EU:C:2019:1111, punti 49 u 62). Fis-sentenza tal-24 ta' Novembru 2011, Circul Globus Bucureşti (C-283/10, EU:C:2011:772, punt 40), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 ma jkoprix atti li ma jinvolvux it-"trażmissjoni" jew it-"trażmissjoni mill-ġdid" ta' xogħol.

84 Nippreċiża li r-responsabbiltà tal-utenti ta' netwrok *peer-to-peer* skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 hija s-suġġett tal-kawża pendenti C-597/19, M.I.C.M.

85 Il-kwistjoni tal-hyperlinks tmur lil hinn mis-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha l-okkażjoni li teżamina din il-kwistjoni mill-ġdid fil-kawża pendenti C-392/19, VG Bild-Kunst.

99. Fil-qosor, fil-fehma tiegħi, f'dawk is-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja daħħlet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 atti li, strettament, ma jikkostitwixxux trażmissjonijiet ta' xogħlijiet, iżda li *jiffaċilitaw* it-twettiq ta' tali trażmissjonijiet illegali minn terzi [86].

100. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja, f'dawk l-istess sentenzi, integrat fil-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" kriterju marbut mal-*għarfien tal-illegalità*. Issa, kif sostnew Elsevier u l-Gvern Franċiż, bħala prinċipju, dan il-kunċett ma jinvolvix tali kriterju. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'mod kostanti, li l-eżistenza ta' tali "komunikazzjoni" tippreżupponi li l-persuna kkonċernata tintervjeni "b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi tal-aġir tagħha", "b'mod deliberat", b'mod "intenzjonat" jew b'mod "immirat" xogħol lil pubbliku [87], dan il-kliem differenti huwa intiż fil-fehma tiegħi sabiex jindika, bħala prinċipju, li, kif spjegajt fil-punt 72 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-imsemmi kunċett jimplika *rieda li jiġi trażmess* xogħol lil pubbliku [88]. Din il-kwistjoni hija *a priori* differenti mill-punt dwar jekk il-persuna li twettaq il-"komunikazzjoni lill-pubbliku" ta' xogħol mingħajr awtorizzazzjoni tal-awtur għandhiex għarfien tal-fatt li tali "komunikazzjoni" hija, bħala prinċipju, illegali.

101. F'dan ir-rigward, kif spjegajt fil-punt 64 ta' dawn il-konklużjonijiet, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, l-eżistenza ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" hija, bla ħsara għad-differenza indikata fil-punt preċedenti, ġeneralment meqjusa bħala *fatt oġġettiv*. In-natura legali jew illegali ta' din il-"komunikazzjoni" lanqas ma tiddependi, bħala prinċipju, mill-għarfien tal-persuna li twettaqha, iżda essenzjalment fuq il-punt dwar jekk l-awtur awtorizzax l-imsemmija "komunikazzjoni" [89]. Min-naħa l-oħra, l-għarfien ta' din il-persuna jista' jittieħed inkunsiderazzjoni fl-istadju tas-sanzjonijiet u tar-rimedji li għalihom din tista' tiġi kkundannata. B'mod partikolari, mill-Artikolu 13 tad-Direttiva 2004/48 jirriżulta li persuna li kisret dritt tal-proprjetà intellettwali u *li kienet taf jew b'raġunijiet validi li suppost kienet taf* għandha l-obbligu li tħallas lid-detentur tad-dritt danni skont il-preġudizzju attwali soffert minnu/minnha riżultat tal-ksur. Għall-kuntrarju, meta persuna twettaq tali preġudizzju u *ma kinitx taf jew kienet taf imma kellha raġjunijiet validi*, tista' tingħata kundanna inqas oneruża, fil-forma tal-irkupru tal-profitti li tkun għamlet jew il-pagament tad-danni, li jistgħu jkunu stabbiliti minn qabel [90].

86 Ara, f'dan il-kuntest, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża GS Media (C-160/15, EU:C:2016:221, punti 54 sa 61). Barra minn hekk, fil-punt 26 tas-sentenza Stichting Brein II ("The Pirate Bay"), il-Qorti tal-Ġustizzja emendat id-definizzjoni inizjali tar-"rwol indispensabbli", issa mifhum bħala l-fatt, għal persuna, "[li tintervjeni] b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi tal-aġir [tagħha], sabiex [t]agħti lill-klijenti [tagħha] aċċess għal xogħol protett, u dan b'mod partikolari meta, fl-assenza ta' dan l-intervent, dawn il-klijenti ma jkunux jistgħu, *jew diffiċilment ikunu jistgħu*, igawdu mix-xogħol imxandar" (enfasi miżjuda minni).

87 Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE (C-306/05, EU:C:2006:764, punt 42); tal-4 ta' Ottubru 2011, Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punt 194); tal-15 ta' Marzu 2012, SCF (C-135/10, EU:C:2012:140, punti 91 u 94), kif ukoll tas-27 ta' Frar 2014, OSA (C-351/12, EU:C:2014:110, punt 26).

88 It-trażmissjoni aċċidentali ta' xogħol lil pubbliku, pereżempju, mużika mxandra f'dar privata fuq loudspeakers irregolati b'volum għoli, li tinstema' minn persuni li jkunu għaddejjin fit-triq, ma tikkostitwixxix għaldaqstant "komunikazzjoni lill-pubbliku". In-natura volontarja ta' komunikazzjoni hija dedotta minn elementi oġġettivi li jirrigwardaw in-natura stess tal-intervent tal-persuna inkwistjoni. Dan jispjega li, apparti s-sentenzi GS Media, Stichting Brein I ("Filmspeler") u Stichting Brein II("The Pirate Bay"), il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma wettqet eżami separat ta' din il-kwistjoni u ppreżentatha, ġustament, bħala marbuta b'mod inseparabbli ma' dik tar-"rwol indispensabbli" tal-persuna inkwistjoni.

89 Ara, b'analoġija, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona fil-kawża Stichting Brein (C-527/15, EU:C:2016:938, punt 71).

90 Barra minn hekk, uħud mill-miżuri previsti mid-Direttiva 2004/48 huma previsti biss għall-atti mwettqa fuq skala kummerċjali, *bl-esklużjoni tal-atti li jitwettqu minn konsumaturi finali li jaġixxu in bona fide*. Ara l-premessa 14 kif ukoll l-Artikolu 6(2), l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 9(2) ta' dik id-direttiva.

102. B'dan stabbilit, il-fatt li persuna – b'mod partikolari intermedjarju li jipprovdi servizz – xjentement tiffaċilita t-twettiq minn terzi ta' atti ta' "komunikazzjonijiet lill-pubbliku" illegali jikkostitwixxi aġir kundannabbli. Madankollu, huwa ġeneralment aċċettat li din hija kwistjoni ta' *responsabbiltà sekondarja*, li taqa' taħt ir-regoli dwar ir-responsabbiltà ċivili previsti mill-Istati Membri [91]. Din ir-responsabbiltà sekondarja għall-okkorrenzi ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur imwettqa minn terzi timplika wkoll, ġeneralment, element morali bħall-għarfien tal-illegalità jew tal-intenzjoni [92].

103. Issa, fil-fehma tiegħi, peress li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 jarmonizza l-kontenut materjali tad-dritt ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", huwa jiddetermina l-atti li jaqgħu taħt dan id-dritt esklużiv u, f'dan ir-rigward, ir-*responsabbiltà primarja* li jġorru dawk li jwettqu tali atti b'mod illegali. Min-naħa l-oħra, ma hemm ebda element fil-kliem ta' dik id-dispożizzjoni jew fid-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' dik id-direttiva li jissuġġerixxi li din hija intiża sabiex tirregola kwistjonijiet ta' *responsabbiltà sekondarja* [93]. Dan huwa iktar notevoli, peress li meta l-leġiżlatur tal-Unjoni jkun jixtieq li dawn il-kwistjonijiet ikunu koperti mill-atti li jadotta, huwa ma jonqosx li jispeċifika dan [94].

104. Għal dawn ir-raġunijiet, għandi riżervi fir-rigward tar-raġunament segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi GS Media, Stichting Brein I ("Filmspeler") u Stichting Brein II ("The Pirate Bay"). Indipendentement mill-punt dwar jekk huwiex mixtieq li tkun teżisti fil-livell tal-Unjoni soluzzjoni uniformi għall-aġir tal-persuni li jiffaċilitaw deliberatament it-twettiq ta' atti illegali minn terzi, u anki jekk stess din l-uniformità tikkontribwixxi sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, fl-opinjoni tiegħi, jibqa' l-fatt li, fl-istat attwali tiegħu, id-dritt tal-Unjoni ma jipprevedix dan [95]. Huwa l-leġiżlatur tal-Unjoni li għandu jinkludi sistema ta' responsabbiltà sekondarja fid-dritt tal-Unjoni.

105. Ninsisti fuq il-fatt li t-tqegħid ta' hyperlinks li jirreferu għal xogħlijiet ippubblikati illegalment fuq sit internet, imwettaq b'għarfien sħiħ ta' din l-illegalità, il-bejgħ ta' media player bħal "Filmspeler" u l-ġestjoni ta' pjattaforma bħal "The Pirate Bay" għandhom ċertament jiġu ssanzjonati. Madankollu, ma huwiex neċessarju li dan l-aġir jiddaħħal fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 sabiex jintlaħaq dan ir-riżultat. Fil-fehma tiegħi, tweġiba għal dawn l-atti tista', u għandha, tinstab fid-dritt ċivili tal-Istati Membri, jew saħansitra fid-dritt kriminali ta' dawn tal-aħħar. L-interpretazzjoni li qed nissuġġerixxi għalhekk ma tħallix lill-awturi neqsin f'dan ir-rigward.

91 Fil-Ġermanja, ir-responsabbiltà għall-kompliċità hija prevista fl-Artikolu 830 tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili) (iktar 'il quddiem il-"BGB") (ara, dwar is-suġġett, l-analiżi tiegħi dwar il-ħames u s-sitt domandi preliminari). Fir-Renju Unit, il-fatt li wieħed jawtorizza, jikseb il-mezzi jew iħeġġeġ ksur jikkostitwixxi reat (tort) (ara Arnold, R., u Davies, P. S., "Accessory liability for intellectual property infringement: the case of authorisation", *Law Quarterly Review*, Nru 133, 2017, p. 442-468). Ara, mill-ġdid, b'analoġija, fl-Istati Uniti, ir-regoli ta' *contributory infringement* (ara Ginsburg, J.C., "Separating the *Sony* Sheep from the *Grokster* Goats: Reckoning the Future Business Plans of Copyright-Dependent Technology Entrepreneurs", *Arizona Law Review*, Vol. 50, 2008, p. 577 sa 609).

92 Ara, b'mod partikolari, Leistner, M., "Copyright law on the internet in need of reform: hyperlinks, online platefomes and aggregators", *Journal of Intellectual Property Law & Practice*, 2017, Vol. 12, Nru 2, p. 136 sa 149; Angelopoulos, C., "Communication to the public and accessory copyright infringement", *Cambridge Law Journal*, 2017, Vol. 76, Nru 3, p. 496 sa 499; Koo, J., *op. cit.*, p. 117, kif ukoll Ohly, A., "The broad concept of "communication to the public" in recent CJEU judgments and the liability of intermediaries: primary, secondary or unitary liability?", *Journal of Intellectual Property Law & Practice*, 2018, Vol. 13, Nru 8, p. 664 sa 675.

93 Bl-eċċezzjoni, madankollu, tar-regoli dwar l-ordnijiet kontra l-intermedjarji previsti fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 (ara l-analiżi tiegħi tar-raba' domandi preliminari).

94 Diversi direttivi jinkludu artikolu li jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu bħala reat il-fatt li wieħed jinkoraġġixxi t-twettiq, jipparteċipa jew ikun kompliċi tal-atti li huma għandhom l-għan ewlieni li jrażżnu. Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (ĠU 2011, L 335, p. 1); l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI (ĠU 2013, L 218, p. 8); l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (Direttiva dwar l-abbuż tas-suq) (ĠU 2014, L 173, p. 179); l-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU 2017, L 198, p. 29); l-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2018/1673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali (ĠU 2018, L 284, p. 22).

95 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawżi magħquda Google France u Google (C-236/08 sa C-238/08, EU:C:2009:569, punt 48); il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża L'Oréal *et* (C-324/09, EU:C:2010:757, punti 55 u 56), u kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Stichting Brein (C-610/15, EU:C:2017:99, punt 3).

106. Mill-bqija, infakkar li, fis-sentenzi Google France u L'Oréal vs eBay, il-Qorti tal-Ġustizzja għażlet li ma testendix, fil-qasam tad-dritt tat-trade marks, il-kamp tar-responsabbiltà primarja għall-aġir tal-intermedjarji li jistgħu jikkontribwixxu għall-ksur tat-trade marks imwettaq mill-utenti tas-servizzi tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet din il-kwistjoni, ġustament, għar-regoli fil-qasam tar-responsabbiltà ċivili previsti mill-Istati Membri u għal-limiti imposti mid-Direttiva 2000/31 [96]. Għalhekk, nistaqsi dwar il-ħtieġa li wieħed jitbiegħed minn tali approċċ fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur, peress li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha, f'dawn iż-żewġ oqsma, livell ta' armonizzazzjoni analogu u ssegwi l-istess għan ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-proprjetà intellettwali.

3. Sussidjarjament — fuq il-punt dwar jekk operaturi bħal YouTube u Cyando jiffaċilitawx deliberatament it-twettiq ta' atti illegali minn terzi

107. Fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tqis opportun li tapplika, f'dawn il-kawżi, il-kuntest ta' analiżi segwit fis-sentenzi GS Media, Stichting Brein I ("Filmspeler") u Stichting Brein II ("The Pirate Bay"), minkejja r-riżervi li esponejt fit-taqsima preċedenti, jiena nipprovdi, sussidjarjament, eżami ta' dawn il-kawżi fid-dawl ta' dak il-kuntest ta' analiżi.

108. Skont l-interpretazzjoni tiegħi ta' dawk is-sentenzi, l-intervent ta' persuna fit-trażmissjoni ta' xogħol lil pubbliku, minbarra dik li, wara li tkun iddeċidiet dwar dik it-trażmissjoni, twettaq strettament l-att ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", għandu jiġi assimilat għal tali att ta' "komunikazzjoni" jekk jiġu ssodisfatti żewġ kriterji.

109. *Minn naħa*, il-persuna inkwistjoni għandu jkollha "rwol indispensabbli" fl-imsemmija trażmissjoni. Skont it-tifsira adottata għalih fl-imsemmija sentenzi, dan ir-"rwol" huwa kkaratterizzat meta din il-persuna tiffaċilita din it-trażmissjoni [97]. F'dan il-każ, dan il-kriterju huwa ssodisfatt b'mod ċar fil-każ ta' operaturi bħal YouTube u Cyando.

110. *Min-naħa l-oħra*, l-intervent tal-imsemmija persuna għandu jkun "intenzjonat", mifhum fis-sens li jrid ikollha għarfien tal-illegalità tal-komunikazzjoni li hija tiffaċilita. Il-mod kif dan il-kriterju għandu jiġi interpretat f'dawn il-kawżi huwa ħafna inqas evidenti. Il-problema kollha tirriżulta mill-assenza ta' qafas, fid-dritt tal-Unjoni, dwar dan l-element morali. Għalhekk huwa possibbli biss li nispekula, billi nispira ruħi mill-indikazzjonijiet li jirriżultaw mis-sentenzi GS Media, Stichting Brein I ("Filmspeler") u Stichting Brein II ("The Pirate Bay"), mill-ġurisprudenzi nazzjonali fil-qasam tar-responsabbiltà sekondarja u mil-loġika li tirriżulta mill-kundizzjonijiet li għandhom jissodisfaw il-forniturи intermedjarji, skont l-Artikolu 14(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2000/31, sabiex jibbenefikaw mill-eżenzjoni tar-responsabbiltà prevista f'dik id-dispożizzjoni [98].

111. F'dan ir-rigward, jidhirli li huwa possibbli li jiġi kkunsidrat, mingħajr wisq diffikultà, kif issostni l-qorti tar-rinviju, u kif issostni l-Kummissjoni, li operatur bħal YouTube jew Cyando jintervjeni "deliberatament" fil-"komunikazzjoni lill-pubbliku" illegali ta' xogħol partikolari, imwettqa permezz tal-pjattaforma tiegħu, meta huwa kellu għarfien jew kien konxju tal-eżistenza tal-fajl li jinkludi x-xogħol inkwistjoni, b'mod partikolari jekk dan kien ġie nnotifikat lilu, u li dan l-operatur ma aġixxiex fil-pront, mill-mument li fih huwa kiseb tali għarfien jew konoxxenza, sabiex jirtira dak il-fajl jew jagħmel l-aċċess għalih impossibbli [99]. Fil-fatt, f'każ bħal dan, jista' jiġi kkunsidrat b'mod raġonevoli li,

96 Ara s-sentenza Google France, punt 57, u s-sentenza L'Oréal vs eBay, punt 104.

97 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Stichting Brein I ("Filmspeler"), punti 41 u 42, kif ukoll is-sentenza Stichting Brein II ("The Pirate Bay"), punti 26, 34, 36 u 37. Ara, dwar il-kunċett ta' "rwol indispensabbli", kif huwa mifhum, fil-fehma tiegħi, fis-sentenzi l-oħrajn tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-punt 72 ta' dawn il-konklużjonijiet.

98 Fil-fatt, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tixtieq iżżomm kriterju ta' għarfien tal-illegalità fil-kuntest tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, hija għandha ssegwi l-prinċipji li jirriżultaw mill-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31, sakemm ma tassumix ir-riskju li tasal għas-sitwazzjoni, imsemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20 ta' dawn il-konklużjonijiet, li fiha l-fornitur ta' servizz ikun responsabbli skont l-ewwel dispożizzjoni, iżda eżentat fuq il-bażi tat-tieni waħda.

99 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Stichting Brein (C-610/15, EU:C:2017:99, punti 51 u 52), u, b'analoġija, is-sentenza GS Media, punt 49.

billi naqas milli jaġixxi meta kellu s-setgħa li jagħmel dan, l-operatur approva din il-"komunikazzjoni" illegali jew wera negliġenza manifesta fir-rigward tagħha. Il-punti dwar f'liema ċirkustanzi operatur jakkwista tali għarfien jew konoxxenza u jekk, jekk ikun il-każ, aġixxiex "fil-pront" għandhom, fil-fehma tiegħi, jiġu ddeterminati fid-dawl tal-istess prinċipji bħal dawk applikati fil-kuntest tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 14(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2000/31 [100].

112. Min-naħa l-oħra, bħall-Kummissjoni, u kuntrarjament għal F. Peterson, għal Elsevier kif ukoll għall-Gvern Ġermaniż u dak Franċiż, inqis li l-għarfien tal-illegalità ma jistax jiġi *preżunt* għar-raġuni li l-operatur inkwistjoni għandu skop ta' lukru.

113. Ċertament, fis-sentenza GS Media, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta l-persuna li tqiegħed hyperlinks fuq sit internet li jirreferu għal xogħlijiet protetti ppubblikati mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-awtur tagħhom fuq sit internet ieħor, tagħmel dan bi skop ta' lukru, hemm lok li jiġi preżunt (b'mod konfutabbli) li hija għandha għarfien tan-natura protetta ta' dawn ix-xogħlijiet u ta' din l-assenza ta' awtorizzazzjoni [101]. Madankollu, minbarra li jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-ġurisprudenza sussegwenti tagħha, illimitat din is-soluzzjoni għall-kwistjoni tal-hyperlinks [102], inqis li tali preżunzjoni ma tistax, fi kwalunkwe każ, tiġi applikata f'dan il-każ.

114. Fil-kawża li tat lok għas-sentenza GS Media, l-operatur tas-sit tal-internet inkwistjoni kien qiegħed il-links kontenzjużi huwa stess. Għaldaqstant huwa kellu għarfien tal-kontenut li għalih kienu jirreferu. Kif issostni Cyando, dan il-fatt kien jikkostitwixxi bażi għal preżunzjoni ta' fatt. Fuq din il-bażi, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tistenna minn dan l-operatur li jwettaq il-"verifiki neċessarji", qabel dan it-tqegħid, sabiex jiżgura li dawn ma kinux xogħlijiet protetti ppubblikati illegalment fuq is-sit li għalih jirreferu dawn il-links [103].

115. Min-naħa l-oħra, infakkar li l-operatur ta' pjattaforma, bħala prinċipju, ma huwiex dak li jqiegħed il-kontenut online. L-applikazzjoni, f'dan il-kuntest, tas-soluzzjoni mogħtija fis-sentenza GS Media twassal sabiex jingħad li dan l-operatur, ladarba jkollu b'mod ġenerali skop ta' lukru, huwa preżunt mhux biss li għandu għarfien tal-fajls kollha li jinsabu fuq is-servers tiegħu, iżda wkoll tan-natura possibbilment illegali tagħhom, u dan ikollu l-oneru li jikkonfuta din il-preżunzjoni billi juri li huwa għamel il-"verifiki neċessarji". Issa, tali soluzzjoni tkun ekwivalenti, fil-fehma tiegħi, għall-impożizzjoni fuq tali operatur tal-obbligu ġenerali li jagħmel sorveljanza tal-informazzjoni li huwa jaħżen u li jfittex b'mod attiv fatti jew ċirkustanzi li jindikaw attivitajiet illegali, b'kontradizzjoni mal-projbizzjoni stabbilita, f'dan ir-rigward, fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31 [104].

116. Għad irid jiġi eżaminat jekk, kif isostnu F. Peterson, Elsevier u l-Gvern Franċiż, operaturi bħal YouTube u Cyando jistgħux jinżammu responsabbli peress li *kellhom għarfien, b'mod ġenerali u astratt*, tal-fatt li l-pjattaformi tagħhom huma (b'mod partikolari) użati minn terzi għall-kondiviżjoni online, b'mod illegali, ta' xogħlijiet protetti.

100 Għalhekk, fuq dawn il-punti, nirreferi għall-analiżi tiegħi tat-tielet domandi preliminari. Madankollu, nippreċiża li l-idea ta' "konoxxenza" (li tirreferi għall-kliem tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31, li jipprovdi li "dak li jipprovdi [il-fornitur] […] [ikun] konxju tal-fatti jew taċ-ċirkostanzi li minnhom l-attività jew l-informazzjoni illegali tkun apparenti;) tikkorrispondi għall-idea, imsemmija fil-punt 49 tas-sentenza GS Media, li persuna hija responsabbli meta "kellha tkun taf" li hija kienet qiegħda tiffaċilita komunikazzjoni illegali.

101 Ara s-sentenza GS Media, punt 51.

102 Fil-punt 49 tas-sentenza Stichting Brein I ("Filmspeler"), il-Qorti tal-Ġustizzja semmiet il-preżunzjoni stabbilita fis-sentenza GS Media. Madankollu, għalkemm il-bejgħ tal-multimedia player inkwistjoni sar bi skop ta' lukru, fil-verità hija ma applikatx din il-preżunzjoni. Barra minn hekk, fis-sentenza Stichting Brein II ("The Pirate Bay"), il-Qorti tal-Ġustizzja lanqas ma invokat l-imsemmija preżunzjoni.

103 Ara s-sentenza GS Media, punt 51.

104 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Stichting Brein (C-610/15, EU:C:2017:99, punt 52). Sa issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-limiti li jimponi l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31 fir-rigward ta' ordnijiet ġudizzjarji li jistgħu jinħarġu kontra fornitur li jaħżen informazzjoni pprovduta mill-utenti tas-servizz tiegħu (ara, b'mod partikolari, is-sentenza L'Oréal vs eBay, punt 139). Fil-fehma tiegħi, dik id-dispożizzjoni għandha tittieħed inkunsiderazzjoni lil hinn mill-kwistjoni ta' dawn l-ordnijiet. Fil-fatt, ma tistax tiġi adottata interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li għandha l-effett *li timponi ex ante* tali obbligu fuq tali fornitur. Barra minn hekk, anki jekk jitqies li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, fil-kuntest tat-tieni domandi preliminari, li operaturi bħal YouTube jew Cyando ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 14 u 15 ta' dik id-direttiva, obbligu ġenerali ta' monitoraġġ u ta' tfittxija attiva jkun irrikonċiljabbli ma' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni (ara Taqsima F ta' dawn il-konklużjonijiet).

117. Din il-kwistjoni hija kumplessa ħafna. Numru kbir ta' prodotti jew servizzi jistgħu, bħall-pjattaformi YouTube u Uploaded, jintużaw għal finijiet legali, jew anki soċjalment mixtieqa, kif ukoll għal finijiet illegali. Fil-fehma tiegħi, il-fornitur ta' tali prodott jew servizz ma jistax jinżamm responsabbli għall-użu illegali li jagħmlu minnu t-terzi għall-unika raġuni li għandu għarfien jew suspetti ta' dan l-użu. Standard ta' responsabbiltà daqshekk baxx huwa ta' natura li jiddiswadi l-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti jew servizzi simili, bi ħsara għall-użu legali tagħhom u, b'estensjoni, li jrażżan l-iżvilupp ta' prodotti jew servizzi simili jew innovattivi [105].

118. Il-fatt biss li fornitur jikseb profitti minn dan l-użu illegali lanqas ma jista' jkun determinanti. F'dan ir-rigward, F. Peterson, Elsevier u l-Gvern Franċiż enfasizzaw li YouTube tiffinanzja ruħha b'mod partikolari permezz ta' reklamar imqiegħed fuq il-pjattaforma, li d-dħul mir-reklamar li hija toħloq ikun ikbar iktar ma jiġi ppubblikat kontenut attraenti, u li huwa "ġeneralment aċċettat" li, fil-"maġġoranza l-kbira tal-każijiet", dawn ikunu xogħlijiet protetti mqiegħda online mingħajr awtorizzazzjoni tal-awturi tagħhom. Minbarra l-fatt li din il-loġika jidhirli li hija kemxejn simplistika fir-rigward ta' pjattaforma bħal YouTube [106], nosserva li d-dħul iġġenerat minn reklamar imqiegħed mingħajr distinzjoni fuq din il-pjattaforma jiddependi mill-frekwentazzjoni ġenerali tagħha u, għaldaqstant, jiddependi kemm fuq l-użu legali tagħha kif ukoll fuq l-użu illegali tagħha. Issa, kwalunkwe fornitur ta' prodott jew servizz li jista' jaqa' taħt dawn iż-żewġ tipi ta' użu jikseb b'mod sostanzjali parti mill-profitti tiegħu mingħand l-utenti li jixtruh jew jużawh għal finijiet illegali. Għalhekk għandhom jintwerew fatti oħra.

119. F'dan ir-rigward, ma għandniex ninsew l-iskop ta' regoli dwar ir-responsabbiltà sekondarja. Kif jirriżulta mill-punt 117 ta' dawn il-konklużjonijiet, fil-fehma tiegħi, tali regoli għandhom ikunu intiżi sabiex jiddiswadu l-aġir li jiffaċilita l-ksur tad-drittijiet tal-awtur, mingħajr madankollu ma jiddiswadu l-innovazzjoni jew jostakolaw il-potenzjal tal-użu legali tal-prodotti jew tas-servizzi li jistgħu jintużaw ukoll għal skopijiet illegali.

120. F'dan il-kuntest, kif isostni l-Gvern Finlandiż, il-fornitur ta' servizzi jista' jinżamm responsabbli, fil-fehma tiegħi, mingħajr neċessità li jiġi pprovat li dan tal-aħħar kellu għarfien jew konoxxenza ta' okkorrenzi ta' ksur konkret tad-drittijiet tal-awtur, meta jintwera li dan il-fornitur kellu *l-intenzjoni*, waqt li jipprovdi s-servizz tiegħu, li jiffaċilita t-twettiq ta' tali ksur minn terzi. Is-sentenzi Stichting Brein I ("Filmspeler") u Stichting Brein II ("The Pirate Bay") għandhom, fil-fehma tiegħi, jinftiehmu f'dan is-sens. Fl-ewwel sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-bejjiegħ tal-"Filmspeler" kellu għarfien ġenerali tal-fatt li dan il-media player seta' jintuża għal skopijiet illegali [107]. Fit-tieni sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li l-amministraturi tal-pjattaforma "The Pirate Bay" kienu jafu b'mod ġenerali, li din tiffaċilita l-aċċess għal xogħlijiet kondiviżi mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel tal-awturi tagħhom u li, fi kwalunkwe każ, ma setgħux jinjoraw dan il-fatt, fid-dawl taċ-ċirkustanza li

105 Ara Supreme Court of the United States (il-Qorti Suprema, l-Istati Uniti), *Sony Corp. of America v. Universal City Studios Inc.*, 464 US 417 (1984). Fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza, id-detenturi tad-drittijiet fittxew li jistabbilixxu r-responsabbiltà sekondarja ta' Sony għall-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni tar-reġistratur tal-vijdokażetts "Betamax" għar-raġuni li din il-kumpannija kienet tipprovdi lit-terzi, permezz ta' dan ir-reġistratur tal-vidjokażetts, il-mezzi sabiex iwettqu ksur tad-drittijiet tal-awtur (b'mod partikolari l-kopja illegali ta' programmi televiżivi) u li hija setgħet raġonevolment tkun taf li kien ser iseħħ tali ksur. Madankollu, l-azzjoni tagħhom ġiet miċħuda minħabba li l-imsemmi reġistratur tal-vidjokażetts, għalkemm seta' jintuża b'mod illegali, seta' jagħti lok ukoll għal numru sinjifikattiv ta' użi legali.

106 F'dan ir-rigward, nosserva li għalkemm YouTube ċertament tibbenefika mill-fatt li l-pjattaforma tagħha tospita xogħlijiet popolari, bħalma huma programmi televiżivi, films jew vidjos mużikali ta' artisti kbar, il-preżenza tagħhom fuqha ħafna drabi ma jkollha xejn illegali. Fil-fatt, hekk kif Google sostniet mingħajr ma ġiet kontradetta, numru kbir ta' fornituri ta' kontenut u ta' detenturi ta' drittijiet jippubblikaw kontenut fuq YouTube. Barra minn hekk, Google sostniet, mill-ġdid mingħajr ma ġiet kontradetta, li YouTube tagħti aċċess għal kontenut kulturali, informattiv u edukattiv, maħluq mill-utenti, li huwa, fih innifsu, attraenti (ara l-punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet).

107 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Stichting Brein I ("Filmspeler"), punt 50.

parti kbira ħafna tal-fajl torrent li jidhru fuq din il-pjattaforma kienu jirreferu għal tali xogħlijiet [108]. Madankollu, fil-kawżi li taw lok għal dawk is-sentenzi, dawn il-persuni *esprimew fil-miftuħ l-intenzjoni tagħhom* li jiffaċilitaw, permezz tal-player tagħhom jew tal-pjattaforma tagħhom, it-twettiq ta' atti illegali ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" minn terzi [109].

121. F'dan il-każ, la YouTube u lanqas Cyando ma jippromwovu fil-miftuħ l-użu illegali tal-pjattaformi tagħhom. F. Peterson u Elsevier isostnu madankollu li dawn l-operaturi għandhom jinżammu responsabbli *fid-dawl tal-mod kif organizzaw is-servizzi tagħhom*. Dwar dan il-punt, infakkar li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali jinvokaw diversi argumenti: l-ewwel nett, l-imsemmija operaturi wrew għama volontarja fir-rigward tal-użu illegali tal-pjattaformi tagħhom (billi ppermettew lill-utenti tagħhom jippubblikaw fihom kontenut b'mod awtomatizzat u mingħajr kontroll minn qabel), it-tieni nett, huma jħeġġuhom jagħmlu tali użu illegali u, it-tielet nett, huma kienu negliġenti fir-rigward ta' dan l-użu (peress li huma naqsu milli jwettqu obbligi ta' diliġenza billi ma wettqux kontroll minn qabel tal-kontenut imqiegħed online) [110].

122. Qabel kollox, għandhom isiru ċerti preċiżjonijiet. Fil-fehma tiegħi, operatur ma jistax jinżamm responsabbli, abbażi ta' allegata għama volontarja jew ta' allegata negliġenza doluża, għas-sempliċi raġuni li jippermetti lill-utenti tal-pjattaforma tiegħu jippubblikaw kontenut b'mod awtomatizzat u li ma jikkontrollahx b'mod ġenerali qabel it-tqegħid online tiegħu. Minn naħa, ma jistax jiġi raġonevolment argumentat, kif madankollu tagħmel Elsevier, li, billi torganizza l-pjattaforma tiegħu b'dan il-mod, dan l-operatur għandu sempliċement l-għan li jaħrab minn kull responsabbiltà [111]. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2000/31 jipprojbixxi li jista' jkun mistenni minn fornitur li jimmonitorja, b'mod ġenerali u astratt, l-informazzjoni li jaħżen u li jfittex b'mod attiv attivitajiet illegali fuq is-servers tiegħu. Għaldaqstant, il-fatt li ma jwettaqx tali monitoraġġ ġeneralizzat ma jistax jitqies li huwa għama volontarja jew negliġenza [112]. Barra minn hekk, u b'mod iktar ġenerali, is-sempliċi negliġenza ta' fornitur ma għandhiex, bħala definizzjoni, tkun suffiċjenti, mingħajr ħsara għas-sitwazzjoni prevista fil-punt 111 ta' dawn il-konklużjonijiet, sabiex turi li huwa jintervjeni "deliberatament" sabiex jiffaċilita l-ksur tad-drittijiet tal-awtur imwettqa mill-utenti tas-servizz tiegħu.

123. Dan premess, fil-fehma tiegħi, il-mod kif fornitur jorganizza s-servizz tiegħu jista', effettivament, f'ċerti ċirkustanzi, juri n-"natura deliberata" tal-intervent tiegħu fl-atti ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" illegali mwettqa mill-utenti ta' dan is-servizz, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi GS Media, Stichting Brein I ("Filmspeler") u Stichting Brein II ("The Pirate Bay"). Dan huwa l-każ meta l-karatteristiċi ta' dan l-istess servizz jiżvelaw il-*mala fide* tal-fornitur inkwistjoni, li tista' tirriżulta f'rieda ta' inċitament jew ta' għama volontarja, fir-rigward ta' tali ksur tad-drittijiet tal-awtur [113].

108 Ara s-sentenza Stichting Brein II ("The Pirate Bay"), punt 45.

109 Ara s-sentenza Stichting Brein I ("Filmspeler"), punti 18 u 50, kif ukoll is-sentenza Stichting Brein II ("The Pirate Bay"), punt 45. Kif ser nispjega fil-kuntest tal-analiżi tiegħi tat-tielet domandi preliminari, fornitur online li juri tali intenzjoni jitlef ukoll, fil-fehma tiegħi, il-benefiċċju tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikoli 12 sa 14 tad-Direttiva 2000/31. Ara, b'analoġija, Supreme Court of the United States, *MGM Studios Inc. v Grokster Ltd.*, 545 US 913, 2005, b'mod partikolari p. 17 sa 24. F'dik is-sentenza, żewġ kumpanniji, li jipprovdu software li jippermetti l-kondiviżjoni ta' fajls fuq network *peer-to-peer*, ġew meqjusa responsabbli tal-ksur tad-drittijiet tal-awtur imwettaq mill-utenti ta' dan is-software, peress li kienu ppromovew apertament l-użu illegali tiegħu.

110 Ara l-punt 63 ta' dawn il-konklużjonijiet.

111 Elsevier tirreferi, fir-realtà, għar-responsabbiltà li għandhom il-forniturі ta' kontenut "tradizzjonali", li jagħżlu l-kontenut li huma jittrażmettu. Issa, kif ippruvajt nuri, il-pjattaformi ma għandhomx l-istess rwol.

112 Nirrepeti li, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra li operaturi bħal YouTube jew Cyando ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2000/31, dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni jipprekludu tali soluzzjoni.

113 Meta jaġixxi b'dan il-mod, il-fornitur ta' servizzi jitlef, barra minn hekk, fil-fehma tiegħi, il-benefiċċju tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31.

124. F'dan ir-rigward, huwa xieraq, fil-fehma tiegħu, li jiġi vverifikat, minn naħa, jekk il-karatteristiċi tas-servizz inkwistjoni għandhomx spjegazzjoni oġġettiva u joffrux valur miżjud għall-użu legali ta' dan is-servizz u, min-naħa l-oħra, jekk il-fornitur ippruvax jieħu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjeni l-użu illegali ta' dan is-servizz [114]. Fuq dan l-aħħar punt, għal darb'oħra, ma jistax ikun mistenni mill-fornitur li jikkontrolla b'mod ġenerali l-fajls kollha li l-utenti tas-servizz tiegħu biħsiebhom jippubblikaw, qabel ma jqiegħduhom online – dan jeżiġih l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31. It-tieni parti tat-test għandha, kif nifhimha jiena, pjuttost tikkostitwixxi difiża għall-fornituri ta' servizzi. Fuq din il-bażi, il-fatt, għall-fornitur, li huwa ġeneralment jissodisfa b'mod diliġenti l-obbligu ta' tneħħija li jirriżulta mill-Artikolu 14(1)(b) ta' din id-direttiva jew l-obbligi eventwali li, jekk ikun il-każ, ikunu ġew imposti fuqu permezz ta' ordni ġudizzjarja, jew ukoll il-fatt li dan il-fornitur implimenta volontarjament miżuri oħra, juri l-*bona fide* tiegħu.

125. F'dan il-każ, hija l-qorti nazzjonali li għandha tapplika dan it-test għal operaturi bħal YouTube u Cyando. Madankollu, jidhirli li jkun utli li nagħtiha ċerti indikazzjonijiet f'dan ir-rigward.

126. *Fl-ewwel lok*, jidhirli li huwa diffiċli li jiġi kkunsidrat, fid-dawl tal-karatteristiċi ta' pjattaforma bħal YouTube, li l-operatur tagħha għandu l-intenzjoni li jiffaċilita l-użu illegali ta' din il-pjattaforma. B'mod partikolari, il-fatt li l-funzjonijiet ta' tfittxija u ta' indiċjar tal-imsemmija pjattaforma jiffaċilitaw, jekk ikun il-każ, l-aċċess għal kontenut illegali ma jistax jikkostitwixxi indizju f'dan ir-rigward. Dawn il-funzjonijiet għandhom spjegazzjoni oġġettiva u jagħtu valur miżjud għall-użu legali tal-imsemmija pjattaforma. Għalkemm, fis-sentenza Stichting Brein II ("The Pirate Bay"), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentat il-fatt li l-amministraturi tal-pjattaforma kontenzjuża kienu implimentaw mutur ta' tfittxija u kienu jindiċjaw il-fajls ospitati bħala indizju tan-"natura deliberata" tal-intervent tagħhom fil-kondiviżjoni illegali ta' xogħlijiet protetti [115], din l-evalwazzjoni ma tistax tiġi sseparata mill-kuntest partikolari ta' dik il-kawża, ikkaratterizzata mill-intenzjoni espressa minn dawn l-amministraturi li jiffaċilitaw il-ksur tad-drittijiet tal-awtur.

127. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li ssostni Elsevier, inqis li l-fatt li operatur ta' pjattaforma bħal YouTube jippermetti lil ċerti utenti jdaħħlu reklami fil-vidjos tagħhom u jagħtihom parti mid-dħul iġġenerat [116] ma huwiex suffiċjenti sabiex juri, min-naħa tiegħu, rieda li jinċentiva lil dawn tal-aħħar sabiex iqiegħdu online xogħlijiet protetti mingħajr awtorizzazzjoni tal-awturi tagħhom. Għall-kuntrarju, huwa paċifiku li, fir-rigward ta' YouTube, l-inklużjoni ta' dawn ir-reklami ssir permezz tal-Content ID, intiż sabiex jiżgura li din il-possibbiltà tkun ta' benefiċċju biss għad-detenturi ta' drittijiet, peress li dan jidentifika awtomatikament it-tqegħid online ta' vidjos li jinkludu xogħlijiet protetti mwettaq minn terzi u, jekk ikun il-każ, jippermetti lill-imsemmija detenturi li jqiegħdu huma stess reklami fil-vidjo inkwistjoni u li jirċievu d-dħul mir-reklamar [117].

128. Dan iwassalni għall-fatt li, barra minn hekk, YouTube implimentat għodod, b'mod partikolari dan is-software, sabiex tiġġieled kontra l-ksur tad-drittijiet tal-awtur fuq il-pjattaforma tagħha [118]. Dan il-fatt jikkontribwixxi sabiex juri, kif indikajt fil-punt 124 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-*bona fide* tal-operatur fir-rigward tal-użu illegali tal-pjattaforma tiegħu [119].

114 Ara, fl-istess sens, E. Stallings, "Improving secondary Liability Standards in copyrights by Examining intent: Why Courts Should Consider Creating a Good-Faith Standard for Secondary Liability", *Journal of the Copyright Society of the U.S.A.*, Vol. 57, Nru 4, 2010, p. 1017 sa 1038.

115 Ara s-sentenza Stichting Brein II ("The Pirate Bay"), punti 36 u 38.

116 Infakkar li, skont l-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, il-vidjos inkwistjoni fil-Kawża C-682/18 ma kinux jinkludu *a priori* tali reklami.

117 Ara l-punt 22 ta' dawn il-konklużjonijiet.

118 Ara l-punti 21 u 22 ta' dawn il-konklużjonijiet.

119 Nenfasizza li din l-interpretazzjoni ma tfissirx li kull fornitur għandu jimplimenta tali software u li, fin-nuqqas ta' dan, huwa għandu jiġi akkużat b'għama volontarja. Fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, xejn ma jobbligah jagħmel dan, bla ħsara, madankollu, għall-possibbiltà li fornitur ta' servizzi, taħt kundizzjonijiet iddefiniti sewwa, jiġi obbligat, permezz ta' ordni, skont ir-riżorsi tiegħu, juża għodda ta' filtrazzjoni (ara l-analiżi tiegħi tar-raba' domandi preliminari).

129. *Fit-tieni lok*, nibża, min-naħa l-oħra, li l-affarijiet huma inqas ċari fir-rigward ta' Uploaded. F'dan ir-rigward, minn naħa, kuntrarjament għal Elsevier, ma nikkunsidrax il-fatt li tali operatur jippermetti lill-utenti tiegħu li jqiegħdu online fajls "b'mod anonimu" jindika rieda min-naħa tiegħu li jiffaċilita l-ksur. Nippreċiża li mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li t-tqegħid online ta' fajl fuq Uploaded jeħtieġ il-ħolqien ta' kont billi jingħata kunjom, isem u indirizz elettroniku. Għaldaqstant, Elsevier tikkritika l-fatt li Cyando ma tikkontrollax l-eżattezza tal-informazzjoni pprovduta mill-utent permezz ta' sistema ta' verifika ta' identità jew ta' awtentikazzjoni. Madankollu, għalkemm il-possibbiltà għal kulħadd li juża l-internet u s-servizzi online mingħajr kontroll tal-identità tista' effettivament tintuża ħażin minn individwi li jkollhom intenzjoni ħażina għal attivitajiet kundannabbli, inqis li din il-possibbiltà hija madankollu protetta minn regoli fundamentali bħad-dritt għall-ħajja privata, il-libertà tal-espressjoni u tal-kuxjenza kif ukoll il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari fid-dritt tal-Unjoni [120] u fid-dritt internazzjonali [121]. Sistemi ta' verifika ta' identità jew ta' awtentikazzjoni jistgħu għalhekk jiġu implimentati biss, fil-fehma tiegħi, għal servizzi speċifiċi taħt kundizzjonijiet previsti mil-liġi.

130. Il-fatt biss li *Sharehoster* bħal Uploaded joħloq links ta' tniżżil għall-fajls ospitati u jippermetti liberament lill-utenti li jikkondividuhom liberament lanqas ma juri, fil-fehma tiegħi, intenzjoni sabiex jiġi ffaċilitat il-ksur tad-drittijiet tal-awtur. Dawk il-links għandhom spjegazzjoni oġġettiva u joffru valur miżjud għall-użu legali tas-servizz. Anki l-proporzjon ta' użu illegali ta' Uploaded, li tiegħu l-partijiet fil-kawża prinċipali joffru stimi tal-inqas kontrastanti [122], ma jippermettix, fil-fehma tiegħi, waħdu, li juri tali intenzjoni min-naħa tal-operatur tagħha, iktar u iktar jekk dan tal-aħħar ħa miżuri raġonevoli sabiex jiġġieled dan l-użu.

131. Madankollu għandi dubji, *min-naħa l-oħra*, dwar programm ta' "sħubija" bħal dak implementat minn Cyando. Infakkar li, fil-kuntest ta' dan il-programm, Cyando tħallas remunerazzjoni lil ċerti utenti skont in-numru ta tniżżil tal-fajls li jkunu qiegħdu online [123]. Għandi dubji dwar l-ispjegazzjoni oġġettiva u l-valur miżjud ta' tali programm għall-użu legali tas-servizz. Min-naħa l-oħra, ġie stabbilit quddiem il-qrati nazzjonali li dan il-programm għandu l-effett li jinċita lill-utenti jqiegħdu online xogħlijiet popolari sabiex jitniżżlu b'mod illegali. Għalhekk, ma neskludix li n-"natura deliberata" tal-intervent tal-fornitur fl-atti illegali mwettqa mill-utenti tiegħu tista' tiġi dedotta mill-implimentazzjoni ta' dan il-programm [124]. Jekk ikun il-każ, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika dan.

120 Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") dwar id-drittijiet inkwistjoni, ara, f'qasam viċin, il-premessi 9, 33, 34, l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514).

121 Ara l-Kunsill tal-Ewropa, Dikjarazzjoni dwar il-Libertà tal-Komunikazzjoni fuq l-Internet, adottata mill-Kumitat tal-Ministri fit-28 ta' Mejju 2003, waqt it-840 Laqgħa tad-Delegati tal-Ministri, Prinċipju 7; Office of the Special Rapporteur for Freedom of Expression, Inter-American Commission on Human Rights, *Freedom of expression and the Internet*, punti 130 sa 136, kif ukoll, l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, Assemblea Ġenerali, Rapport tar-Rapporteur Speċjali dwar il-Promozzjoni tal-Protezzjoni tad-Dritt għal-Libertà tal-Opinjoni u tal-Espressjoni, A/HRC/29/32, 29 ta' Mejju 2015, p. 12, 16 u 56.

122 Elsevier issostni li l-kontenut li jikser id-drittijiet tal-awtur jirrappreżenta bejn 90 u 96 % tal-fajls ospitati fuq Uploaded, raġuni li għaliha l-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja) tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tad-domanda 1(b) tagħha fil-Kawża C-683/18, dwar ir-rilevanza ta' tali ċirkustanza. Dik il-qorti tispjega, barra minn hekk, li fil-każ li dan ikun effettivament element rilevanti, din l-affermazzjoni għandha tintwera minn Elsevier fil-kuntest ta' ftuħ mill-ġdid tal-proċedura ta' appell. Min-naħa tagħha, Cyando ssostni li huwa biss perċentwali żgħir ħafna (madwar 1.1 %) tal-fajls kollha effettivament ikkonsultati li jikkonċerna t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur, li jikkorrispondi għal 0.3 % tal-volum totali tad-data maħżuna.

123 Madwar diversi għexieren ta' euro għal kull elf tniżżil. Ara l-punt 31 ta' dawn il-konklużjonijiet.

124 Ara, b'analoġija, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja), 15 ta' Awwissu 2013, I ZR 80/12 (*File-Hosting Service*), GRUR 1030, punt 38. Programm bħal dan ivarja b'mod sinjifikattiv mill-kondiviżjoni tad-dħul mir-reklamar magħmul minn pjattaforma ta' kondiviżjoni ta' vidjos bħal YouTube. Minn naħa, għalkemm il-kondiviżjoni tad-dħul tista' tagħmel sens fil-kuntest ta' tali pjattaforma, programm ta' "sħubija" jidher li huwa iktar stramb fil-kuntest ta' pjattaforma intiża sabiex tospita fajls. Min-naħa l-oħra, infakkar li, fil-kuntest ta' YouTube, din il-kondiviżjoni tad-dħul hija implimentata b'mod sigur.

B. Fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 (it-tieni domandi)

132. Kif indikajt diġà, it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2000/31 tinkludi diversi dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-fornituri intermedjarji. F'dik it-taqsima, l-Artikoli 12, 13 u 14 ta' din id-direttiva jipprevedu kull wieħed, "sfera ta' sikurezza" (*safe harbour*), rispettivament għall-attivitajiet ta' "sempliċi trasport", ta' "*caching*" u ta' "hosting"[125].

133. L-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 japplika, b'mod iktar preċiż, fil-każ ta' "servizz għas-soċjetà ta' l-informazzjoni jkun provdut li jikkonsisti fiż-żamma ta' informazzjoni ipprovduta minn dak li jirċievi s-servizz". Dik id-dispożizzjoni tipprevedi, essenzjalment, li l-fornitur ta' tali servizz *ma jistax jinżamm responsabbli* għall-informazzjoni li huwa jaħżen fuq talba tal-utenti tiegħu, sakemm dan il-fornitur, wara li jkun sar jaf jew sar konxju min-natura illegali ta' din l-informazzjoni, ma jkunx neħħiha malajr jew għamilha inaċċessibbli.

134. Nenfasizza li din id-dispożizzjoni ma għandhiex l-għan li tiddetermina, *b'mod affermattiv*, ir-responsabbiltà ta' tali fornitur. Hija sempliċement tillimita, *b'mod negattiv*, is-sitwazzjonijiet li fihom tista' tiġi stabbilita r-responsabbiltà tiegħu. Barra minn hekk, l-eżenzjoni prevista fl-imsemmija dispożizzjoni tikkonċerna *biss ir-responsabbiltà li tista' tirriżulta mill-informazzjoni* pprovduta mill-utenti tas-servizz tiegħu. Din ma tkopri *ebda aspett ieħor* tal-attività ta' dan il-fornitur[126].

135. Permezz tat-tieni domandi tagħha, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja) tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk operaturi bħal YouTube u Cyando jistgħux jibbenefikaw mill-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 għall-fajls li huma jaħżnu fuq talba tal-utenti tal-pjattaformi tagħhom.

136. Fil-fehma tiegħi, dan huwa ġeneralment il-każ. Madankollu, qabel ma nispjega l-pożizzjoni tiegħi, inqis li huwa neċessarju li niċċara punt, marbut mar-relazzjoni bejn dik id-dispożizzjoni u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29.

137. Fil-fatt, nosserva li l-qorti tar-rinviju fformulat it-tieni domandi tagħha biss fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi, kif nissuġġerixxi li għandha tagħmel, fin-negattiv għall-ewwel domandi, fis-sens li l-operaturi bħal YouTube u Cyando ma jwettqux il-"komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29, ta' xogħlijiet imqiegħda online, possibbilment b'mod illegali, mill-utenti tal-pjattaformi tagħhom. Għalhekk, hija tidher li titlaq mill-premessa li, fl-ipoteżi kuntrarja, fejn dawn l-operaturi jkunu direttament responsabbli skont l-imsemmi Artikolu 3(1) għal dawn il-"komunikazzjonijiet" illegali, huma ma jistgħux, *bħala prinċipju*, jinvokaw l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31[127].

125 L-Artikoli 12 sa 15 tad-Direttiva 2000/31 huma ispirati mid-Digital Millennium Copyright Act (DMCA) (il-Liġi dwar id-Dirttijiet tal-Awtur tal-Millenju Diġitali), adottata mil-leġiżlatur Federali Amerikan fl-1998, li stabbilixxa eżenzjonijiet mir-responsabbiltà simili li jikkonċernaw speċifikament id-drittijiet tal-awtur (li jinsabu fit-Titolu 17, Kapitolu 5, Taqsima 512 tal-United States Code (il-Kodiċi tal-Istati Uniti)).

126 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża L'Oréal *et* (C-324/09, EU:C:2010:757, punt 153).

127 Nosserva li din id-domanda saret espressament lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi pendenti C-442/19, Stichting Brein, u C-500/19, Puls 4 TV.

138. Madankollu, l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 japplika, b'mod orizzontali, għal *kull forma ta' responsabbiltà* li tista' tirriżulta, għall-forniturі kkonċernati, minn kull tip ta' informazzjoni li huma jaħżnu fuq talba tal-utenti tas-servizzi tagħhom, irrispettivament mis-sors ta' din ir-responsabbiltà, il-qasam tad-dritt ikkonċernat u l-klassifikazzjoni jew in-natura eżatta tal-imsemmija responsabbiltà. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, dik id-dispożizzjoni tkopri r-responsabbiltà *kemm primarja kif ukoll sekondarja* għall-informazzjoni pprovduta u għall-attivitajiet mibdija minn dawn l-utenti [128].

139. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, għalkemm l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 huwa, bħala prinċipju, inapplikabbli meta fornitur ta' servizzi jikkomunika lill-pubbliku l-kontenut "tiegħu stess", dik id-dispożizzjoni tista', għall-kuntrarju, tapplika meta l-kontenut ikkomunikat ikun ġie pprovdut, bħal f'dan il-każ, mill-utenti tas-servizz tiegħu [129]. Din l-interpretazzjoni hija, kif naraha jiena, sostnuta mill-fatt li la dik id-dispożizzjoni u lanqas l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 ma jipprovdu eċċezzjoni għall-forniturі li jwettqu l-"komunikazzjoni lill-pubbliku" ta' xogħlijiet ipprovduti mill-utenti tas-servizzi tagħhom. Għall-kuntrarju, il-premessa 16 ta' din id-direttiva tal-aħħar tenfasizza li hija tapplika "mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà fid-[Direttiva 2000/31]".

140. Minn dan isegwi li, fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi, b'mod kuntrarju għal dak li qiegħed nissuġġerixxilha, b'mod affermattiv għall-ewwel domandi, hija xorta waħda jkollha, sabiex tagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju, tirrispondi għat-tieni domandi. Madankollu, il-kriterji li jikkaratterizzaw "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 jistgħu jiġu interpretati b'mod konsistenti, kif ser nuri, b'tali mod li, fil-prattika, is-sovrapożizzjonijiet bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jistgħu jiġu evitati.

141. B'dan iċċarat, jirriżulta mill-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jiddependi minn żewġ kundizzjonijiet kumulattivi: minn naħa, irid ikun hemm provvista ta' "servizz [t]as-soċjetà tal-informazzjoni"; min-naħa l-oħra, dan is-servizz għandu "jikkonsisti fiż-żamma ta' informazzjoni ipprovduta minn dak li jirċievi s-servizz […] fuq it-talba" ta' dan tal-aħħar.

142. L-interpretazzjoni tal-*ewwel kundizzjoni* ma tqajjimx diffikultà f'dawn il-kawżi. F'dan ir-rigward, infakkar li l-kunċett ta' "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" ikopri "kull servizz tas-Soċjetà ta' l-Informatika, jiġifieri kull servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi" [130]. Madankollu, is-servizzi pprovduti minn operaturi bħal YouTube u Cyando huma manifestament ipprovduti "mill-bogħod", "b'mezzi elettroniċi"

128 Ara l-premessa 16 tad-Direttiva 2001/29; il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Mc Fadden (C-484/14, EU:C:2016:170, punt 64); il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti legali tal-kummerċ elettroniku fis-suq intern (COM(1998) 586 final (ĠU 1999, C 30, p. 4)), p. 27 u 29, kif ukoll ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tal-21 ta' Novembru 2003, L-ewwel rapport dwar l-applikazzjoni tad-[Direttiva 2000/31] [COM(2003) 702 final], p. 13. L-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 tapplika madankollu bla ħsara għall-possibbiltà, irriżervata fil-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, li tinkiseb ordni kontra fornitur ta' servizzi (ara l-analiżi tiegħi tar-raba' domandi preliminari).

129 L-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija wkoll eskluża, bħala prinċipju, fl-ipoteżi fejn l-utent li pprovda l-informazzjoni inkwistjoni jkun aġixxi taħt l-awtorità jew il-kontroll tal-fornitur (ara l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2000/31).

130 B'mod iktar preċiż, l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2000/31 jiddefinixxi l-kunċett ta' "servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni" b'riferiment għall-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337), kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 21, p. 8). Id-Direttiva 98/34 ġiet issostitwita bid-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU 2015, L 241, p. 1), li l-Artikolu 1(1)(b) tagħha jirriproduċi l-istess definizzjoni.

u "fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi"[131]. Barra minn hekk, dawn is-servizzi huma pprovduti "għal rimunerazzjoni". Il-fatt li operatur bħal YouTube jitħallas b'mod partikolari permezz tar-reklamar u li ma jitlobx ħlas dirett lill-utenti tal-pjattaforma tiegħu[132] ma jikkonfutax din l-interpretazzjoni[133].

143. Fir-rigward tat-*tieni kundizzjoni*, l-affarijiet huma inqas evidenti *prima facie*. Minn naħa, jidher ċar li operatur bħal Cyando jipprovdi, fil-kuntest ta' Uploaded, servizz "li jikkonsisti fiż-żamma" fuq is-servers tiegħu ta' fajls, jiġifieri "informazzjoni"[134] li hija "ipprovduta minn dak li jirċievi s-servizz", jiġifieri l-utent li jwettaq it-tqegħid online tagħha, u dan "fuq it-talba" ta' dan tal-aħħar, billi huwa jiddeċiedi dwar il-fajls inkwistjoni.

144. Madankollu, min-naħa l-oħra, għalkemm huwa paċifiku li operatur bħal YouTube jaħżen il-vidjos imqiegħda online mill-utenti tal-pjattaforma tiegħu, dan huwa biss wieħed mid-diversi aspetti tal-attività tiegħu. Għalhekk għandu jiġi ddeterminat jekk dan il-fatt jipprekludix lil dan l-operatur milli jibbenefika mill-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31.

145. Fl-opinjoni tiegħi, dan ma huwiex il-każ. Fil-fatt, għalkemm din id-dispożizzjoni teżiġi li s-servizz ipprovdut mill-fornitur "jikkonsisti fiż-żamma ta' informazzjoni pprovduta minn dak li jirċievi s-servizz", hija ma timponix li din il-ħażna tkun *l-uniku għan tiegħu, jew anki l-għan prinċipali tiegħu*. Din il-kundizzjoni hija, għall-kuntrarju, ifformulata b'mod wiesa'.

146. Minn dan jirriżulta, fil-fehma tiegħi, li l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 jista', bħala prinċipju, ikopri kull fornitur "ta' servizz tas-soċjetà tal-informatika" li jwettaq, bħal YouTube jew Cyando, fl-ambitu ta' dan is-servizz, il-ħażna ta' informazzjoni pprovduta mill-utenti tiegħu, fuq it-talba ta' dawn tal-aħħar[135]. Madankollu, nirrepeti li l-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni hija, fi kwalunkwe każ, limitata għar-responsabbiltà li tista' tirriżulta minn din l-informazzjoni u ma hijiex estiża għal aspetti oħrajn tal-attività tal-fornitur inkwistjoni.

147. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija sal-lum ssegwi dan l-approċċ. F'dan ir-rigward, fis-sentenza Google France, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fornitur li jipprovdi servizz ta' riferiment fuq l-internet, bħal Google fir-rigward tas-servizz AdWords, jista' jibbenefika mill-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan is-servizz "jikkonsisti fiż-żamma ta' informazzjoni ipprovduta minn dak li jirċievi s-servizz", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, billi, fil-kuntest tal-imsemmi servizz, dan il-fornitur jaħżen ċerta informazzjoni, bħall-kliem prinċipali magħżul mill-utenti li jirreklamaw, il-links pubbliċitarji u l-messaġġi kummerċjali li jakkumpanjawhom, kif ukoll l-indirizzi tas-siti ta' dawn il-persuni li jirreklamaw[136]. Evidentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kkunsidratx problematiku l-fatt li l-ħażna tal-imsemmija informazzjoni tagħmel parti mill-kuntest ta' attività usa'.

131 Ara, b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Airbnb Ireland (C-390/18, EU:C:2019:1112, punti 47 u 48). F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2000/31, "dak li jirċievi s-servizz" huwa "kull persuna naturali jew legali li, għal skopijiet professjonali jew mod ieħor, tagħmel użu minn servizz għas-soċjetà [tas-soċjetà] ta' l-informazzjoni, partikolarment bl-iskop li tfittex informazzjoni jew li tagħmilha aċċessibbli". Dan il-kunċett ikopri għalhekk kemm l-utent li jqiegħed fajl online kif ukoll dak li jikkonsultah jew li jniżżlu.

132 Madankollu, wieħed ma jistax jitkellem dwar servizz "bla ħlas" għall-utenti. Kif indikajt fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11 ta' dawn il-konklużjonijiet, YouTube tiġbor ammont kunsiderevoli ta' data personali dwar l-utenti tagħha, li fiha nnifisha tirrappreżenta prezz. Ara, f'dan ir-rigward, il-premessa 24, l-Artikolu 2(7) u l-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali (ĠU 2019, L 136, p. 1).

133 Ara l-premessa 18 tad-Direttiva 2000/31 u s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Papasavvas (C-291/13, EU:C:2014:2209, punti 26 sa 30).

134 Il-kunċett ta' "informazzjoni" previst fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31, għandu jinftiehem b'mod wiesa' (ara l-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti legali tal-kummerċ elettroniku fis-suq intern, p. 27).

135 Ara, f'dan is-sens, Montero, E., "Les responsabilités liées au web 2.0.", *Revue du droit des technologies de l'information*, 2008, Nru 32, p. 368, u Van Eecke, P., "Online Service Providers and Liability: A Plea for a Balances Approach", *Common Market Law Review*, 2011, Vol. 47, p. 1473. Din l-interpretazzjoni hija sostnuta mir-rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-direttiva, p. 13, li jirreferi, b'mod wiesa', għal "każijiet differenti fejn ikun hemm ħażna ta' kontenut ta' partijiet terzi" [traduzzjoni libera].

136 Ara s-sentenza Google France, punti 110 u 111.

148. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet mitigazzjoni. Fil-fehma tagħha, fornitur ta' servizzi jista' jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 għall-informazzjoni li huwa jaħżen fuq talba tal-utenti tiegħu biss jekk l-aġir tiegħu jkun limitat għal dak ta' "intermedjarju li jipprovdi servizz" fis-sens intiż mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-kuntest tat-Taqsima 4 ta' din id-direttiva. Fid-dawl tal-premessa 42 tal-imsemmija direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'dan ir-rigward, għandu jiġi eżaminat "jekk ir-rwol eżerċitat mill-imsemmi fornitur huwiex newtrali, jiġifieri li l-aġir tiegħu huwa sempliċement tekniku, awtomatiku u passiv, li jimplika n-nuqqas ta' tagħrif u ta' kontroll fuq id-data li huwa jżomm" jew jekk, għall-kuntrarju, għandux "*rwol attiv* ta' natura li jagħtih tagħrif jew kontroll tad-data miżmuma"[137].

149. B'mod simili, fis-sentenza L'Oréal vs eBay, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li operatur ta' suq online, bħal eBay, jista' jibbenefika mill-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Hawn ukoll, il-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, irrilevat li s-servizz ipprovdut minn dan l-operatur jikkonsisti b'mod partikolari fil-ħażna ta' informazzjoni pprovduta mill-utenti tas-suq. Din hija, b'mod partikolari, data dwar l-offerti ta' bejgħ tagħhom. Min-naħa l-oħra, hija fakkret li fornitur ta' servizzi jista' jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista f'dik id-dispożizzjoni għal tali informazzjoni biss jekk jaġixxi bħala "intermedjarju li jipprovdi servizz". Dan ma japplikax meta dan il-fornitur ta' servizz, "minflok jillimita ruħu għall-forniment newtrali ta' dan tal-aħħar permezz ta' ipproċessar sempliċement tekniku u awtomatiku tad-data fornuta mill-klijenti tiegħu, jassumi rwol attiv ta' natura li jagħtih tagħrif jew kontroll tad-data"[138]

150. Minn dawk is-sentenzi jirriżulta li operaturi bħal YouTube u Cyando, li jaħżnu, fil-kuntest tal-attività tagħhom, informazzjoni pprovduta mill-utenti tal-pjattaformi tagħhom, jistgħu jibbenefikaw, fir-rigward tar-responsabbiltà li tista' tirriżulta min-natura illegali ta' partijiet minn din l-informazzjoni, mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31, sa fejn huma ma kellhomx "rwol attiv" ta' natura li jagħtihom "tagħrif jew kontroll" fuq l-informazzjoni inkwistjoni.

151. F'dan ir-rigward, nippreċiża li, kif tenfasizza l-Kummissjoni, kull fornitur ta' servizzi li jaħżen informazzjoni pprovduta mill-utenti tiegħu neċessarjament għandu ċertu kontroll fuqha. B'mod partikolari, huwa għandu l-kapaċità teknika li jneħħiha jew li jagħmel l-aċċess għaliha impossibbli. Huwa preċiżament għalhekk li huwa mistenni, skont l-Artikolu 14(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2000/31, li jaġixxi b'dan il-mod meta jkollu għarfien ta' informazzjoni illegali[139]. Din il-kapaċità ta' kontroll ma tistax, fiha nnifisha, turi li l-fornitur ta' servizzi għandu "rwol attiv", ħlief biex iċċaħħad l-imsemmi Artikolu 14(1) minn kull effett utli[140].

152. Fir-realtà, ir-"rwol attiv" previst mill-Qorti tal-Ġustizzja jirrigwarda, ġustament, il-*kontenut* stess tal-informazzjoni pprovduta mill-utenti. Nifhem il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens li l-fornitur għandu tali "rwol attiv" li jagħtih "tagħrif jew kontroll" fuq l-informazzjoni li huwa jaħżen fuq talba tal-utenti tas-servizz tiegħu meta ma jillimitax ruħu għal ipproċessar ta' din l-informazzjoni li jkun newtrali fir-rigward tal-kontenut tagħha, iżda li, permezz tan-natura tal-attività tiegħu, huwa jitqies li jikseb *il-kontroll intellettwali ta' dan il-kontenut*. Dan huwa l-każ jekk il-fornitur jagħżel

137 Ara s-sentenza Google France, punti 112 sa 114 u 120 (enfasi miżjuda minni).

138 Ara s-sentenza L'Oréal vs eBay, punti 110, 112 u 113.

139 Ara s-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Mc Fadden (C-484/14, EU:C:2016:689, punti 61 sa 64). Din il-konstatazzjoni wasslet lill-Avukat Ġenerali Jääskinen, fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża L'Oréal vs ebay (C-324/09, EU:C:2010:757, punti 139 sa 142), sabiex jikkonkludi li, fil-fehma tiegħu, il-premessa 42 tad-Direttiva 2000/31, li l-Qorti tal-Ġustizzja ispirat ruħha minnha fis-sentenza Google France sabiex tistabbilixxi r-rekwiżit tar-"rwol newtrali" tal-fornitur fir-rigward tal-informazzjoni pprovduta mill-utenti tas-servizz tiegħu, ma tirrigwardax l-attività ta' hosting, iżda biss is-sempliċi trasport u l-caching.

140 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza L'Oréal vs eBay, punt 115.

l-informazzjoni maħżuna [141], jekk jinvolvi ruħu b'mod attiv fil-kontenut tagħha b'xi mod ieħor jew jekk jippreżenta din l-informazzjoni lill-pubbliku b'tali mod li tidher li hija tiegħu. F'tali każijiet, il-fornitur joħroġ mir-rwol ta' intermedjarju tal-informazzjoni pprovduta mill-utenti tas-servizz tiegħu: huwa *jagħmilha tiegħu* [142].

153. Madankollu, fil-fehma tiegħi, operaturi bħal YouTube u Cyando ma għandhomx, bħala regola ġenerali, tali "rwol attiv" fir-rigward tal-informazzjoni li huma jaħżnu fuq talba tal-utenti tal-pjattaformi tagħhom.

154. Fil-fatt, *l-ewwel nett*, infakkar li t-tqegħid online ta' fajls fuq pjattaformi simili jsir b'mod awtomatiku, mingħajr viżwalizzazzjoni jew għażla minn qabel mill-operaturi tagħhom. Kif isostnu, essenzjalment, il-Gvern Finlandiż u l-Kummissjoni, dawn l-operaturi għalhekk ma jiksbux il-kontroll ta' din l-informazzjoni fil-mument tat-tqegħid online tagħha.

155. It-*tieni nett*, kuntrarjament għal dak li ssostni Elsevier, il-fatt li l-informazzjoni maħżuna tista' tiġi kkonsultata jew imniżżla direttament minn dawn l-istess pjattaformi ma huwiex ta' natura li jindika "rwol attiv" min-naħa tal-operaturi tagħhom. F'dan ir-rigward, ma huwiex rilevanti l-fatt li l-fornitur *jikkontrolla l-aċċess* għall-informazzjoni li huwa jaħżen fuq talba tal-utenti tas-servizz tiegħu. Pereżempju, sabiex wieħed jaċċessa r-reklami mqiegħda online permezz ta' AdWords, huwa neċessarju li wieħed juża l-magna tat-tiftix ta' Google [143]. Bl-istess mod, l-aċċess għall-offerti tal-bejgħ imqiegħda online fuq eBay jeħtieġ li wieħed jaċċedi għal postu fis-suq [144]. Ġustament, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kkunsidratx din iċ-ċirkustanza rilevanti fis-sentenzi Google France u L'Oréal vs eBay. Fil-fatt, huwa biss rilevanti l-punt dwar jekk il-fornitur għandux *kontroll fuq il-kontenut* tal-informazzjoni maħżuna. Il-fatt li din tal-aħħar hija aċċessibbli mill-pjattaforma jew mis-sit tal-internet tal-fornitur ma huwiex ta' natura li jindika dan, peress li l-konsultazzjoni tagħha jew it-tniżżil tagħha fuq talba individwali ta' utent isiru permezz ta' proċessi "purament tekniċi u awtomatiċi".

156. It-*tielet nett*, minkejja dak li tagħti x'tifhem Elsevier, ma iniex konvint li operatur bħal YouTube jew Cyando jippreżenta, lil terzi, l-informazzjoni li huwa jaħżen fuq it-talba tal-utenti tiegħu u li għaliha jagħti aċċess mill-pjattaforma tiegħu, b'tali mod li tidher li hija tiegħu. Minn naħa, dan ma huwiex il-każ sa fejn operatur bħal YouTube jindika, għal kull vidjo ppubblikat fuq il-pjattaforma tiegħu, liema utent poġġieh online. Min-naħa l-oħra, utent tal-internet medju, raġonevolment avżat, jaf li l-fajls maħżuna permezz ta' pjattaforma ta' hosting u ta' kondiviżjoni ta' fajls bħal Uploaded ma joriġinawx, bħala regola ġenerali, mill-operatur tagħha.

157. Ir-*raba' nett*, inqis li la l-fatt li operatur ta' pjattaforma bħal YouTube [145] jistruttura l-mod li bih il-vidjos ipprovduti mill-utenti huma ppreżentati fuq il-pjattaforma, billi jintegrahom f'interfaċċa standard ta' viżwalizzazzjoni u billi jelenkahom taħt diversi taqsimiet, u lanqas il-fatt li din il-pjattaforma tinkludi funzjoni ta' tfittxija u li l-operatur jipproċessa r-riżultati ta' tfittxija, miġbura fil-qosor fuq il-paġna ewlenija fil-forma ta' klassifikazzjoni tal-vidjos f'diversi kategoriji, ma huma ta' natura li juri li dan l-operatur għandu "rwol attiv" fir-rigward ta' dawn il-vidjos.

141 F'dan is-sens, fis-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Papasavvas (C-291/13, EU:C:2014:2209, punti 45 u 46), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li editur tal-istampa li jippubblika fuq is-sit tal-internet tiegħu l-verżjoni elettronika ta' gazzetta għandu għarfien tal-informazzjoni li huwa jippubblika u jeżerċita kontroll fuqha, peress li huwa jagħżilha, b'tali mod li dan l-editur ma jistax jitqies bħala "intermedjarju li jipprovdi servizz" fis-sens tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31.

142 Ara, f'dan l-istess sens, Husovec, *op. cit.*, p. 56 u 57.

143 Ara s-sentenza Google France, punt 117.

144 Elsevier tenfasizza li, f'post tas-suq online bħal eBay, ma huwiex l-operatur, iżda l-utent bejjiegħ li jagħti lill-pubbliku l-aċċess għall-prodotti mibjugħa, peress li dan tal-aħħar jikkunsinna dawn il-prodotti lill-xerrejja. B'mod kuntrarju, fir-rigward ta' YouTube, huwa l-operatur lijagħti aċċess għall-vidjos. Dan l-argument huwa bbażat, fil-fehma tiegħi, fuq konfużjoni. L-"informazzjoni" maħżuna fuq talba tal-utenti ta' post tas-suq ma hijiex il-*prodotti* proposti għall-bejgħ, iżda l-*offerti* tal-bejgħ innifishom. eBay tagħti aċċess għal din l-"informazzjoni" tal-aħħar bl-istess mod bħalma YouTube tagħti aċċess għall-"informazzjoni" kkostitwita mill-vidjos imqiegħda online mill-utenti tagħha. Fiż-żewġ każijiet, din l-"informazzjoni" differenti hija pprovduta mill-utenti.

145 Infakkar li dan ma huwiex il-każ fir-rigward tal-pjattaforma Uploaded.

158. Minn naħa, il-fatt li fornitur jistruttura l-mod li bih l-informazzjoni pprovduta mill-utenti tas-servizz tiegħu hija ppreżentata fuq il-pjattaforma tiegħu jew fuq is-sit internet tiegħu, sabiex jiffaċilita l-użu tiegħu u, għaldaqstant, jimmassimizza l-aċċess għal din l-informazzjoni, ma huwiex rilevanti fil-fehma tiegħi. L-argument oppost imressaq b'mod partikolari minn F. Peterson u mill-Gvern Franċiż jirrifletti, fil-fehma tiegħi, fehim żbaljat tas-sentenza L'Oréal vs eBay. Għalkemm f'dik is-sentenza il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li fornitur bħal eBay għandu "rwol attiv" meta jagħti lil ċerti bejjiegħa, fil-każ ta' offerti ta' bejgħ partikolari, għajnuna sabiex "[itejjeb] il-preżentazzjoni [ta' dawn l-offerti]"[146], hija kienet qiegħda tirreferi għall-fatt li eBay xi drabi tipprovdi *assistenza individwali* fuq kif wieħed jottimizza, jippromwovi u jistruttura l-*kontenut ta' offerti konkreti*[147]. Fil-fatt, meta tipprovdi tali assistenza, eBay tinvolvi ruħha attivament fil-kontenut tal-offerti inkwistjoni, kif imsemmi fil-punt 152 ta' dawn il-konklużjonijiet[148].

159. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx qed tirreferi għall-fatt li eBay tistruttura l-preżentazzjoni ġenerali tal-offerti ta' bejgħ imqiegħda online fuq il-post tas-suq tagħha.[149]. Il-fatt, għal fornitur, li jikkontrolla l-kundizzjonijiet tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni li huwa jaħżen fuq it-talba tal-utenti tas-servizz tiegħu ma jurix li huwa jikkontrolla l-kontenut ta' din l-informazzjoni. Fil-fehma tiegħi, hija biss assistenza individwali li tikkonċerna informazzjoni konkreta li hija rilevanti f'dan ir-rigward. Fil-qosor, sakemm operatur bħal YouTube ma jassistix lill-utenti tal-pjattaforma tiegħu, individwalment, fuq il-mod kif itejbu l-vidjos tagħhom[150], huwa ma jkollux "rwol attiv" fir-rigward tal-vidjos ospitati.

160. Rigward, min-naħa l-oħra, il-funzjonijiet ta' tfittxija u ta' indiċjar, minbarra li dawn huma indispensabbli sabiex jippermettu lill-utenti tal-pjattaforma jsibu l-informazzjoni li huma jixtiequ jikkonsultaw, infakkar li dawn il-funzjonijiet isiru b'mod awtomatizzat. Dawn jipproċedu b'hekk minn "ipproċessar sempliċement tekniku u awtomatiku" tal-informazzjoni maħżuna fuq talba tal-utenti, kif previst mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha[151]. Il-fatt li l-fornitur żviluppa l-għodod u, b'mod partikolari, l-algoritmu li jippermetti dan l-ipproċessar u li, minħabba f'hekk, huwa għandu l-kontroll b'mod partikolari tal-*kundizzjonijiet tal-wiri* tar-riżultati tat-tfittxija, ma jurix li huwa għandu l-kontroll tal-*kontenut* tal-informazzjoni mfittxija[152].

161. Il-*ħames nett*, kuntrarjament għal dak li jsostnu F. Peterson u l-Gvern Franċiż, il-fatt li operatur bħal YouTube jipprovdi lill-utenti rreġistrati fuq il-pjattaforma tiegħu ħarsa ġenerali tal-"vidjos rakkomandati" lanqas ma huwa ta' natura li juri "rwol attiv" tal-imsemmi operatur. Hawnhekk, ukoll, dan l-argument jirrifletti interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza L'Oréal vs eBay. Billi qieset, f'dik is-sentenza, li fornitur bħal eBay għandu tali "rwol attiv" meta jagħti lil ċerti bejjiegħa, fir-rigward ta' offerti ta' bejgħ partikolari, assistenza "sabiex tippromwovi dawk l-offerti"[153], il-Qorti tal-Ġustizzja kienet qed tirreferi għall-fatt li eBay stess xi kultant *tippromwovi ċerti offerti barra mis-suq tagħha*, fuq l-internet, permezz b'mod partikolari tas-servizz ta' referenzjar AdWords[154]. eBay tikseb il-kontroll intellettwali ta' dawn l-offerti, peress li hija tużahom sabiex tirreklama l-post tas-suq tagħha u, b'hekk, tagħmilhom tagħha.

146 Ara s-sentenza L'Oréal vs eBay, punti 114 u 116.

147 Ara s-sentenza L'Oréal vs eBay, punt 31.

148 Ara, fl-istess sens, is-sentenza Google France, punt 118, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat bħala rilevanti r-"rwol ta' Google fir-redazzjoni tal-messaġġ kummerċjali li jakkompanja l-link pubbliċitarju jew fl-istabbiliment jew l-għażla tal-kliem prinċipali".

149 Prova ta' dan hija li l-Qorti tal-Ġustizzja ffokat fuq l-idea tat-titjib tal-"preżentazzjoni *tal-offerti għall-bejgħ inkwistjoni*" (sentenza L'Oréal vs Ebay, punt 116) (enfasi miżjuda minni). Li kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kienet qiegħda tirreferi għall-istrutturazzjoni u l-organizzazzjoni ġenerali tal-offerti għall-bejgħ imressqa fis-suq, hija ma kinitx tipprovdi tali speċifikazzjoni, u lanqas ma kienet tirreferi lill-qorti nazzjonali l-kompitu li tivverifika jekk eBay kellhiex "rwol attiv" "inkonnessjoni mal-offerti għall-bejgħ inkwistjoni fil-kawża prinċipali" (punt 117 ta' dik is-sentenza). Fil-fatt, eBay kellha "rwol attiv" fir-rigward ta' kwalunkwe offerta ta' bejgħ, peress li kollha jagħmlu parti minn din l-istruttura ġenerali.

150 Pereżempju, billi jibdlu ċerti siltiet tal-vidjos inkwistjoni, billi jagħżlu mużika ta' sfond aħjar, billi jtejbu l-editjar, eċċ.

151 Ara s-sentenza L'Oréal *et*, punt 113.

152 Ara, b'analoġija, is-sentenza Google France, punti 115 u 117.

153 Sentenza L'Oréal vs eBay, punt 116.

154 Ara s-sentenza L'Oréal vs eBay, punti 38, 39 u 114.

162. Min-naħa l-oħra, il-fatt li operatur bħal YouTube jirrakkomanda lill-utenti tal-pjattaforma tiegħu, b'mod awtomatizzat, vidjos analogi għal dawk li jkunu raw qabel ma jidhirlix li huwa determinanti. Huwa paċifiku li eBay tirrakkomanda wkoll lill-utenti tas-suq tagħha, bl-istess mod, offerti analogi għal dawk li huma kkonsultaw fil-passat. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kkunsidratx, fil-fehma tiegħi, dan il-fatt fis-sentenza L'Oréal vs eBay[155]. Dan huwa, *a priori*, għal darba oħra, "ipproċessar purament tekniku u awtomatiku" tal-informazzjoni maħżuna. Għal darba oħra, il-fatt li l-fornitur żviluppa l-għodod u, b'mod partikolari, l-algoritmu li jippermettu dan l-ipproċessar u li jikkontrolla, minħabba f'hekk, il-*kundizzjonijiet tal-wiri* tal-informazzjoni rrakkomandata ma jurix li huwa għandu l-kontroll tal-*kontenut* ta' din tal-aħħar[156].

163. Is-*sitt nett*, kuntrarjament għal dak li jsostnu F. Peterson u Elsevier, il-mudell ekonomiku adottat minn operaturi ta' pjattaformi bħal YouTube u Cyando ma huwiex ta' natura li juri li dawn tal-aħħar għandhom "rwol attiv" fir-rigward tal-informazzjoni li huma jaħżnu fuq talba tal-utenti tal-pjattaformi tagħhom.

164. F'dan ir-rigward, il-fatt li tali fornitur jitħallas għas-servizz tiegħu huwa waħda mill-kundizzjonijiet li jikkaratterizzaw "servizz tas-soċjetà tal-informatika". Għaldaqstant, b'estensjoni, dan huwa prerekwiżit sabiex jaqa' taħt l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Barra minn hekk, il-fatt li din ir-remunerazzjoni tikkonsisti b'mod partikolari minn dħul mir-reklamar, li ma jiddependix mill-ispazju ta' ħażna pprovdut iżda mill-attrazzjoni tal-informazzjoni maħżuna fuq talba tal-utenti tal-pjattforma ma huwiex, fil-fehma tiegħi, rilevanti[157]. Dwar dan il-punt, infakkar li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva lill-fornituri ta' servizzi li jiffinanzjaw lilhom innifishom permezz tar-reklamar[158]. Barra minn hekk, ma hemm xejn fil-kliem tal-Artikolu 14(1) tal-imsemmija direttiva li jindika li tali fornitur għandu jiġi eskluż mill-benefiċċju ta' din id-dispożizzjoni minħabba li huwa jitħallas b'dan il-mod.

165. Mill-bqija, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenzi Google France u L'Oréal vs eBay, li s-sempliċi fatt li servizz ikun bi ħlas u li l-fornitur jistabbilixxi t-termini tar-remunerazzjoni ma huwiex ta' natura li juri "rwol attiv" min-naħa tiegħu[159]. Madankollu, ir-remunerazzjoni ta' Google, fil-kuntest tas-servizz AdWords, tiddependi mill-attrazzjoni tal-informazzjoni maħżuna, peress li, b'mod partikolari, din ir-remunerazzjoni tvarja skont in-numru ta' klikks fuq il-links pubbliċitarji li jużaw il-kliem prinċipali magħżul mill-utenti li jirreklamaw[160]. B'mod simili, ir-remunerazzjoni ta' eBay tiddependi wkoll mill-informazzjoni maħżuna, peress li eBay tipperċepixxi perċentwali fuq it-tranżazzjonijiet li jsiru mill-offerti għall-bejgħ[161]. Għalhekk, f'dawn is-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod impliċitu, iżda neċessarjament, ikkunsidrat li din iċ-ċirkustanza ma hijiex rilevanti[162].

155 Hemm ukoll, kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha f'moħħha dawn it-tip ta' rakkomandazzjonijiet, hija ma kinitx tirreferi lill-qorti nazzjonali l-kompitu li tivverifika jekk eBay kellhiex "rwol attiv" "inkonnessjoni mal-offerti għall-bejgħ inkwistjoni fil-kawża prinċipali" (sentenza L'Oréal vs eBay, punt 117). Fil-fatt, dan ir-"rwol attiv" kien jeżisti għall-offerti kollha fil-post tas-suq, peress li kwalunkwe waħda minnhom setgħet tkun irrakkomandata, skont il-programmazzjoni tal-algoritmu, lil utent partikolari.

156 Ara, b'analoġija, is-sentenza Google France, punt 115. Dan huwa bla ħsara għall-possibbiltà, għal fornitur ta' servizzi, ladarba għandu l-kontroll ta' tali algoritmu, li jinżamm responsabbli *għad-danni kkawżati mill-funzjonament ta' dan l-algoritmu fih innifsu*. Dan jista' jkun il-każ, b'mod partikolari, jekk l-imsemmi algoritmu kien jiddiskrimina illegalment fir-rigward ta' ċertu kontenut jew ċerti utenti. Nerġa' nirrepeti, l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 tikkonċerna biss ir-responsabbiltà li tirriżulta mill-informazzjoni maħżuna.

157 Ara, b'analoġija, Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), l-Ewwel Awla Ċivili, sentenza Nru 165 tas-17 ta' Frar 2011, Carion vs Société Dailymotion, Nru 09–67.896.

158 Ara l-premessa 18 tad-Direttiva 2000/31.

159 Ara s-sentenza Google France, punt 116, u s-sentenza L'Oréal vs eBay, punt 115.

160 Ara s-sentenza Google France, punt 25.

161 Ara s-sentenza L'Oréal vs eBay, punti 28 u 110

162 Dan huwa iktar notevoli peress li l-Avukat Ġenerali Poiares Maduro, fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawżi magħquda Google France u Google (C-236/08 sa C-238/08, EU:C:2009:569, punti 144 u 145), kien issuġġerixxa lill-Qorti tal-Ġustizzja l-approċċ oppost.

166. Is-*seba' nett*, fornitur ma jistax jitqies li għandu "rwol attiv" fir-rigward tal-informazzjoni li huwa jaħżen sempliċement għaliex huwa jwettaq proattivament ċerti kontrolli, bħal dawk imwettqa minn YouTube permezz tal-Content ID, sabiex jidentifika l-preżenza ta' informazzjoni illegali fuq is-servers tiegħu. Fil-fatt, kif jenfasizza l-Gvern Finlandiż, mill-premessa 40 tad-Direttiva 2000/31 jirriżulta li d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva dwar ir-responsabbiltà tal-intermedjarji li jipprovdu servizz "ma jfixklux l-iżvilupp u l-operat effettiv […] ta' strumenti tekniċi ta' sorveljanza li huma possibbli bit-teknoloġija diġitali". Mill-bqija, fil-fehma tiegħi, għandha tiġi evitata interpretazzjoni tal-kunċett ta' "rwol attiv" li tkun ta' natura li twassal għar-riżultat paradossali li fornitur ta' servizzi li jwettaq ċerti riċerki fuq inizjattiva tiegħu stess fl-informazzjoni li huwa jaħżen sabiex jiġġieled b'mod partikolari kontra l-ksur tad-drittijiet tal-awtur, fl-interess tad-detenturi tad-drittijiet, jitlef il-benefiċċju tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tal-imsemmija direttiva u jiġi, b'hekk, ittrattat b'mod iktar sever minn fornitur li jagħmilx dan [163].

167. *Fl-aħħar nett*, infakkar li, b'analoġija, fis-sentenzi SABAM [164] u Glawischnig-Piesczek [165], il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li "huwa paċifiku" li operaturi ta' pjattaformi ta' network soċjali jistgħu jinvokaw l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 għall-informazzjoni li huma jaħżnu fuq talba tal-utenti tagħhom. Għalkemm, kif irrimarka l-Gvern Franċiż waqt is-seduta, l-espressjoni "huwa paċifiku" tenfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha, f'dawk is-sentenzi, fuq premessa li ma hijiex ikkontestata mill-partijiet jew mill-qrati tar-rinviju, nosserva madankollu li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tonqosx, fil-kuntest tad-deċiżjonijiet preliminari, milli tikkontesta l-premessi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni meta jidhrilha li huma dubjużi [166]. Madankollu, ninnota li dan ma għamlitux f'dan il-każ [167].

168. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex għat-tieni domandi tirrispondi li l-operatur ta' pjattaforma ta' kondiviżjoni tal-vidjos, bħal YouTube, u l-operatur ta' pjattaforma ta' hosting u ta' kondiviżjoni ta' fajls, bħal Cyando, jistgħu, bħala prinċipju, jibbenefikaw mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 għal kull responsabbiltà li tista' tirriżulta mill-fajls li huma jaħżnu fuq talba tal-utenti tal-pjattaformi tagħhom [168].

163 Ara, f'dan is-sens, il-premessa 26 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/334 tal-1 ta' Marzu 2018 dwar miżuri biex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-kontenut illegali online (ĠU 2018, L 63, p. 50). Mill-bqija, jirriżulta impliċitament, iżda neċessarjament, mis-sentenza L'Oréal vs eBay li fornitur ta' servizzi jista' jagħmel ir-riċerki tiegħu mingħajr ma jitlef, minħabba f'hekk, ir-"rwol newtrali" tiegħu (ara l-punti 46 u 122 ta' din is-sentenza).

164 Sentenza tas-16 ta' Frar 2012 (C-360/10, EU:C:2012:85, punt 27).

165 Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019 (C-18/18, EU:C:2019:821, punt 22).

166 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Funke Medien NRW (C-469/17, EU:C:2019:623, punti 16 sa 26).

167 Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni nnifsu jidher li jikkunsidra li operatur ta' pjattaforma bħal YouTube jista' jibbenefika mill-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 peress li diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jipprevedu l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu għal tali operatur. Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 28a(5) tad-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva), fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbiddlu (ĠU 2018, L 303, p. 69), li jindika li "[…] l-Artikoli 12 sa 15 tad-Direttiva 2000/31/KE għandhom japplikaw għall-forniturи ta' pjattaformi ta' video-sharing meqjusa li huma stabbiliti fi Stat Membru" (ara wkoll l-Artikolu 28b ta' din id-direttiva).

168 Bla ħsara, madankollu, għal-limitu mfakkar fil-punt 146 ta' dawn il-konklużjonijiet.

C. Fuq il-kundizzjoni ta' eżenzjoni, minħabba l-assenza ta' għarfien jew ta' konoxxenza ta' informazzjoni illegali, prevista fl-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31 (it-tielet domandi)

169. Kif diġà spjegajt fil-kuntest tal-analiżi tiegħi tat-tieni domandi preliminari, operaturi bħal YouTube jew Cyando jistgħu, bħala prinċipju, jinvokaw l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Skont din id-dispożizzjoni, fornitur ma jkunx responsabbli għall-informazzjoni li jaħżen fuq it-talba ta' dak li jirċievi s-servizz, bil-kundizzjoni li, (a) "attwalment ma jkollux tagħrif ta' attività jew informazzjoni illegali" u, f'dak li jirrigwarda talba għad-danni, ma jkunx "konxju tal-fatti jew taċ-ċirkostanzi li minnhom l-attività jew l-informazzjoni illegali tkun apparenti"[169], jew li, (b) wara li jkun kiseb tali għarfien, huwa "jaġixxi mingħajr dewmien biex ineħħi jew iwaqqaf l-aċċess għall-informazzjoni".

170. Permezz tat-tielet domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fl-imsemmi Artikolu 14(1)(a). Hija tfittex, essenzjalment, li tkun taf jekk din il-kundizzjoni tirreferix għal informazzjoni illegali konkreta.

171. Ir-risposta għal din id-domanda għandha implikazzjonijiet sinjifikattivi għas-sitwazzjonijiet kollha li fihom fornitur ta' servizzi jista' jinżamm responsabbli għal informazzjoni illegali li huwa jaħżen. Essenzjalment, hija tistaqsi jekk, sabiex fornitur ikkonċernat jitlef il-benefiċċju tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31, ir-rikorrent għandux jistabbilixxi li dan il-fornitur kellu "għarfien" jew kien "konxju" minn *din l-informazzjoni b'mod partikolari*, jew jekk huwiex biżżejjed li juri li dan il-fornitur kellu "għarfien" jew "konoxxenza" *ġenerali u astratta* minħabba l-fatt li huwa jaħżen informazzjoni illegali u li s-servizzi tiegħu jintużaw għal attivitajiet illegali.

172. Fil-fehma tiegħi, l-ipoteżijiet imsemmija fl-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31 jirreferu effettivament għal informazzjoni illegali konkreta.

173. Kif ġustament tenfasizza l-qorti tar-rinviju, u kif sostnew Google kif ukoll il-Gvern Ġermaniż u dak Franċiż, din l-interpretazzjoni tirriżulta mill-kliem stess tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31, li juża [fil-verżjoni Franċiża] artiklu definit ("*l'*activité ou […] *l'*information illicites" u "*l'*activité ou *l'*information illicite") ["*l-*attività jew […] *l-*informazzjoni illegali" u "*l-*attività jew *l-*informazzjoni illegali"] (enfasi miżjuda minni)[170]. Kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jirreferi għal għarfien jew konoxxenza ġenerali tal-fatt li hemm informazzjoni illegali fuq is-servers tal-fornitur jew li s-servizzi tiegħu jintużaw għal attivitajiet illegali, huwa kien juża artiklu indefinit ("*une* activité ou *une* information illicites" ou "*d'activités* ou *d'informations* illicites") ["*attività* jew *informazzjoni* illegali" jew "*attivitajiet* jew *informazzjoni* illegali"]. Nirrileva wkoll li l-Artikolu 14(1)(b) tal-imsemmija direttiva juża wkoll artiklu definit ("ineħħi jew iwaqqaf l-aċċess *għall-*informazzjoni") (enfasi miżjuda minni).

174. Din l-interpretazzjoni tapplika wkoll fid-dawl tal-kuntest ġenerali tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 u tal-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni.

175. F'dan ir-rigward, infakkar li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni, meta stabbilixxa l-eżenzjonijiet mir-responsabbiltà previsti fit-Taqsima 4 tad-Direttiva 2000/31, li jippermetti lill-intermedjarji li jipprovdu s-servizzi tagħhom mingħajr ma jinkorru r-riskju sproporzjonat ta' responsabbiltà għall-informazzjoni li huma jipproċessaw fuq talba tal-utenti tagħhom. B'mod partikolari, l-Artikolu 14(1) ta' din id-direttiva huwa intiż sabiex jiġi evitat li dawn il-forniturі ġeneralment jinżammu responsabbli minħabba l-illegalità tal-informazzjoni li huma jaħżnu, li

169 Għall-konvenjenza, f'dawn il-konklużjonijiet ser nuża l-kunċett ta' "għarfien attwali" sabiex nirreferi għall-ipoteżi msemmija fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31 u l-kunċett ta' "konoxxenza" sabiex nirreferi għall-ipoteżi msemmija fit-tieni inċiż ta' dik id-dispożizzjoni.

170 Dan huwa wkoll il-każ fil-parti l-kbira tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħrajn tad-Direttiva 2000/31. F. Peterson u Elsevier jirribattu li l-verżjoni bil-lingwa Ingliża ta' dik id-direttiva tappoġġa l-interpretazzjoni opposta. Jiena miniex konvint. Ċertament, f'din il-verżjoni, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 14(1)(a) ta' din id-direttiva ma jinkludix artiklu definit ("[…] the provider does not have actual knowledge of *illegal activity* or information […]"). Madankollu, it-tieni inċiż juża, min-naħa tagħha, artiklu definit ("[…] is not aware of facts or circumstances from which *the* illegal activity or information is apparent […]") (enfasi miżjuda minni)

l-ammont tagħha jkun spiss kunsiderevoli u li, minħabba f'hekk, huma ma jkollhomx il-kontroll intellettwali tagħha. L-imsemmi leġiżlatur kellu l-intenzjoni jistabbilixxi, f'dan ir-rigward, bilanċ bejn id-diversi interessi involuti. Minn naħa, ma jistax jiġi impost fuq dawn il-fornituri, skont l-Artikolu 15(1) tal-imsemmija direttiva, l-obbligu ġenerali li jissorveljaw l-informazzjoni li huma jittrażmettu jew jaħżnu, jew l-obbligu ġenerali li jfittxu attivament il-fatti jew iċ-ċirkustanzi li jindikaw attivitajiet illegali. Min-naħa l-oħra, l-istess fornituri għandhom, meta jkollhom għarfien jew ikunu konxji minn informazzjoni illegali, jaġixxu malajr kemm jista' jkun sabiex ineħħu din l-informazzjoni jew jagħmlu l-aċċess għaliha impossibbli, fl-osservanza tal-prinċipju ta' libertà ta' espressjoni u ta' proċeduri stabbiliti għal dan il-għan fuq livell nazzjonali [171].

176. L-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 huwa għalhekk intiż sabiex jikkostitwixxi bażi għall-iżvilupp, fil-livell tal-Istati Membri, ta' proċeduri msejħa ta' notifika u ta' tneħħija (*notice and take down*) [172]u l-kundizzjonijiet previsti fil-punti (a) u (b) tiegħu jirriflettu, għaldaqstant, il-loġika ta' dawn il-proċeduri: meta *informazzjoni illegali konkreta* tinġieb għall-attenzjoni ta' fornitur ta' servizzi [173], huwa għandu jneħħiha minnufih.

177. Madankollu, F. Peterson u Elsevier iwieġbu li pjattaformi bħal YouTube u Uploaded jagħtu lok għal ammont kbir ta' użu illegali, użu li huwa regolarment innotifikat lill-operaturi tagħhom. Għalhekk, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu, mill-ġdid, li dawn l-operaturi għandhom ibatu obbligi ta' diliġenza li jinvolvu l-prevenzjoni u t-tfittxija attiva ta' ksur imwettaq fuq il-pjattaformi tagħhom. Konsegwentement, huma ma jistgħux jinvokaw in-nuqqas ta' għarfien tagħhom ta' informazzjoni illegali konkreta li tkun tinsab fihom. F'dan ir-rigward, l-"għarfien" tagħhom jew il-"konoxxenza" tagħhom għandha tiġi preżunta.

178. Fil-fehma tiegħi, din l-interpretazzjoni ssuġġerita mid-detenturi tad-drittijiet sempliċement ma hijiex konċiljabbli mad-dritt tal-Unjoni, fl-istat attwali tiegħu.

179. Tali argument ma huwiex qabelxejn kompatibbli mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31, dwar l-"għarfien attwali". Sabiex jintwera tali "għarfien attwali", għandu jiġi kkunsidrat mhux x'kien ikun jaf il-fornitur kieku kien diliġenti iżda x'kien jaf realment [174].

180. Barra minn hekk, għandhom jingħataw spjegazzjonijiet fir-rigward tal-ipoteżi tal-"kuxjenza" msemmija fit-tieni inċiż tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet diversi preċiżazzjonijiet f'dan ir-rigward fis-sentenza L'Oréal vs eBay. Infakkar li, fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza, ir-responsabbiltà ta' eBay kienet imfittxija għal ċerti offerti ta' bejgħ, imqiegħda online fis-suq tagħha, li setgħu jippreġudikaw it-trade marks ta' L'Oréal. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-operatur ta' suq huwiex "konxju" minn tali offerti, fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni, għandu jiġi vverifikat jekk dan tal-aħħar għandux "konoxxenza ta' fatti jew ta' ċirkustanzi li abbażi tagħhom operatur ekonomiku diliġenti kellu jikkonstata l-illegalità inkwistjoni u jaġixxi skont l-Artikolu 14(1)(b) [ta' din id-direttiva]". Dan jista' jkun il-każ f'"kull sitwazzjoni fejn il-fornitur ikkonċernat ikun sar konxju, b'mod jew ieħor, minn tali fatti jew ċirkustanzi" u, b'mod partikolari, meta huwa "jiskopri l-eżistenza ta' attività jew informazzjoni illegali wara eżami mwettaq fuq l-inizjattiva tiegħu" jew ukoll jekk "huwa [ġiex] [i]nnotifikat bl-eżistenza ta' tali attività jew ta' tali informazzjoni" [175].

171 Ara l-premessi 40, 41 u 46 tad-Direttiva 2000/31.

172 Ara l-premessa 40 u l-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2000/31. Kuntrarjament għat-Taqsima 512 introdotta minn DMCA, id-Direttiva 2000/31 ma tipprovdix għalhekk għal proċedura ta' notifika u ta' tneħħija armonizzata.

173 Irrid infisser b'dan: tinġieb għall-attenzjoni ta' impjegat tal-fornitur. Wieħed ma jistax jikkunsidra li fornitur ikollu "għarfien" jew ikun "konxju" ta' informazzjoni illegali li huwa jaħżen, fis-sens tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 minħabba, pereżempju, li huwa pproċessa b'mod awtomatizzat din l-informazzjoni. Tali interpretazzjoni ċċaħħad lil dik id-dispożizzjoni minn kull effett utli, peress li kull fornitur li jospita informazzjoni irid neċessarjament iwettaq tali pproċessar.

174 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża L'Oréal *et* (C-324/09, EU:C:2010:757, punti 162 u 163).

175 Sentenza L'Oréal vs eBay, rispettivament punti 120, 121 u 122.

181. Minn dik is-sentenza jirriżulta li ċerti obbligi ta' diliġenza huma effettivament imposti fuq fornitur ta' servizzi taħt l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Bħala tali, tali fornitur jista' xi kultant jitlef il-benefiċċju tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista f'din id-dispożizzjoni minħabba li kellu jkun jaf li informazzjoni partikolari kienet illegali u li, minkejja dan, ma neħħihiex.

182. Madankollu, dawn l-obbligi ta' diliġenza huma nettament iktar immirati milli jissuġġerixxu r-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Fil-fehma tiegħi, ma jistax jiġi dedott mill-imsemmija sentenza li fornitur ta' servizzi, sabiex jaġixxi bħala "operatur ekonomiku diliġenti", għandu, meta jkollu għarfien astratt tal-fatt li informazzjoni illegali tinsab fuq is-servers tiegħu, ifittex b'mod attiv, b'mod ġenerali, tali informazzjoni illegali u, konsegwentement, huwa preżunt li għandu "konoxxenza" tagħha kollha.

183. F'dan ir-rigward, huwa ċar li, fid-dawl tan-numru ta' offerti ta' bejgħ ippubblikati kuljum f'post tas-suq bħal eBay, l-operatur tiegħu jaf li ċertu numru minnhom jistgħu jippreġudikaw id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx, fis-sentenza L'Oréal vs eBay, li tali operatur jitqies li huwa "konxju", fis-sens tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31 ta' kwalunkwe waħda minn dawn l-offerti li jikkostitwixxu ksur. Għall-kuntrarju, hija qieset li kien hemm lok li jiġi vverifikat jekk il-fatti jew iċ-ċirkustanzi *li jikkonċernaw l-offerti għall-bejgħ inkwistjoni f'din il-kawża* kinux ġew innotifikati lil dan il-fornitur. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għandu b'mod partikolari jiġi vverifikat jekk dan il-fornitur kienx irċieva notifika suffiċjentement preċiża u sostnuta *fir-rigward ta' dawn l-offerti* [176].

184. Minn dan jirriżulta li l-ipoteżi msemmija fit-tieni inċiż tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31, li fiha fornitur ta' servizzi jkun "konxju tal-fatti jew taċ-ċirkostanzi li minnhom l-attività jew l-informazzjoni illegali tkun apparenti", tirreferi għall-każ fejn il-fornitur (attwalment) ikollu għarfien ta' elementi oġġettivi, *relatati ma' informazzjoni konkreta fuq is-servers tiegħu*, li għandhom ikunu suffiċjenti, sakemm huwa juri d-diliġenza meħtieġa, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-illegalità ta' din l-informazzjoni u jħassarha, skont l-Artikolu 14(1)(b) ta' din id-direttiva.

185. Fil-qosor, fornitur ta' servizzi għandu l-obbligu li jittratta b'mod diliġenti l-fatti u ċ-ċirkustanzi li jinġiebu għall-attenzjoni tiegħu, b'mod partikolari fil-kuntest ta' notifiki, dwar informazzjoni konkreta illegali. Dan ma jistax jiġi konfuż ma' obbligu li jiġu mfittxija attivament, b'mod ġenerali, tali fatti u ċirkustanzi. Tali interpretazzjoni tbiddel il-loġika tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 u tkun inkompatibbli mal-Artikolu 15 ta' dik id-direttiva [177].

186. Barra minn hekk, ma għandux jintesa li l-loġika ta' "notifika u tneħħija" li fuqha huwa bbażat l-imsemmi Artikolu 14(1) hija intiża, kif indikajt, sabiex tistabbilixxi bilanċ bejn id-diversi interessi involuti u, b'mod partikolari, sabiex tissalvagwardja l-libertà ta' espressjoni tal-utenti.

187. F'dan il-kuntest, il-loġika tan-notifiki ma hijiex intiża biss sabiex tippermetti lil fornitur ta' servizzi jiskopri l-eżistenza u l-lokalizzazzjoni ta' informazzjoni illegali fuq is-servers tiegħu. Notifika hija intiża wkoll sabiex tagħtih biżżejjed elementi sabiex jiżgura ruħu min-natura illegali ta' din l-informazzjoni. Fil-fatt, skont dan l-istess Artikolu 14(1), fornitur għandu jneħħi tali informazzjoni biss meta n-natura illegali tagħha tkun "apparenti", jiġifieri *manifesta* [178]. Dan ir-rekwiżit huwa intiż, fil-fehma tiegħi, sabiex jiġi evitat li fornitur ikollu jsolvi huwa stess kwistjonijiet legali kumplessi u li, billi jagħmel dan, jittrasforma ruħu f'arbitru tal-legalità online.

176 Ara s-sentenza L'Oréal vs eBay, punt 122.

177 Ara, fl-istess sens, Riordan, J., *The Liability of Internet Intermediaries*, Oxford University Press, Oxford, 2016, p. 407 u 408. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fil-punt 139 tas-sentenza L'Oréal vs eBay, li l-miżuri li jistgħu jintalbu minn fornitur ta' servizz online bħal eBay "ma jistgħux jikkonsistu f'sorveljanza attiva tad-data kollha ta' kull wieħed mill-klijenti tiegħu bil-għan li jiġi evitat kull ksur futur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali permezz tas-sit ta' dak l-operatur". Bl-istess mod, l-indikazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punt 120 ta' dik is-sentenza, li fornitur jista' jiskopri fatti u ċirkustanzi li minnhom l-illegalità tkun apparenti fil-kuntest tar-riċerki tiegħu stess sempliċement tindika li l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 *jawtorizza* lil fornitur iwettaq tali riċerki. Jekk ikun il-każ, dan il-fornitur ikollu ċertament iħassar l-informazzjoni illegali li jiskopri. Dan ma jfissirx li huwa jkun, b'mod ġenerali, *obbligat* li jwettaq tali riċerki.

178 Ara Conseil constitutionnel (il-Kunsill Kostituzzjonali, Franza), deċiżjoni Nru 2004-496 tal-10 ta' Ġunju 2004.

188. Madankollu, għalkemm in-natura illegali ta' ċerta informazzjoni tkun immedjatament ovvja [179], dan ma huwiex, bħala regola ġenerali, il-każ fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur. L-evalwazzjoni tan-natura kontravenzjonali ta' fajl titlob diversi elementi tal-kuntest u tista' teħtieġ analiżi ġuridika fil-fond. Pereżempju, li jiġi ddeterminat jekk vidjo mqiegħed online fuq pjattaforma bħal YouTube jiksirx drittijiet tal-awtur jimplika, bħala prinċipju, li jiġi vverifikat, l-ewwel nett, jekk dan il-vidjo jinkludix xogħol, it-tieni nett, jekk it-terz li jilmenta huwiex il-proprjetarju ta' drittijiet fuq dan ix-xogħol, it-tielet nett, jekk l-użu hekk magħmul mix-xogħol jiksirx id-drittijiet tiegħu, u dan il-punt tal-aħħar ikun jeħtieġ li jiġi evalwat, qabelxejn, jekk l-użu jkunx sar bl-awtorizzazzjoni tiegħu, u, sussegwentement, jekk eċċezzjoni hijiex potenzjalment applikabbli. Barra minn hekk, l-analiżi hija kkumplikata mill-fatt li d-drittijiet u l-liċenzji eventwali fuq ix-xogħol jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor, bħal dawn l-eċċezzjonijiet, skont id-dritt applikabbli [180].

189. Kieku fornitur ta' servizzi kellu jfittex b'mod attiv l-informazzjoni kollha li twettaq ksur li tinsab fuq is-servers tiegħu, mingħajr l-assistenza tad-detenturi tad-drittijiet, dan iġiegħlu jevalwa huwa stess, b'mod ġenerali u mingħajr l-elementi ta' kuntest neċessarji, x'jaqa' taħt ksur. Għalkemm ċerti sitwazzjonijiet iħallu ftit spazju għad-dubju [181], ħafna oħrajn huma ambigwi. Pereżempju, id-determinazzjoni ta' min għandu drittijiet fuq xogħol hija rarament kwistjoni faċli [182]. Barra minn hekk, meta silta minn xogħol protett tiġi inkluża f'vidjo mqiegħed minn terz, ċerti eċċezzjonijiet, bħalma huma l-użu għal finijiet ta' ċitazzjoni jew ta' parodija [183], jistgħu japplikaw. Ir-riskju huwa li, f'dawn is-sitwazzjonijiet ekwivoċi kollha, il-fornitur ixaqleb lejn it-tneħħija sistematika tal-informazzjoni preżenti fuq is-servers tiegħu, sabiex jevita kull riskju ta' responsabbiltà fir-rigward tad-detenturi tad-drittijiet. Fil-fatt, spiss ikun iktar faċli għalih li jneħħi informazzjoni iktar milli jkollu jinvoka, fil-kuntest ta' azzjoni għal responsabbiltà, pereżempju, l-applikazzjoni ta' tali eċċezzjoni. Tali "tneħħija eċċessiva" toħloq problema evidenti fil-qasam tal-libertà tal-espressjoni [184].

190. Għal dawn ir-raġunijiet, kif issostni l-qorti tar-rinviju, in-natura ta' ksur ta' informazzjoni tista' titqies li hija "apparenti", fis-sens tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31, biss meta l-fornitur ikkonċernat ikun irċieva notifika li tagħti biżżejjed elementi li jippermettu lil "operatur ekonomiku diliġenti" fis-sitwazzjoni tiegħu li jikkonstata faċilment din in-natura u mingħajr eżami ġuridiku u materjali fil-fond. B'mod konkret, din in-notifika għandha tidentifika x-xogħol protett, tiddeskrivi l-ksur implikat u tipprovdi indizji ċari biżżejjed dwar id-drittijiet li l-vittma tallega li għandha fuq ix-xogħol. Inżid li, meta l-applikazzjoni ta' eċċezzjoni ma tkunx immedjatament eskluża, in-notifika għandu jkun fiha spjegazzjonijiet raġonevoli fuq ir-raġunijiet li għalihom din għandha tkun eskluża. Fil-fehma tiegħi, hija biss tali interpretazzjoni li tista' tevita r-riskju li l-forniturі jittrasformaw ruħhom f'arbitri tal-legalità online u r-riskju ta' "tneħħija eċċessiva" invokat fil-punti preċedenti [185].

179 Nirreferi, pereżempju, għall-istampi pedopornografiċi. Għal din it-tip ta' informazzjoni li hija, fiha nnifisha, manifestament u indiskutibbilment illegali, id-Direttiva 2000/31 ma tipprekludix, fil-fehma tiegħi, li wieħed jeżiġi li l-fornitur ikun proattiv fir-rigward tat-tneħħija tagħha. Ara, f'dan is-sens, il-premessa 48 ta' din id-direttiva u, li tirrigwarda speċifikament il-pedopornografija, il-premessa 47 u l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2011/92.

180 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2012, SABAM (C-360/10, EU:C:2012:85, punt 50).

181 Pereżempju, it-tqegħid online, minn utent mhux magħruf, ta' kopja ta' kwalità fqira ta' film li ħareġ reċentement fiċ-ċinema, iffilmjat b'kamkorder.

182 Mid-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-682/18 jirriżulta li parti sinjifikattiva mis-sentenza tal-appell hija ddedikata għall-kwistjoni ta' jekk F. Peterson għandux drittijiet fuq ix-xogħlijiet ikkonċernati u sa liema punt.

183 Ara l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29.

184 Nirrileva b'mod partikolari li d-Direttiva 2000/31 ma tipprevedi ebda garanzija lill-utenti, bħal proċedura ta' "kontronotifika" li tippermetti li tiġi kkontestata t-"tneħħija eċċessiva" tal-informazzjoni tagħhom. Il-premessa 46 ta' din id-direttiva sempliċement tindika li l-Istati Membri jistgħu "jistabbilixxu ħtiġijiet speċifiċi li għandhom ikunu mwettqa mingħajr dewmien qabel it-tneħħija jew it-twaqqif ta' l-informazzjoni".

185 Ara, f'dan is-sens, Riordan, J. *op. cit.*, p. 406. B'mod ġenerali, il-kwistjoni dwar jekk il-"fatti u ċirkustanzi" miġjuba għall-attenzjoni ta' fornitur ta' servizzi kinux suffiċjenti sabiex jingħata "għarfien" ta' informazzjoni illegali, fis-sens tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31, tiddependi miċ-ċirkustanzi kollha ta' kull każ, b'mod partikolari mil-livell ta' preċiżjoni tan-notifika, mill-kumplessità tal-analiżi neċessarja sabiex tinftiehem l-illegalità ta' din l-informazzjoni u tar-riżorsi li għandu dan il-fornitur. L-istess japplika fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-fornitur aġixxiex "mingħajr dewmien", fis-sens tal-Artikolu 14(1)(b) ta' din id-direttiva.

191. B'dan iċċarat, jifdal żewġ preċiżazzjonijiet finali xi jsiru. Fl-ewwel lok, jeżisti, fil-fehma tiegħi, każ fejn fornitur ta' servizzi ma jistax jinħeba wara l-fatt li huwa ma kellux attwalment "għarfien" jew ma kienx "konxju" mill-informazzjoni illegali konkreta li għaliha hija mfittxija r-responsabbiltà tiegħu, u li fih għarfien ġenerali u astratt tal-fatt li huwa jaħżen informazzjoni illegali u li s-servizzi tiegħu jintużaw għal attivitajiet illegali għandu jkun biżżejjed. Dan huwa dak fejn dan il-fornitur *jiffaċilita deliberatament* it-twettiq ta' atti illegali mill-utenti tas-servizz tiegħu. Meta elementi oġġettivi juru l-*mala fide* tal-imsemmi fornitur [186], dan tal-aħħar jitlef, fil-fehma tiegħi, il-benefiċċju tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 [187].

192. Fit-tieni lok, F. Peterson u Elsevier isostnu wkoll li, meta fornitur ta' servizzi jkun irċieva notifika preċiża u sostnuta biżżejjed dwar informazzjoni illegali, l-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2000/31 jeżiġi mhux biss li dan il-fornitur ineħħi l-informazzjoni jew jirrendiha inaċċessibbli, iżda wkoll li jieħu l-miżuri neċessarji sabiex "jibblokka" din l-informazzjoni, jiġifieri jipprojbixxi li *terġa' titqiegħed online*. Fi kliem ieħor, fl-ipoteżi fejn fornitur jirċievi tali notifika, jitqies li jkun "konxju" mhux biss mill-informazzjoni li tinsab attwalment fuq is-servers tiegħu, iżda wkoll minn kull tqegħid futur eventwali tal-istess informazzjoni, mingħajr ma tkun meħtieġa notifika ġdida għal kull wieħed minnhom.

193. F'dan ir-rigward, id-detenturi tad-drittijiet isostnu regolarment li l-informazzjoni li tkun ġiet innotifikata u li tkun tneħħiet minn fornitur ta' servizzi spiss titqiegħed mill-ġdid online ftit żmien wara. Konsegwentement, huma jkunu kostretti jissorveljaw kontinwament is-siti internet kollha li jistgħu jospitaw ix-xogħlijiet tagħhom u jimmultiplikaw in-notifiki. Is-soluzzjoni ssuġġerita minn dawn id-detenturi tad-drittijiet sabiex tiġi rrimedjata l-problema hija li l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi sistema mhux biss ta' "notifika u tneħħija" (*notice and* take *down*), iżda saħansitra ta' "notifika u bblukkar" (*notice and* stay *down*).

194. Fil-fehma tiegħi, l-inklużjoni fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 ta' obbligu ta' *stay down* tibdel sinjifikattivament il-portata ta' din id-dispożizzjoni. It-tneħħija ta' informazzjoni timplika, għal fornitur ta' servizzi, li jirreaġixxi (b'mod diliġenti) għal notifika. L-ibblokkar ta' informazzjoni jeħtieġ, min-naħa l-oħra, li tiġi stabbilita teknoloġija ta' filtrazzjoni tal-informazzjoni kollha li huwa jaħżen. F'dan il-kuntest, ma hijiex biss kwistjoni li jiġi pprojbit it-tqegħid online ta' fajl tal-kompjuter partikolari, iżda wkoll ta' kull fajl *li jkollu kontenut ekwivalenti*. Indipendentement mill-fatt li ċerti fornituri, fosthom, milli jidher, YouTube, għandhom teknoloġiji li jippermettu tali *stay down* u li jimplimentawhom volontarjament, jidhirli li huwa diffiċli, permezz ta' interpretazzjoni "dinamika", li tali obbligu jiġi integrat f'din id-dispożizzjoni u li jiġi impost b'dan il-mod fuq kull fornitur ta' servizzi, inklużi dawk li ma għandhomx ir-riżorsi neċessarji sabiex jimplimentaw teknoloġija simili [188].

195. Min-naħa l-oħra, inqis li obbligu ta' *stay down* jista', f'kundizzjonijiet li ser nippreċiża fil-kuntest tal-analiżi tiegħi tar-raba' domandi, jiġi impost fuq ċerti fornituri ta' servizzi, b'mod partikolari skont il-kapaċitajiet tagħhom, fil-kuntest ta' ordni ġudizzjarja, skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29.

196. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għat-tielet domandi li l-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31 għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sitwazzjonijiet imsemmija fih, jiġifieri dik li fiha fornitur ta' servizzi "attwalment [ikollu] tagħrif ta' attività jew informazzjoni illegali" u dik li fiha tali fornitur ikun "konxju tal-fatti jew taċ-ċirkostanzi li minnhom l-attività jew l-informazzjoni illegali tkun apparenti", jirreferu, bħala prinċipju, għal informazzjoni illegali konkreta.

186 Għal din il-kwistjoni, nirreferi lill-qarrej għall-punti 120 sa 131 ta' dawn il-konklużjonijiet.

187 Fil-fatt, fil-fehma tiegħi huwa inkonċepibbli li, pereżempju, l-amministraturi tal-pjattaforma "The Pirate Bay" jistgħu jinvokaw l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 sabiex jevitaw ir-responsabbiltà sekondarja tagħhom, skont id-dritt nazzjonali, għall-informazzjoni maħżuna fuq dik il-pjattaforma. Kif isostni l-Gvern Franċiż, din id-dispożizzjoni hija intiża sabiex tipproteġi lill-fornituri ta' servizzi li ġeneralment ikunu *in bona fide*, mhux lill-fornituri li l-intenzjoni stess tagħhom hija dik li jiffaċilitaw il-ksur tad-drittijiet tal-awtur.

188 Min-naħa l-oħra, fl-Artikolu 17(4) tad-Direttiva 2019/790 hemm obbligu ta' *stay down*. Madankollu nosserva li l-leġiżlatur ippreveda eċċezzjoni għall-fornituri "żgħar", li ma għandhomx ir-riżorsi jew it-teknoloġija neċessarja sabiex jimplimentaw tali obbligu.

D. Fuq il-kundizzjonijiet sabiex tintalab ordni kontra intermedjarju skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 (ir-raba' domandi)

197. Fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li operaturi ta' pjattaformi bħal YouTube u Cyando jistgħu jinvokaw l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2000/31, dawn tal-aħħar ikunu eżentati minn kull responsabbiltà li tista' tirriżulta mill-fajls li huma jaħżnu fuq talba tal-utenti tal-pjattaformi tagħhom, sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu.

198. Madankollu, kif jispeċifika l-paragrafu 3 tiegħu, dan l-artikolu "ma għandux jaffettwa l-possibbiltà għal qorti jew awtorità amministrattiva, bi qbil mas-sistemi leġali ta' Stati Membri, tal-ħtieġa li dak li jipprovdi s-servizz jittermina jew iwaqqaf ksur." Fi kliem ieħor, dan l-istess artikolu ma jipprekludix li fornitur ta' servizzi jkun id-destinatarju, b'mod partikolari, ta' *ordni ġudizzjarja*, u dan anki meta jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet [189].

199. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li "d-detenturi tad-drittijiet ikunu f'posizzjoni biex japplikaw għal restrizzjoni kontra intermedjarji li s-servizzi tagħhom jkunu użati minn terzi partijiet biex jiksru d-drittijiet ta' l-awtur jew dritt relatat" [190].

200. Permezz tar-*raba' domandi* tagħha, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-kundizzjonijiet li d-detenturi tad-drittijiet għandhom jissodisfaw sabiex ikunu jistgħu jitolbu tali ordni, skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29.

201. Dik il-qorti tistaqsi, b'mod iktar speċifiku, dwar il-kompatibbiltà tal-ġurisprudenza tagħha mad-dritt tal-Unjoni. Skont dik il-ġurisprudenza, l-imsemmi Artikolu 8(3) huwa implimentat, fid-dritt Ġermaniż, permezz tar-"responsabbiltà tal-interferent" (*Störerhaftung*), forma ta' responsabbiltà indiretta li ilha stabbilita għal żmien twil. Dik l-istituzzjoni tipprevedi li, fil-każ ta' ksur ta' dritt assolut, bħal dritt ta' proprjetà intellettwali, dak li, mingħajr ma jkun l-awtur jew kompliċi ta' dan il-ksur, jikkontribwixxi għalih bi kwalunkwe mod, deliberatament, u b'rabta kawżali adegwata, jista' jiġi pproċessat bħala "interferent" (*Störer*). F'dan il-kuntest, jista' jkun biżżejjed li l-persuna inkwistjoni tappoġġa jew tisfrutta l-aġir tat-terz awtur ta' dan l-istess ksur, li jaġixxi fuq l-awtorità tiegħu stess, jekk din il-persuna kellha legalment u materjalment il-possibbiltà li tipprekludi l-ksur imwettaq [191].

202. Kif tispjega l-qorti tar-rinviju, sabiex ma testendix ir-"responsabbiltà tal-interferent" iżżejjed għall-persuni li la huma awtur u lanqas kompliċi ta' ksur, din ir-responsabbiltà *tippreżupponi l-ksur ta' obbligi ta' aġir*. Il-portata ta' dawn l-obbligi tiddependi mill-punt dwar jekk wieħed jistax raġonevolment jistenna mill-"interferent", fid-dawl taċ-ċirkustanzi, li jikkontrolla jew jissorvelja lil terzi sabiex jipprevjeni tali ksur u jekk ikun il-każ sa fejn. Dan għandu jiġi ddeterminat, f'kull każ, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-funzjoni u l-missjonijiet tal-"interferent", kif ukoll ir-responsabbiltà personali tal-awturi ta' dawn l-okkorrenzi ta' ksur.

203. F'dan il-kuntest, intermedjarju li jipprovdi servizz li jaħżen informazzjoni pprovduta mill-utenti tas-servizz tiegħu jista' jiġi pproċessat bħala "interferent" u jkun is-suġġett ta' *ordni ta' waqfien* fuq din il-bażi jekk, *minn naħa*, huwa rċieva notifika suffiċjentement preċiża u sostnuta dwar informazzjoni illegali konkreta, u, *min-naħa l-oħra*, kien hemm "reċidiva" minħabba li dan il-fornitur ma aġixxiex

189 Ara, ukoll, il-premessa 45 tad-Direttiva 2000/31.

190 Dan l-obbligu jinsab ukoll fit-tielet sentenza tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2004/48, li tapplika għall-ksur ta' drittijiet differenti ta' proprjetà intellettwali, fosthom id-drittijiet tal-awtur (ara l-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva). Madankollu, din id-dispożizzjoni hija, kif tispeċifika hija stess, "mingħajr preġudizzju" għall-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29. Fi kwalunkwe każ, peress li l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 u t-tielet sentenza tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2004/48 huma fformulati b'mod kważi identiku u dawn id-direttivi jsegwu l-istess għan ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-proprjetà intellettwali (ara l-premessa 9 tal-ewwel direttiva u l-premessa 10 tat-tieni waħda), dawn id-dispożizzjonijiet għandhom, fil-fehma tiegħi, jingħataw l-istess interpretazzjoni.

191 Ir-"responsabbiltà tal-interferent" tippermetti li tinkiseb ordni. Għaldaqstant, din ma tikkostitwixxix bażi għall-għoti ta' danni, kuntrarjament għar-responsabbiltà primarja tal-awtur ta' ksur u għar-responsabbiltà tal-kompliċi, prevista fl-Artikolu 830 tal-BGB.

mingħajr dewmien sabiex ineħħi l-informazzjoni inkwistjoni jew biex iwaqqaf l-aċċess għaliha, jew inkella ma ħax il-miżuri neċessarji sabiex jevita li din l-informazzjoni terġa' titqiegħed online [192]. Konsegwentement, id-detenturi tad-drittijiet ma jistgħux jitolbu ordni kontra intermedjarju mill-mument meta jkun sar ksur tad-drittijiet tagħhom minn utent tas-servizzi tiegħu.

204. Essenzjalment, għandu jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 jipprekludix li l-possibbiltà għad-detenturi tad-drittijiet li jitolbu ordni kontra intermedjarju tkun ikkundizzjonata mir-rekwiżit ta' tali reċidiva.

205. Il-qorti tar-rinviju tqis li dan ma huwiex il-każ. Google, Cyando kif ukoll il-Gvern Ġermaniż u l-Gvern Finlandiż huma tal-istess opinjoni. Min-naħa tiegħi, nikkunsidra, bħal F. Peterson, Elsevier, il-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni, li l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 effettivament jipprekludi dan ir-rekwiżit.

206. *Qabelxejn*, infakkar li l-imsemmi Artikolu 8(3) jirrikonoxxi lid-detenturi tad-drittijiet id-dritt li jitolbu ordni kontra "intermedjarji", "li s-servizzi tagħhom jkunu użati minn terzi" sabiex "jiksru d-drittijiet tal-awtur jew dritt relatat". Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kull fornitur li jipprovdi servizz li jista' jiġi użat minn persuni oħra sabiex jikser tali dritt ta' proprjetà intellettwali [193] jikkostitwixxi "intermedjarju" fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni. Dan huwa mingħajr dubju l-każ ta' YouTube u ta' Cyando. Is-servizzi tagħhom huma "użati minn terzi" sabiex "jiksru d-drittijiet tal-awtur jew dritt relatat" kull darba li wieħed mill-utenti tagħhom jippubblika xogħol protett online, permezz tal-pjattaformi tagħhom, b'mod illegali.

207. *Sussegwentement*, għalkemm il-premessa 59 tad-Direttiva 2001/29 tindika li l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet li jikkonċernaw tali ordni jaqgħu, bħala prinċipju, taħt id-dritt intern tal-Istati Membri, isegwi sempliċement li dawn tal-aħħar għandhom marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward. Dawn il-kundizzjonijiet u proċeduri għandhom, fi kwalunkwe ipoteżi, jiġu aġġustati sabiex jintlaħaq l-għan imfittex fl-Artikolu 8(3) ta' din id-direttiva [194]. Dan il-marġni ta' diskrezzjoni ma jistax jippermetti lil dawn l-Istati li jemendaw il-portata u, għalhekk, is-sustanza tad-dritt li din id-dispożizzjoni tirrikonoxxi lid-detenturi tad-drittijiet.

208. F'dan il-kuntest, nosserva li l-possibbiltà għad-detenturi tad-drittijiet li jiksbu ordni kontra intermedjarju li jipprovdi servizz, skont il-kundizzjonijiet tar-"responsabbiltà tal-interferent", tiddependi mill-aġir ta' dan tal-aħħar. Kif indikajt, ordni maħruġa fuq il-bażi ta' din l-istituzzjoni hija ordni ta' *waqfien*. Hija timplika li dan il-fornitur kiser ċerti *obbligi ta' aġir* [195] u tippermetti li tinkiseb ġudizzjarjament l-eżekuzzjoni forzata tagħhom.

209. Madankollu, l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 joħroġ minn loġika differenti. Kuntrarjament għall-ordnijiet kontra dawk li jwettqu l-ksur, previsti fil-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, l-ordnijiet kontra l-intermedjarji previsti fil-paragrafu 3 tal-istess artikolu *ma humiex intiżi (waħidhom)sabiex iwaqqfu ċertu aġir kundannabbli* min-naħa tagħhom. Anki intermedjarji "innoċenti", fis-sens li ġeneralment

192 Ara, b'mod partikolari, Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja), sentenzi tas-26 ta' Lulju 2012, I ZR 18/11, GRUR 2013, 370 – *Alone in the Dark*, kif ukoll tad-19 ta' Marzu 2015, I ZR 94/13, GRUR 2015 1129 - Hotelbewertungsportal. Konformement mal-ġurisprudenza ta' dik il-qorti, operaturi bħal YouTube u Cyando ma humiex, bħala regola ġenerali, direttament responsabbli għall-okkorrenzi ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur imwettqa permezz tal-pjattaformi tagħhom sa fejn dawn ma jwettqux il-"komunikazzjoni lill-pubbliku" tax-xogħlijiet li jitqiegħdu online. Dawn l-operaturi lanqas ma huma, bħala prinċipju, miżmuma responsabbli bħala kompliċi f'dan il-ksur, fis-sens tal-Artikolu 830 tal-BGB, peress li kundanna fuq din il-bażi timplika li trid tintwera intenzjoni u għarfien dwar ksur konkret (ara l-analiżi tiegħi tal-ħames u s-sitt domandi preliminari). Huwa għalhekk essenzjalment fil-kuntest tal-ordnijiet ibbażati fuq ir-"responsabbiltà tal-interferent" li dik il-qorti tirregola l-aġir ta' tali operaturi. Fil-kawżi prinċipali, il-qrati tal-appell għalhekk ikkundannaw lil YouTube u Cyando bħala "interferenti", talli ma osservawx l-obbligi ta' aġir tagħhom.

193 Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-7 ta' Lulju 2016, Tommy Hilfiger Licensing *et* (C-494/15, EU:C:2016:528, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

194 Ara s-sentenza L'Oréal vs eBay, punt 136.

195 L-obbligi ta' aġir li huma bbażati konkretament fuq il-fornituri ta' servizzi li jwettqu attività li tikkonsisti b'mod partikolari fil-hosting ta' fajls ipprovduti minn terzi, konformement mal-ġurisprudenza tal-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja), jirriflettu l-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2000/31. Madankollu, fil-fehma tiegħi, dawn l-obbligi jmorru lil hinn minn din id-dispożizzjoni: dik il-qorti timponi li l-fornitur ikun mhux biss neħħa l-informazzjoni nnotifikata, iżda wkoll ibblokka din l-informazzjoni, f'loġika ta' *stay down*.

jissodisfaw l-obbligi kollha imposti fuqhom mil-liġi, huma koperti minn din id-dispożizzjoni. Hija tippermetti lid-detenturi tad-drittijiet li jeżiġu minnhom li huma jinvolvu ruħhom iktar fil-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-awtur imwettaq mill-utenti tas-servizzi tagħhom, minħabba li ġeneralment ikunu fl-aħjar pożizzjoni sabiex itemmu dan il-ksur. F'din il-perspettiva, l-imsemmija dispożizzjoni tippermetti li jiġu imposti fuq dawn l-istess intermedjarji *obbligi ġodda* permezz ta' ordnijiet ġudizzjarji. Fi ftit kliem, din hija forma ta' kooperazzjoni forzata [196].

210. Din id-differenza ta' loġika tista' ma tkunx problematika fiha nnifisha. Kif diġà indikajt, jgħodd biss ir-riżultat miksub mill-Istati Membri, u mhux il-metodi li permezz tagħhom huma jimplimentaw l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29. F'termini assoluti, dak kollu li jgħodd f'dan ir-rigward, huwa l-possibbiltà għad-detenturi tad-drittijiet li jiksbu ordni li tordna lill-intermedjarji jsegwu ċertu aġir li jipproteġi l-interessi tagħhom. Ftit jimporta, mill-aspett teoretiku, li din l-ordni tiġi ppreżentata bħala li tissanzjona obbligi ta' aġir preeżistenti jew bħala li timponi oħrajn ġodda.

211. Madankollu, li l-għoti ta' tali ordni jiġi suġġett għall-ksur mill-intermedjarju ta' obbligi ta' aġir preeżistenti għandu l-konsegwenza li *jdewwem u, f'dan is-sens, li jillimita* d-dritt li l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 jirrikonoxxi lid-detenturi tad-drittijiet [197]. Fil-prattika, kif isostni F. Peterson, dawn tal-aħħar jistgħu jitolbu ordni kontra intermedjarju biss meta informazzjoni illegali inizjali tkun twettqet u tkun ġiet debitament innotifikata lil dan tal-aħħar (notifika li tagħti lok għal obbligi ta' aġir), u meta, barra minn hekk, il-ksur ikun ġie rrepetut (li jikkaratterizza n-nuqqas tal-intermedjarju li josserva dawn l-obbligi).

212. Madankollu, fil-fehma tiegħi, detentur tad-drittijiet għandu jkun jista' jitlob tali ordni meta jiġi stabbilit li terzi jiksru d-drittijiet tiegħu permezz tas-servizz tal-intermedjarju, mingħajr ma jkollu għalfejn jistenna li kien hemm reċidiva, u mingħajr ma jkun meħtieġ juri aġir żbaljat min-naħa ta' dan tal-aħħar [198]. Nippreċiża li l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 ma jipprekludix, fil-fehma tiegħi, ir-regoli tar-"responsabbiltà ta' interferent" bħala tali. Huwa pjuttost jipprekludi l-fatt li d-detenturi tad-drittijiet ma jkollhomx bażi legali oħra, fid-dritt Ġermaniż, li tippermettilhom jitolbu ordni kontra intermedjarju f'dawn il-kundizzjonijiet.

213. Din l-interpretazzjoni ma hijiex ikkonfutata, fil-fehma tiegħi, mill-argument, imressaq mill-qorti tar-rinviju u mtenni minn Google, Cyando u l-Gvern Finlandiż, li l-fatt li d-detenturi tad-drittijiet ikunu jistgħu jitolbu ordni kontra intermedjarju, konformement mal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29, anki qabel ma jkun hemm reċidiva, iwassal sabiex jiġi impost fuq dan tal-aħħar obbligu ġenerali ta' monitoraġġ u ta' tfittxija attiva, b'mod kuntrarju għall-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31. Fil-fehma tagħhom, l-aċċettazzjoni ta' tali possibbiltà tfisser li l-intermedjarju kellu, qabel ma rċieva notifika preċiża u sostnuta biżżejjed, jirtira l-informazzjoni inkwistjoni u jibblokka t-tqegħid online tagħha, li jimplika li huwa jimmonitorja s-servers tiegħu u jfittex b'mod attiv, b'mod ġenerali, l-informazzjoni illegali li tista' ssib ruħha hemm.

196 Ara l-premessa 59 tad-Direttiva 2001/29 kif ukoll Husovec, *op. cit.*, p. XV, XVI, 8 u 10 sa 13. Fil-fehma tiegħi, il-fatt li l-intermedjarji jibbenefikaw finanzjarjament, sa ċertu punt, mill-użu illegali tas-servizzi tagħhom jiġġustifika wkoll li huma jkollhom joqogħdu għal tali ordnijiet.

197 Ara, fl-istess sens, Nordemann, J. B., "Liability for Copyright Infringements on the Internet: Host Providers (Content Providers) – The German Approach", *Journal of Intellectual Property, Information Technology and Electronic Commerce Law*, Vol. 2, Nru 1, 2011, p. 40.

198 Ara, fl-istess sens, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tad-29 ta' Novembru 2017, Gwida dwar ċerti aspetti tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (COM(2017) 708 final), p. 19: "l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ma jistgħux jeħtieġu lill-applikanti juru li l-intermedjarju huwa responsabbli, anki b'mod indirett, għal ksur (allegat), bħala kundizzjoni biex jinħareġ il-mandat."

214. Madankollu, tali konsegwenza ma tirriżultax mill-interpretazzjoni li nissuġġerixxi. Il-fatt, għad-detenturi tad-drittijiet, li jkunu jistgħu jitolbu ordni kontra intermedjarju f'każ partikolari ma jfissirx li dan tal-aħħar kien neċessarjament obbligat li jaġixxi b'ċertu mod *qabel* il-ħruġ ta' din l-ordni. Nirrepeti li l-ordnijiet previsti fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 ma humiex intiżi sabiex jissanzjonaw nuqqas tal-intermedjarji tal-obbligi ta' diliġenza li kienu jeżistu qabel, iżda li jimponu fuqhom obbligi ġodda, validi għall-futur.

215. *Fl-aħħar nett*, jien konxju mill-fatt li l-kundizzjoni tar-"responsabbiltà tal-interferent" relatata mal-ksur, mill-intermedjarju, tal-obbligi ta' aġir għandha l-għan, kif indikat il-qorti tar-rinviju, li tillimita ċ-ċirku ta' persuni li jistgħu jkollhom joqogħdu għal ordni. Madankollu, l-interpretazzjoni li nissuġġerixxi ma tfissirx li d-detenturi tad-drittijiet għandhom ikunu jistgħu jitolbu kwalunkwe ordni kontra kwalunkwe intermedjarju li jipprovdi servizz. Il-qrati nazzjonali għandhom, fil-fehma tiegħi, japplikaw il-prinċipju ta' proporzjonalità sabiex jiddeterminaw il-portata tal-obbligi li jistgħu raġonevolment jiġu imposti fuq fornitur partikolari, fid-dawl b'mod partikolari tas-sitwazzjoni tiegħu fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet tal-awtur inkwistjoni. F'ċerti każijiet, fornitur jista' jkun imbiegħed wisq minn dan il-ksur sabiex il-ħtieġa tal-kooperazzjoni tiegħu tkun proporzjonata. Fi kwalunkwe każ, din il-kwistjoni ma tqumx f'dan il-każ. Fil-fatt, operaturi bħal YouTube u Cyando huma qrib il-ksur imwettaq mill-utenti tal-pjattaformi tagħhom peress li huma jaħżnu l-fajls korrispondenti fuq is-servers tagħhom.

216. Il-partijiet fil-kawża prinċipali qajmu wkoll, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kwistjoni tal-portata tal-ordnijiet li jistgħu jingħataw kontra intermedjarji, peress li d-detenturi tad-drittijiet iqisu li l-ġurisprudenza tal-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja), f'dan ir-rigward, ma tmurx lil hinn biżżejjed, filwaqt li l-operaturi tal-pjattaformi jqisu, għall-kuntrarju, li din il-ġurisprudenza tmur lil hinn minn dak li jippermetti d-dritt tal-Unjoni. Peress li din id-domanda ma saritx lill-Qorti tal-Ġustizzja minn dik il-qorti, iżda hija marbuta mill-qrib mal-problemi ġeneralment imqajma f'dawn il-kawżi, ser nagħmel xi kummenti fil-qosor dwarha.

217. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ċċarat li ordni maħruġa skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 tista' tordna lil intermedjarju jieħu miżuri li jikkontribwixxu mhux biss biex *itemmu* l-ksur tad-drittijiet tal-awtur imwettaq mill-utenti tas-servizz tiegħu, iżda wkoll biex *jipprekludu* ksur ġdid ta' dan it-tip [199]. Il-miżuri li jistgħu jiġu imposti fuqu fil-kuntest ta' tali ordni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, jiżguraw bilanċ ġust bejn id-diversi drittijiet u interessi involuti, u ma għandhomx joħolqu ostakli għall-użu legali tas-servizz [200].

218. Barra minn hekk, dawn il-miżuri għandhom josservaw il-limiti imposti mill-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31 [201]. F'dawn il-kawżi, il-kwistjoni tirrigwarda b'mod partikolari jekk ordni tistax timponi fuq operatur li jiskopri u jibblokka t-tqegħid online illegali ta' xogħlijiet protetti fuq il-pjattaforma tiegħu, u sa fejn. Kif indikajt [202], dan ġeneralment ikun jeħtieġ, għall-fornitur, li juża teknoloġija ta' filtrazzjoni tal-informazzjoni li huwa jaħżen. Għalhekk għandu jiġi stabbilit jekk tali ordni għandhiex neċessarjament titqies li timplika obbligi *ġenerali* ta' monitoraġġ u ta' tfittxija attiva, ipprojbiti minn din id-dispożizzjoni.

199 Ara, b'analoġija, is-sentenza L'Oréal vs eBay, punt 131.

200 Ara l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/48 u, b'analoġija, is-sentenza L'Oréal vs eBay, punti 140 sa 144. Infakkar li din id-direttiva tapplika wkoll fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet ġenerali tagħha għandhom jiġu osservati fil-kuntest ta' ordni maħruġa skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29.

201 Ara s-sentenza tas-16 ta' Frar 2012, SABAM (C-360/10, EU:C:2012:85, punti 31 sa 33).

202 Ara l-punt 194 ta' dawn il-konklużjonijiet.

219. Fuq dan il-punt, nosserva li, minn naħa, fis-sentenza SABAM [203], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31 jipprekludi li l-operatur ta' pjattaforma ta' network soċjali jkun kostrett li jistabbilixxi sistema ta' filtrazzjoni tal-informazzjoni maħżuna fuq talba tal-utenti tas-servizz tiegħu, li tapplika mingħajr distinzjoni fir-rigward ta' dawn l-utenti kollha, bħala prevenzjoni, bi spejjeż esklużivi tiegħu u mingħajr limitazzjoni *ratione temporis*, li kapaċi tidentifika fajls li jinkludu xogħlijiet li fuqhom dak li jagħmel talba jkollu drittijiet ta' proprjetà intellettwali, bl-għan li jibblokka t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-imsemmija xogħlijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja qablet ukoll mal-fatt li tali miżura kienet timplika, għal dak l-operatur, li jimmonitorja l-informazzjoni kollha jew il-parti l-kbira tal-informazzjoni li huwa jaħżen, mingħajr limitu ta' żmien, kienet immirata għal kwalunkwe ksur futur u kienet tippreżupponi li kellha tipproteġi mhux biss xogħlijiet eżistenti, iżda wkoll ix-xogħlijiet li kienu għadhom ma nħolqux fil-mument tal-implimentazzjoni tal-imsemmija sistema.

220. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza Glawischnig-Piesczek [204], li din id-darba kienet tikkonċerna l-qasam ta' attakki fuq l-unur ta' persuni, li ordni tista' timponi fuq intermedjarju li jipprovdi servizz obbligu li jsib u jibblokka *informazzjoni preċiża*, li l-kontenut tagħha ġie analizzat u evalwat minn qorti li, fi tmiem l-evalwazzjoni tagħha, iddikjaratha illegali. Għalhekk, qorti tista' teżiġi li dan il-fornitur jibblokka l-aċċess għall-*informazzjoni identika* għaliha, irrispettivament mill-utent li jkun talab il-ħażna tagħha. Ordni tista' wkoll tiġi estiża għall-*informazzjoni ekwivalenti*, sa fejn din tinkludi elementi speċifiċi debitament identifikati fl-ordni u sakemm il-fornitur ma jkunx obbligat iwettaq evalwazzjoni awtonoma tan-natura diffamatorja tagħha iżda, għall-kuntrarju, ikun jista' *jirrikorri għal tekniki u għal mezzi ta' riċerka awtomatizzati*. Għall-Qorti tal-Ġustizzja, tali ordni tinvolvi biss obbligi *speċifiċi* ta' monitoraġġ u ta' tfittxija attiva, konformi mal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 [205].

221. Minn dawk is-sentenzi jirriżulta, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31 ma jipprekludix kull obbligu ta' identifikazzjoni u ta' bblokkar. Minkejja li din id-dispożizzjoni tipprojbixxi li fornitur, permezz ta' ordni, jiġi mġiegħel jagħmel filtrazzjoni ġġeneralizzata tal-informazzjoni li huwa jaħżen *fit-tfittxija ta' kwalunkwe ksur* [206], hija ma tipprekludix, *a priori*, li dan il-fornitur jiġi mġiegħel jagħmel ibblokkar ta' *fajl preċiż*, li jagħmel użu minn xogħol protett, meqjus illegali minn qorti. Kif ninterpreta l-ġurisprudenza tal-qorti tal-Ġustizzja, l-imsemmija dispożizzjoni ma tipprekludix, f'dan il-kuntest, li fornitur ikun marbut jidentifika u jibblokka mhux biss il-kopji identiċi ta' dan il-fajl, iżda wkoll fajls ekwivalenti oħra, jiġifieri, kif nifhimha jiena, dawk li jagħmlu użu simili mix-xogħol inkwistjoni. F'dan l-ambitu, għalhekk, l-istess dispożizzjoni ma tipprekludix li jiġi impost obbligu ta' *stay down* fuq intermedjarju li jipprovdi servizz.

222. Madankollu, infakkar li l-miżuri meħuda kontra intermedjarju li jipprovdi servizz fil-kuntest ta' ordni għandhom ikunu proporzjonati. Bħala tali, huwa importanti li jitqiesu r-riżorsi ta' dan il-fornitur. B'mod partikolari, għalkemm l-ibblokkar ta' kopja identika ta' fajl meqjus illegali jidher relattivament faċli [207], huwa ferm iktar kumpless li tiskopri fajls oħrajn li jagħmlu użu simili tax-xogħol inkwistjoni [208]. Għalkemm YouTube tiddikjara li tista' tagħmel dan [209], mhux kull fornitur għandu t-teknoloġija neċessarja jew ir-riżorsi biex jakkwistaha [210]. Infakkar ukoll li l-miżuri imposti permezz ta' ordni għandhom jiżguraw bilanċ ġust bejn id-diversi drittijiet u interessi involuti u ma għandhomx

203 Sentenza tas-16 ta' Frar 2012 (C-360/10, EU:C:2012:85, punti 35 sa 38).

204 Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019 (C-18/18, EU:C:2019:821, punti 33 sa 47).

205 Ara l-premessa 47 tad-Direttiva 2000/31.

206 Ara, ukoll, is-sentenza L'Oréal vs eBay, punt 139.

207 F'dan ir-rigward, il-kopji tal-istess fajl jistgħu jiġu identifikati permezz ta' filters MD5 (jew *hash filters*), li jidhru li huma komuni.

208 Pereżempju, fir-rigward ta' xogħol ċinematografiku, diversi varjazzjonijiet huma possibbli f'termini ta' format jew ta' kwalità ta' immaġni, ta' tul, eċċ.

209 Skont l-ispjegazzjonijiet mogħtija minn Google, ladarba fajl ta' referenza għal xogħol ikun iddaħħal fid-database tal-Content ED, dan is-software jirrikonoxxi awtomatikament (kważi) il-fajls kollha li jinkludu dan ix-xogħol meta jitqiegħdu online.

210 Skont l-informazzjoni mogħtija minn Google, hija nefqet iktar minn 100 miljun dollaru (madwar 88 miljun euro) sabiex tiżviluppa Content ID.

joħolqu ostakli għall-użi legali tas-servizz. B'mod partikolari, obbligu ta' bblokkar ma jistax, fil-fehma tiegħi, ikollu l-għan jew l-effett li jipprekludi lill-utenti ta' pjattaforma milli jqiegħdu online kontenut legali u, b'mod partikolari, milli jagħmlu użu legali mix-xogħol ikkonċernat [211]. Għandhom ikunu l-qrati nazzjonali li jiddeterminaw x'jista' jkun raġonevolment mistenni mill-fornitur inkwistjoni.

223. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għar-raba' domandi fis-sens li l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 jipprekludi li d-detenturi tad-drittijiet ikunu jistgħu jitolbu ordni fuq talba kontra fornitur li s-servizz tiegħu, li jikkonsisti fil-ħażna ta' informazzjoni pprovduta minn utent, jintuża minn terzi sabiex jiksru d-drittijiet tal-awtur jew dritt relatat, biss meta, wara li jkun ġie indikat ksur ċar, ikun hemm reċidiva.

E. Sussidjarjament — fuq il-kunċett ta' "kontravventur" fis-sens tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2004/48 (il-ħames u s-sitt domandi)

224. Il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja) ifformulat il-*ħames u s-sitt domandi* tagħha biss fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi b'mod negattiv kemm għall-ewwel kif ukoll għat-tieni domandi. Il-Qorti tar-rinviju ssemmi għalhekk l-ipoteżi li fiha, minn naħa, l-attività ta' operaturi bħal YouTube u Cyando ma taqax taħt il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u, min-naħa l-oħra, dawn l-operaturi ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 għar-responsabbiltà li tista' tirriżulta mill-informazzjoni li huma jaħżnu fuq talba tal-utenti tal-pjattaformi tagħhom [212].

225. Permezz tal-*ħames domandi* tagħha, dik il-qorti tistaqsi jekk, f'dan il-każ, l-imsemmija operaturi għandhomx jitqiesu bħala "kontravventuri", fis-sens b'mod partikolari tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48, minħabba li huma kellhom "rwol attiv" fir-rigward tal-fajls li jinkludu xogħlijiet protetti mqiegħda online, b'mod illegali, mill-utenti tal-pjattaformi tagħhom.

226. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, l-imsemmija qorti tistaqsi, permezz tas-s*itt d-domandi tagħha*, dwar il-kompatibbiltà mal-imsemmi Artikolu 13(1) tar-regoli dwar il-kompliċità previsti fl-Artikolu 830 tal-BGB. Din l-aħħar dispożizzjoni, li tipprevedi forma ta' responsabbiltà sekondarja, tippermetti lill-vittma ta' ksur, kuntrarjament għar-"responsabbiltà tal-interferent", tikseb danni minn persuna li tkun kompliċi. Tiġi kkunsidrata bħala tali l-persuna li deliberatament ħeġġet terz sabiex iwettaq intenzjonalment ksur jew li tkun tatu assistenza għal dan il-għan. Ir-responsabbiltà tal-kompliċi tippreżupponi madankollu, minbarra parteċipazzjoni oġġettiva fi ksur konkret, intenzjoni tal-inqas parzjali f'dak li jirrigwarda dan il-ksur u għandha tiġi estiża għall-konoxxenza tal-illegalità. Fil-prattika, intermedjarju li jipprovdi servizz jista' għalhekk jinżamm responsabbli bħala kompliċi biss għall-*ksur konkret* tad-drittijiet tal-awtur, imwettaq mill-utenti tas-servizz tiegħu, li huwa jkollu għarfien tiegħu u li jkun iffaċilita deliberatament. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, skont dan l-istess Artikolu 13(1), għandux ikun biżżejjed, sabiex intermedjarju li jipprovdi servizz jiġi kkundannat iħallas danni lid-detenturi tad-drittijiet, li dan ikollu għarfien jew ikun konxju, *b'mod ġenerali u astratt*, tal-fatt li s-servizz tiegħu jintuża sabiex jinkisru d-drittijiet tal-awtur.

211 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2012, SABAM (C-360/10, EU:C:2012:85, punt 50). B'mod partikolari, ordni ma tistax toħloq ostakli għall-possibbiltà, għall-utenti ta' pjattaforma, li jagħmlu użu minn xogħlijiet protetti li jaqgħu taħt l-eċċezzjonijiet u l-limiti previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29. Fir-rigward ta' pjattaforma bħal YouTube, dan jirrigwarda b'mod partikolari li l-utenti jtħallew jikkondividu vidjos li jużaw xogħlijiet għal finijiet ta' kritika, ta' studju jew ukoll ta' parodija, taħt il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 3(d) u (k) ta' dan l-Artikolu 5. Fir-rigward ta' *Cyberlocker*, dan jirrigwarda b'mod partikolari li l-utenti ma jkunux imċaħħda mid-dritt għall-kopja privata msemmija fl-Artikolu 5(2)(b) ta' din id-direttiva (ara, fuq dan il-punt, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża VCAST (C-265/16, EU:C:2017:649, punti 23 sa 28)).

212 Infakkar li, fil-fehma tiegħi, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 għandhom jiġu interpretati b'mod konsistenti. B'mod partikolari, ir-"rwol indispensabbli", fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-ewwel dispożizzjoni, għandu jikkorrispondi, fil-prattika, għall-intermedjarji li jipprovdu servizz u li jaħżnu informazzjoni pprovduta mill-utenti tas-servizzi tagħhom, għar-"rwol attiv" imsemmi fil-ġurisprudenza tagħha dwar it-tieni dispożizzjoni. Għaldaqstant, jiena ser nirrispondi għall-ħames u s-sitt domandi preliminari biss fil-qosor u sussidjarjament.

227. Fil-fehma tiegħi, l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48 sempliċement ma huwiex intiż sabiex jirregola l-kundizzjonijiet tar-responsabbiltà tal-intermedjarji li jipprovdu servizz għall-okkorrenzi ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur imwettqa mill-utenti tas-servizzi tagħhom.

228. F'dan ir-rigward, infakkar li dik id-dispożizzjoni tipprovdi li, "fuq l-applikazzjoni tal-parti li sarulha d-danni, [l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti] jordnaw lill-kontravventur li kien jaf jew b'raġunijiet validi li suppost kien jaf, daħal f'attività li tikkontravjeni, biex iħallas id-danni lid-detentur tad-dritt skond il-preġudizzju attwali soffert minnu/minnha riżultat tal-kontravvenzjoni". Fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, il-"kontravventur" huwa għalhekk il-persuna li tidħol għal "attività li tikkontravjeni" jew, fi kliem ieħor, dik li tikser dritt ta' proprjetà intellettwali.

229. Madankollu, l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48 għandu bħala għan uniku li jipprevedi regoli, ta' natura proċedurali, dwar l-għoti u d-determinazzjoni tad-danni meta jitwettaq tali ksur. Din id-dispożizzjoni ma hijiex intiża sabiex tiddetermina, minn qabel, liema drittijiet ta' proprjetà intellettwali huma protetti, liema atti jiksru dawn id-drittijiet, min huwa responsabbli għalihom u min huwa d-"detentur tad-dritt" li lilu għandhom jitħallsu d-danni. Dawn il-mistoqsijiet kollha jaqgħu taħt ir-regoli sostantivi tad-dritt tal-proprjetà intellettwali[213]. Infakkar li, b'mod ġenerali, id-Direttiva 2004/48 tarmonizza biss ċerti aspetti proċedurali tal-proprjetà intellettwali, bl-esklużjoni ta' tali mistoqsijiet ta' natura sostantiva[214].

230. Fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur, ir-regoli sostantivi rilevanti jinsabu, b'mod partikolari, fid-Direttiva 2001/29. Persuna twettaq "attività li tikkontravjeni", u b'dan issir "kontravventur", meta hija twettaq att li jaqa' taħt dritt esklużiv li din id-direttiva tirrikonoxxi lill-awtur – li huwa, f'dan il-kuntest, bħala prinċipju, id-"detentur tad-dritt" – mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel ta' dan tal-aħħar u mingħajr ma tkun applikabbli eċċezzjoni jew limitu.

231. Issa, infakkar li l-ħames u s-sitt domandi huma bbażati fuq l-ipoteżi li fiha operaturi bħal YouTube u Cyando ma jwettqux atti ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29. F'dan il-każ, dawn l-operaturi ma jistgħux jitqiesu bħala "kontravventuri" li jwettqu "attivitajiet li jikkontravjenu", fis-sens tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2004/48.

232. Għaldaqstant, id-Direttiva 2004/48 twettaq biss armonizzazzjoni minima[215]. Kif tosserva l-Kummissjoni, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu fid-dritt nazzjonali tagħhom, favur id-detenturi ta' drittijiet vittmi ta' "attivitajiet li jikkontravjenu", id-dritt li jiksbu danni minn persuni oħra għajr il-"kontravventur", fis-sens tal-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, inklużi intermedjarji li jipprovdu servizz li għandhom faċilitajiet ta' tali attivitajiet. Fi kwalunkwe każ, il-kundizzjonijiet għal tali responsabbiltà sekondarja jaqgħu, kif indikajt diversi drabi f'dawn il-konklużjonijiet, taħt id-dritt nazzjonali.

F. Fuq il-fatt li l-għan ta' livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur ma jiġġustifikax interpretazzjoni differenti tad-Direttivi 2000/31 u 2001/29

233. Kuntrarjament għal F. Peterson u Elsevier, ma nikkunsidrax li l-għan tad-Direttiva 2001/29 li huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur jitlob interpretazzjoni ta' din id-direttiva u tad-Direttiva 2000/31 differenti minn dik li nissuġġerixxi f'dawn il-konklużjonijiet.

213 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/48 li jispeċifika li "[l]-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu bħala persuni intitolati biex jistgħu japplikaw għall-miżuri, għall-proċeduri u għar-rimedji li għalihom saret riferenza f'dan il-kapitolu: a) id-detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali *skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli*;" (enfasi miżjuda minni). Dawn jistgħu jkunu regoli sostantivi previsti kemm fid-dritt tal-Unjoni kif ukoll fid-dritt nazzjonali (ara l-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva).

214 Ara l-premessa 15 u l-Artikolu 2(3)(a) tad-Direttiva 2004/48.

215 Ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2004/48.

234. L-ewwel nett nenfasizza li din l-interpretazzjoni ma għandhiex il-konsegwenza li tħalli lid-detenturi ta' drittijiet neqsin fil-konfront tat-tqegħid illegali tax-xogħlijiet tagħhom fuq pjattaformi bħal YouTube u Uploaded.

235. B'mod partikolari, id-detenturi tad-drittijiet għandhom, *l-ewwel nett*, il-possibbiltà li jressqu proċeduri ġudizzjarji kontra l-utenti li jkunu għamlu tali tqegħid illegali fuq l-internet. Għal dan il-għan, id-Direttiva 2004/48 tirrikonoxxi b'mod partikolari lil dawn id-detenturi d-dritt li jiksbu mingħand l-operaturi bħal YouTube u Cyando ċerta informazzjoni utli, fosthom l-ismijiet u l-indirizzi ta' dawn l-utenti [216]. *Imbagħad*, l-imsemmija detenturi jistgħu jinnotifikaw lil dawn l-operaturi l-preżenza, fuq il-pjattaformi tagħhom, ta' fajls li jinkludu xogħlijiet tagħhom, imqiegħda online b'mod illegali. Skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31, l-imsemmija operaturi huma obbligati jirreaġixxu fil-pront għal tali notifika, billi jirtiraw il-fajls ikkonċernati jew billi jagħmlu l-aċċess għalihom impossibbli. Fin-nuqqas ta' dan, dawn l-istess operaturi jitilfu l-benefiċċju tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista f'din id-dispożizzjoni u jistgħu, jekk ikun il-każ, jinżammu responsabbli skont id-dritt nazzjonali applikabbli. Barra minn hekk, fl-ipoteżi fejn operatur jiffaċilita deliberatament it-twettiq ta' atti illegali mill-utenti tal-pjattaforma tiegħu, l-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni tkun, fil-fehma tiegħi, eskluża mill-bidu. *Fl-aħħar nett*, id-detenturi tad-drittijiet jistgħu fi kwalunkwe każ jiksbu, abbażi tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29, ordnijiet kontra l-operaturi tal-pjattaformi, li permezz tagħhom jistgħu jiġu imposti fuqhom obbligi addizzjonali sabiex iwaqqfu l-ksur tad-drittijiet tal-awtur imwettaq mill-utenti tal-pjattaformi tagħhom u sabiex jipprekludu tali ksur.

236. Għalhekk, id-detenturi tad-drittijiet ma jsibux, sabiex jasserixxu d-drittijiet tagħhom u jiġġieldu kontra t-tqegħid online illegali ta' fajls li jinkludu x-xogħlijiet tagħhom permezz ta' pjattaformi bħal YouTube u Uploaded, id-diffikultajiet li jkollhom f'dak li jirrigwarda l-kondiviżjoni ta' fajls fuq network *peer-to-peer*, iffaċilitat minn pjattaforma bħal "The Pirate Bay". Fil-fatt, f'din l-aħħar ipoteżi, fid-dawl tal-organizzazzjoni deċentralizzata inerenti għal tali network [217], il-miżuri previsti fil-punt preċedenti jitilfu l-effettività tagħhom. Għall-kuntrarju, f'dan il-każ, il-fajls jinħażnu b'mod ċentralizzat, fuq is-servers ta' YouTube u ta' Cyando, b'mod li dawn tal-aħħar jistgħu jneħħuhom, kif previst mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 [218]. Għaldaqstant, interpretazzjoni tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" bħal dik adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Stichting Brein II ("The Pirate Bay") hija inqas iġġustifikata f'dawn il-kawżi.

237. Id-detenturi tad-drittijiet jirreplikaw li d-drittijiet esklużivi li huma għandhom fuq ix-xogħlijiet tagħhom ma humiex irrispettati peress li l-miżuri inkwistjoni huma essenzjalment *reattivi* iktar milli *proattivi* — peress li ma jipprekludux *ex ante* kwalunkwe tqegħid online ta' kontenut illegali, iżda jippermettu fuq kollox it-tneħħija u, f'ċerti każi, l-ibblokkar tal-kontenut *a posteriori* — u jeħtieġu l-kollaborazzjoni tagħhom. Fil-fehma tagħhom, livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tagħhom ikun żgurat biss kieku l-operaturi tal-pjattaformi kienu jipprovdu sistema, li ma teħtieġx tali kollaborazzjoni, u li tippermetti li tiġi vverifikata l-legalità tal-kontenut kollu qabel ma jitqiegħed online.

238. F'dan ir-rigward, infakkar li, b'mod ġenerali, fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ssegwix loġika simplistika li teħtieġ li d-drittijiet esklużivi previsti fl-Artikoli 2 sa 4 tad-Direttiva 2001/29 jiġu neċessarjament interpretati b'mod wiesa' (u illimitat), u lanqas ma tinterpreta l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, fi kwalunkwe każ, strettament. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-għan, meta tispeċifika kemm il-parametri ta' dawn id-drittijiet [219] kif ukoll il-portata tal-imsemmija eċċezzjonijiet u

216 Ara l-Artikolu 8(1)(c) u (2) tad-Direttiva 2004/48. Ara, ukoll, dwar is-suġġett, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Constantin Film Verleih (C-264/19, EU:C:2020:261).

217 Infakkar li x-xogħlijiet kondiviżi huma maħżuna fuq il-kompjuters tal-utenti differenti tan-network, peress li pjattaforma bħal "The Pirate Bay" sempliċement tospita l-fajls torrent li jippermettu li dawn ix-xogħlijiet jinstabu fuq dan in-network.

218 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Stichting Brein (C-610/15, EU:C:2017:99, punti 19 u 20).

219 Ara s-sentenzi GS Media, punti 44 u 45, kif ukoll tas-7 ta' Awwissu 2018, Renckhoff (C-161/17, EU:C:2018:634, punt 41).

limitazzjonijiet [220], li tasal għal interpretazzjoni *raġonevoli*, li tiżgura l-għan imfittex minn dawk id-diversi dispożizzjonijiet u li tippreżerva l-"bilanċ ġust" li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jimplimenta, fl-imsemmija direttiva, bejn diversi drittijiet fundamentali u interessi opposti. Għalhekk, l-Artikolu 3(1) ta' din l-istess direttiva ma għandux neċessarjament jiġi interpretat b'mod li jiżgura *protezzjoni massima* għad-detenturi tad-drittijiet [221].

239. Bl-istess mod, għalkemm id-drittijiet tal-awtur huma protetti bħala dritt fundamentali, b'mod partikolari, fl-Artikolu 17(2) tal-Karta, dan id-dritt ma huwiex assolut, iżda għandu ġeneralment jiġi bbilanċjat ma' drittijiet fundamentali u interessi oħra.

240. Tali bbilanċjar huwa meħtieġ f'dan il-każ. Minn naħa, l-operaturi ta' pjattaformi jistgħu jinvokaw il-libertà ta' intrapriża ggarantita fl-Artikolu 16 tal-Karta, li jipproteġihom, bħala prinċipju, minn obbligi ta' natura li jaffettwaw b'mod sinjifikattiv l-attività tagħhom.

241. Min-naħa l-oħra, id-drittijiet fundamentali tal-utenti ta' dawn il-pjattaformi ma jistgħux jiġu injorati. L-istess japplika għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, iggarantita mill-Artikolu 11 tal-Karta [222], li, infakkar, jinkludi l-libertà ta' opinjoni u l-libertà li wieħed jirċievi jew jagħti informazzjoni jew ideat. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u kif ukoll minn dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li l-internet għandu importanza partikolari f'dan ir-rigward [223]. B'mod aktar speċifiku, din l-aħħar qorti nnotat li YouTube huwa mezz importanti sabiex tiġi eżerċitata din il-libertà [224]. L-istess jgħodd għal-libertà tal-arti, iggarantit mill-Artikolu 13 tal-Karta u li huwa strettament marbut mal-libertà ta' espressjoni, minħabba l-għadd ta' nies li jużaw il-pjattaformi bħal YouTube sabiex jikkondividu l-kreazzjonijiet tagħhom online.

242. Issa, li wieħed jeżiġi li l-operaturi ta' pjattaformi jikkontrollaw, b'mod ġenerali u astratt, il-fajls kollha li l-utenti tagħhom ikollhom l-intenzjoni li jippubblikaw qabel it-tqegħid online tagħhom sabiex ifittxu kull ksur tad-drittijiet tal-awtur, iwassal għal riskju sinjifikattiv ta' ostakolu għal dawn id-diversi drittijiet fundamentali. Fil-fatt, fid-dawl tan-numru potenzjalment kunsiderevoli ta' kontenut ospitat, minn naħa, ikun impossibbli li jsir tali kontroll manwali minn qabel u, min-naħa l-oħra, ir-riskju fil-qasam tar-responsabbiltà jkun sproporzjonat għal dawn l-operaturi. Fil-prattika, l-iżgħar fosthom jirriskjaw li ma jsalvawx min din ir-responsabbiltà u dawk li jkollhom riżorsi suffiċjenti jkunu kostretti jwettqu filtrazzjoni ġġeneralizzata u astratta tal-kontenut tal-utenti tagħhom, mingħajr stħarriġ ġudizzjarju, li jiġġenera riskju konsegwenti ta' "tneħħija eċċessiva" ta' dan il-kontenut.

243. F'dan ir-rigward, infakkar li fis-sentenza SABAM [225], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-impożizzjoni fuq l-operatur ta' pjattaforma ta' obbligu ġenerali ta' filtrazzjoni tal-informazzjoni li huwa jaħżen mhux biss ma hijiex kompatibbli mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31, iżda wkoll ma tiżgurax "bilanċ ġust" bejn il-protezzjoni tad-dritt tal-proprjetà intellettwali, li minnu jgawdu

220 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2014, Deckmyn u Vrijheidsfonds (C-201/13, EU:C:2014:2132, punti 22 sa 27); tad-29 ta' Lulju 2019, Funke Medien NRW (C-469/17, EU:C:2019:623, punti 51, 58 u 65 sa 76), kif ukoll tad-29 ta' Lulju 2019, Spiegel Online (C-516/17, EU:C:2019:625, punti 36, 38 u 50 sa 59).

221 B'mod partikolari, il-fatt li d-detenturi tad-drittijiet ma għandhomx protezzjoni *massima* tal-proprjetà intellettwali tagħhom jimplika, fil-fehma tiegħi, li tista' tintalab minnhom ċerta viġilanza fir-rigward tal-użu tax-xogħlijiet tagħhom online u kollaborazzjoni mal-operaturi ta' pjattaformi. Ara, b'analoġija, fil-qasam tad-dritt tat-trade marks, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-kawża Backaldrin Österreich The Kornspitz Company (C-409/12, EU:C:2013:563, punt 83).

222 Infakkar li dan l-Artikolu 11 jinkludi drittijiet li jikkorrispondu għal dawk iggarantiti mill-Artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, u li l-ewwel artikolu għandu, għaldaqstant, jiġi interpretat fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem relatata mat-tieni. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Funke Medien NRW (C-469/17, EU:C:2019:623, punt 73).

223 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza GS Media, punt 45, u l-Qorti EDB, 18 ta' Diċembru 2012, Ahmet Yildirim vs It-Turkija, CE:ECHR:2012:1218JUD000311110, punt 54; Qorti EDB, 1 ta' Diċembru 2015, Cengiz *et* vs It-Turkija, CE:ECHR:2015:1201JUD004822610, punt 49. Ara, ukoll, fl-istess sens, il-Qorti EDB, 10 ta' Marzu 2009, Times Newspapers Ltd vs Ir-Renju Unit (Nri 1 u 2), CE:ECHR:2009:0310JUD000300203, punt 27, u Qorti EDB, 10 ta' Jannar 2013, Ashby Donald *et* vs Franza, CE:ECHR:2013:0110JUD003676908, punt 34.

224 Qorti EDB, 1 ta' Diċembru 2015, Cengiz *et* vs It-Turkija, CE:ECHR:2015:1201JUD004822610, punti 51 u 52. Ara, ukoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Frar 2019, Buivids (C-345/17, EU:C:2019:122, punti 56 u 57).

225 Sentenza tas-16 ta' Frar 2012 (C-360/10, EU:C:2012:85).

d-detenturi tad-drittijiet, u dik tal-libertà ta' intrapriża li jibbenefikaw minnha l-fornituri ta' servizzi skont l-Artikolu 16 tal-Karta. Fil-fatt, tali ordni twassal għal ksur ċar ta' din il-libertà peress li tobbliga lil dan l-operatur jistabbilixxi sistema informatika kumplessa, għalja, permanenti u bi spejjeż tiegħu biss [226]. Barra minn hekk, tali obbligu ta' filtrazzjoni ġġeneralizzat jikser il-libertà ta' espressjoni tal-utenti ta' din il-pjattaforma, fis-sens tal-Artikolu 11 tal-Karta, peress li l-mekkaniżmu ta' fitrazzjoni jirriskja li ma jagħmilx biżżejjed distinzjoni bejn kontenut illegali u kontenut legali, b'tali mod li l-użu tiegħu jista' jkollu l-effett li jwassal għall-ibblokkar ta' din l-aħħar kategorija ta' kontenut [227]. Inżid li tali riżultat iwassal għal riskju ta' ostakolu għall-ħolqien online, kuntrarju għall-Artikolu 13 tal-Karta. Il-periklu, f'dan ir-rigward, huwa li protezzjoni massima ta' ċerti kreazzjonijiet intellettwali ma ssirx bi ħsara għal forom oħra ta' kreazzjoni daqstant soċjalment mixtieqa [228].

244. Fil-qosor, jidhirli li l-bilanċ li għandu jinħoloq huwa kunsiderevolment iktar delikat minn dak li jaffermaw id-detenturi tad-drittijiet [229].

245. F'dan il-kuntest, id-Direttivi 2000/31 u 2001/29 jirriflettu bilanċ bejn dawn id-diversi drittijiet u interessi, mixtieq mil-leġiżlatur tal-Unjoni meta ġew adottati. Permezz tad-Direttiva 2000/31, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jiffavorixxi l-iżvilupp tal-intermedjarji li jipprovdu servizz, sabiex jistimula b'mod iktar ġenerali t-tkabbir tal-kummerċ elettroniku u s-"servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni" fis-suq intern. Għalhekk, din kienet kwistjoni li ma jiġix impost fuq dawn il-fornituri responsabbiltà ta' natura li tipperikola l-vijabbiltà tal-attività tagħhom. L-interessi tad-detenturi tad-drittijiet kellhom jiġu ssalvagwardati u bbilanċjati mal-libertà ta' espressjoni tal-utenti tal-imsemmija servizzi essenzjalment fil-kuntest tal-proċeduri ta' "notifika u ta' tneħħija" [230]. Il-leġiżlatur tal-Unjoni żamm dan il-bilanċ, fid-Direttiva 2001/29, billi kkunsidra li l-interessi tad-detenturi tad-drittijiet jiġu ssalvagwardati suffiċjentement mill-possibbiltà li jiksbu ordnijiet kontra dawn l-intermedjarji li jipprovdu servizz [231].

246. Mingħajr ebda dubju, iċ-ċirkustanzi nbidlu mill-adozzjoni ta' dawk id-direttivi. L-intermedjarji li jipprovdu servizz ma għandhomx iktar l-istess wiċċ, u dan il-bilanċ jista' ma għadux iġġustifikat. Fi kwalunkwe każ, għalkemm tali bidliet fiċ-ċirkustanzi jistgħu, sa ċertu punt, jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, meta hija teżerċita l-marġni ta' interpretazzjoni li jagħtuha t-testi tad-dritt tal-Unjoni, huwa fuq kollox il-leġiżlatur tal-Unjoni li għandu jevalwahom u, jekk ikun il-każ, jibdel dawn it-testi, b'mod li jipprovdi bilanċ ġdid minflok dak li huwa kien inizjalment implimenta.

247. Issa, infakkar li l-leġiżlatur tal-Unjoni għadu, preċiżament, kemm evalwa mill-ġdid, għall-futur, il-bilanċ tad-drittijiet u l-interessi fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur. Fil-fatt, matul dawn il-proċeduri għal deċiżjoni preliminari, daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2019/790 [232]. L-Artikolu 17(1) ta' din id-direttiva issa jobbliga lill-Istati Membri sabiex jipprevedu li "fornitur ta' servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut

226 Nirrepeti, f'dan ir-rigward, li l-fornituri kollha ta' servizzi ma għandhomx l-istess kapaċitajiet u riżorsi bħal YouTube.

227 Ara s-sentenza tas-16 ta' Frar 2012, SABAM (C-360/10, EU:C:2012:85, punti 44 sa 52). Għalhekk, anki jekk jitqies li l-operaturi ta' pjattaformi ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2000/31, l-obbligu li jikkontrollaw *ex ante* l-fajls kollha mqiegħda online mill-utenti jkun, fi kwalunkwe każ, kuntrarju għad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta.

228 Dan huwa l-każ ta' vidjos bħalma huma l-lezzjonijiet online u vidjos oħra divertenti jew informattivi, li bħala prinċipju jistgħu jużaw xogħlijiet protetti, taħt ċerti kundizzjonijiet, skont ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29. F'dan ir-rigward, ninnota li hemm mistoqsijiet fir-rigward tas-software Content ID ta' YouTube, li jidher li diġà qies vidjos innoċenti bħala xogħlijiet protetti mqiegħda online illegalment u bblokka vidjos għall-użu ta' estratti ta' xi sekondi minn tali xogħol (ara b'mod partikolari, Signoret, P., "Sur YouTube, la détection automatique des contenus soumis à droit d'auteur ne satisfait personne", Le Monde, blog Pixels, 5 ta' Lulju 2018). F'dan ir-rigward, YouTube tirrikonoxxi li Content ID ma jidentifikax l-eventwali applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet għad-drittijiet tal-awtur (ara vidjo YouTube Creators, "Content ID sur YouTube", aċċessibbli fuq l-indirizz https://youtu.be/9g2U12SsRns).

229 Barra minn hekk, il-kumplessità ta' din il-kwistjoni hija msaħħa, fil-fehma tiegħi, min-natura ambivalenti tal-internet, u b'mod iktar speċjali tal-pjattaformi bħal YouTube, fir-rigward tal-ksur. Fil-fatt, għalkemm YouTube toffri għodod li jistgħu jintużaw sabiex jinkisru d-drittijiet tal-awtur, dawn l-għodod, b'mod partikolari l-mutur ta' tfittxija tagħha, jiffaċilitaw fl-istess ħin l-iskoperta ta' dan il-ksur.

230 Ara l-premessi 40, 41, 45 sa 49 tad-Direttiva 2000/31 kif ukoll il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti legali tal-kummerċ elettroniku fis-Suq Intern, p. 4, 12, 16.

231 Ara l-premessi 16 u 59 kif ukoll l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29.

232 Ara l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2019/790.

online [233] jagħmel att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku jew f'att ta' disponibbiltà għall-pubbliku għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva meta jagħti aċċess pubbliku għal xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur jew materjal protett ieħor imtella' mill-utenti tiegħu". Konsegwentement, kif jippreċiża l-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, tali "fornitur" għandu huwa stess jikseb awtorizzazzjoni mid-detenturi tad-dritt, pereżempju bil-konklużjoni ta' ftehim ta' liċenzja, għax-xogħlijiet imqiegħda online mill-utenti tiegħu. Barra minn hekk, il-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu jippreċiża li, meta tali "fornitur" iwettaq att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku jew ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, fil-kundizzjonijiet stabbiliti minn din id-direttiva, l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 ma tapplikax.

248. L-Artikolu 17(4) tad-Direttiva 2019/790 jipprovdi wkoll li, fin-nuqqas ta' tali awtorizzazzjoni, il-"forniturі ta' servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online" huma responsabbli għall-atti illegali ta' komunikazzjoni lill-pubbliku mwettqa permezz tal-pjattaforma tagħhom. Madankollu, din id-dispożizzjoni tipprevedi li dawn il-"forniturі" ma humiex responsabbli jekk juru li (a) huma għamlu l-"aħjar sforzi" tagħhom sabiex jiksbu awtorizzazzjoni, u (b) "f'konformità mal-istandards għoljin ta' diliġenza professjonali tal-industrija, għamlu l-aħjar sforzi", biex jiżguraw li ma kienx hemm disponibbli xogħlijiet speċifiċi u materjal ieħor li għalihom id-detenturi tad-drittijiet ikunu pprovdew l-informazzjoni rilevanti u neċessarja lill-forniturі ta' servizz; u fi kwalunkwe każ (ċ) huma "aġixxew malajr, malli rċevew notifika sostanzjata biżżejjed mid-detenturi tad-drittijiet, biex jiddiżattivaw l-aċċess għal, jew ineħħu, mis-siti web tagħhom ix-xogħlijiet jew materjal ieħor notifikati, u għamlu l-aħjar sforzi biex jipprevjenu kwalunkwe upload futur tagħhom skont il-punt (b)" [234]. Il-paragrafi 5 u 6 tal-istess artikolu jipprevedu li l-intensità tal-obbligi medji li huma bbażati fuq l-imsemmija "forniturі" tvarja skont parametri differenti, fosthom it-"tip, l-udjenza u d-daqs tas-servizz", filwaqt li l-forniturі "żgħar" jibbenefikaw ukoll minn obbligi mnaqqsa [235].

249. Punt finali għandu jiġi eżaminat. F. Peterson u l-Gvern Franċiż sostnew ukoll, waqt is-seduta, li, kif tindika l-premessa 64 tad-Direttiva 2019/790 [236], il-leġiżlatur tal-Unjoni ried sempliċement, billi adotta l-imsemmi Artikolu 17 ta' din id-direttiva, "jiċċara" l-mod kif il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 kellu dejjem jinftiehem u jiġi applikat fir-rigward tal-operaturi ta' pjattaformi bħal YouTube. Mill-argument tagħhom niddeduċi li l-imsemmi Artikolu 17 sempliċement "jiċċara" l-fatt li l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 qatt ma kien ikun applikabbli għal dawn l-operaturi. L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2019/790 jikkostitwixxi għalhekk tip ta' "liġi interpretattiva", u sempliċement jippreċiża s-sens li d-Direttivi 2000/31 u 2001/29 dejjem kellu jkollhom. Is-soluzzjonijiet li jirriżultaw minn dan l-Artikolu 17 il-ġdid għandhom għalhekk japplikaw, saħansitra qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2019/790, stabbilit għas-7 ta' Ġunju 2021 [237], b'mod retroattiv, inkluż għall-kawżi prinċipali.

250. Ma nistax naċċetta dan l-argument. Fil-fehma tiegħi, ikun kuntrarju għall-prinċipju ta' ċertezza legali li wieħed jiddeduċi tali applikazzjoni retroattiva mis-sempliċi użu ta' terminu ambigwu f'premessa nieqsa minn valur legali vinkolanti [238].

233 L-Artikolu 2(6) tad-Direttiva 2019/790 jipprovdi li, għall-finijiet ta' din id-direttiva, "fornitur ta' servizzi tal-kondiviżjoni tal-kontenut online" huwa "fornitur ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li l-iskop prinċipali jew wieħed mill-iskopijiet prinċipali tiegħu huwa li jaħżen u jagħti aċċess lill-pubbliku għal ammont sinifikanti ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur jew materjal ieħor protett mtellgħin mill-utenti tiegħu, li s-servizz jorganizza u jippromwovi għal skopijiet ta' qligħ". Ara, ukoll, il-premessi 62 u 63 ta' din id-direttiva.

234 Kif indikajt, filwaqt li l-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2000/31 jipprevedi, fil-fehma tiegħi, obbligu ta' *take down*, l-Artikolu 17(4)(c) tad-Direttiva 2019/790 issa jimponi, b'mod ġenerali u *ex ante*, obbligu ta' *stay down*.

235 B'mod iktar preċiż, mill-Artikolu 17(6) tad-Direttiva 2019/790 jirriżulta, essenzjalment, li, għall-"forniturі" li ilhom inqas minn tliet snin joperaw u li għandhom fatturat annwali ta' inqas minn EUR 10 miljun, dawn għandhom biss jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom sabiex jiksbu awtorizzazzjoni mid-detenturi tad-drittijiet u għandhom biss obbligu ta' *take down*.

236 Skont din il-premessa: "Huwa opportun li f'din id-Direttiva jiġi ċċarat li l-forniturі ta' servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online iwettqu att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku jew li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku meta jagħtu aċċess pubbliku għal xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur jew materjal protett ieħor imtella' mill-utenti tagħhom. […]"

237 Ara l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2019/790.

238 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Zh. u O. (C-554/13, EU:C:2015:377, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata). Mill-bqija, għalkemm, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali premessa tista' tippreċiża l-kontenut *tal-att li tagħmel parti minnu*, f'dan il-każ hija kwistjoni ta' kjarifika tas-sens mhux tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2019/790, iżda ta' dawk tad-Direttivi 2000/31 u 2001/29.

251. Mill-bqija, nosserva li, apparti l-premessa 64 tagħha, ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 2019/790 ma tindika li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jagħti interpretazzjoni retroattiva tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29 u tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2000/31, u dan minkejja li, barra minn hekk, huwa ħa ħsieb li jippreċiża l-applikazzjoni *ratione temporis* ta' din id-Direttiva 2019/790 fir-rigward tax-xogħlijiet u oġġetti protetti [239], u li jipprevedi dispożizzjoni tranżitorja għall-applikazzjoni ta' dispożizzjoni oħra tal-ewwel direttiva [240]. Mill-bqija, l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2019/790 jippreċiża huwa stess, fil-paragrafi 1 u 3 tiegħu, li l-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" li huwa jagħti japplika biss "għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva" u "skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva". Ir-responsabbiltà diretta tal-"fornituri" imsemmija fih għall-atti ta' komunikazzjoni mwettqa mill-utenti tal-pjattaformi tagħhom, prevista fl-imsemmi Artikolu 17, ma hijiex is-sempliċi konsegwenza tal-mod li bih l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/29 kellu dejjem jinftiehem, iżda "tirriżulta" mill-istess Artikolu 17 [241]. Għalhekk, anki jekk wieħed jippreżupponi li l-leġiżlatur tal-Unjoni jista' għalhekk, kważi 20 sena wara l-adozzjoni ta' direttiva, jagħti l-interpretazzjoni awtentika tagħha, nemmen li din ma hijiex il-kwistjoni f'dan il-każ.

252. Kif sostniet il-Kummissjoni waqt is-seduta, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma "ċċarax" id-dritt, kif dejjem kellu jinftiehem. Huwa ħoloq *sistema ġdida ta' responsabbiltà* għal ċerti intermedjarji online fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur. L-idea kienet li l-qafas tad-drittijiet tal-awtur attwali tal-Unjoni jiġi "adattat u ssupplimentat" [242]. Bħalma enfasizzat din l-istituzzjoni, l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2019/790 jirrifletti għażla politika tal-leġiżlatur tal-Unjoni favur industriji kreattivi [243].

253. Dan l-Artikolu 17 jagħmel parti minn sensiela ta' konsultazzjonijiet pubbliċi [244], komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni [245] u regolamenti settorjali ġodda [246] li, bil-ħsieb li "jadattaw" u "jimmodernizzaw" id-dritt tal-Unjoni għaċ-ċirkustanzi l-ġodda msemmija iktar 'il fuq, jeżiġu involviment iktar *proattiv* tal-intermedjarji sabiex tiġi evitata l-proliferazzjoni ta' kontenut illegali online [247].

239 Ara l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2019/790, li jippreċiża li din għandha tapplika fir-rigward tax-xogħlijiet u materjal ieħor kollu li huma protetti mil-liġi nazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur, fis-7 ta' Ġunju 2021 jew wara, u li hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe att konklużż u kwalunkwe dritt miksub qabel din id-data.

240 Ara l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2019/790, li jippreċiża li l-ftehimiet għal-liċenzja jew it-trasferiment tad-drittijiet tal-awturi u l-artisti għandhom ikunu suġġetti għall-obbligu tat-trasparenza stabbilit fl-Artikolu 19 ta' dik id-direttiva sa mis-7 ta' Ġunju 2022.

241 Ara l-premessa 65 tad-Direttiva 2019/790.

242 Ara l-premessi 3 u 4 tad-Direttiva 2019/790.

243 Billi pprovda li l-operaturi bħal YouTube iwettqu "komunikazzjoni lill-pubbliku" ta' xogħlijiet li l-utenti tal-pjattaformi tagħhom iqiegħdu online, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jirrimedja għall-*value gap* imressaq mid-detenturi tad-drittijiet (ara l-punt 47 tad' dawn il-konklużjonijiet). Ara, f'dan ir-rigward, il-premessi 3 u 61 tad-Direttiva 2019/790 kif ukoll il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali [COM(2016) 593 final], p. 2 u 3.

244 Ara, b'mod partikolari, fl-2010, "Public Consultation on the Future of Electronic Commerce in the Internal Market and the Implementation of the Directive on Electronic Commerce (2000/31/EC)"; fl-2012, "A Clean and Open Internet: Public Consultation on Procedures for Notifying and Acting on Illegal Content Hosted by Online Intermediaries " u, fl-2015 "Public Consultation on the Regulatory Environment for Platforms, Online Intermediaries, Data and Cloud Computing and the Collaborative Economy". Bl-istess mod, fl-Istati Uniti, il-United States Copyright Office (l-Uffiċċju tad-Drittijiet tal-Awtur tal-Istati Uniti), wara konsultazzjoni pubblika mnedija fl-2015, ħareġ, fil-21 ta' Mejju 2020, rapport li jirrakkomanda lill-United States Congress (il-Kungress tal-Istati Uniti) jimmodernizza d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 512 introdotta mid-DMCA (ara *United States Copyright Office*, *Section 512 Study*, aċċessibbli fuq l-indirizz https://www.copyright.gov/policy/section512/).

245 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, tal-11 ta' Jannar 2012, "Qafas koerenti għall-bini ta' fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali tal-kummerċ elettroniku u tas-servizzi online" [COM(2011) 942 final], p. 13 sa 16; tas-6 ta' Mejju 2015, "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa" [COM(2015) 192 final], p. 4, 8 u 12 sa 14; tad-9 ta' Diċembru 2015, "Għal qafas aktar modern u Ewropew dwar id-drittijiet tal-awtur" [COM(2015) 626 final], p. 2, 3 u 10 sa 12; tal-25 ta' Mejju 2016, "Il-Pjattaformi Online u s-Suq Uniku Diġitali Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa" [COM(2016) 288 final], p. 8 sa 10.

246 Ara d-Direttiva 2018/1808, li ddaħħal il-pjattaformi ta' kondiviżjoni tal-vidjos fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tas-"servizzi tal-media awdjoviżiva" u tobbliga lill-operaturi ta' tali pjattaformi jieħdu miżuri xierqa, fattibbli u proporzjonati, sabiex jipproteġu lill-minuri mill-vidjos li jistgħu jippreġudikaw l-iżvilupp tagħhom u l-pubbliku inġenerali mill-vidjos li jinkludu inċitament għall-vjolenza, għall-mibegħda jew għat-terroriżmu (ara l-Artikolu 1(1)(b) u l-Artikoli 28(a) u 28(b) tad-Direttiva 2010/13, miżjuda mid-Direttiva 2018/1808). Ara, ukoll, ir-Rakkomandazzjoni 2018/334 dwar miżuri biex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-kontenut illegali online. Ara, ukoll, il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 dwar il-prevenzjoni tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online [COM (2018) 640 final].

247 Ara, ukoll, għal żviluppi f'dan is-sens, il-Kunsill tal-Ewropa, Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)2 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tal-internet (adottata mill-Kumitat tal-Ministri fis-7 ta' Marzu 2018, matul l-1309 laqgħa tad-Delegati tal-Ministri), kif ukoll il-Qorti EDB, 16 ta' Ġunju 2015, Delfi AS vs L-Estonja, CE:ECHR:2015:0616JUD006456909.

254. Barra minn hekk, huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-applikazzjoni retroattiva ssuġġerita minn F. Peterson u mill-Gvern Franċiż. Minħabba l-"kjarifika" magħmula mill-Artikolu 17(1) u (3) tad-Direttiva 2019/790, l-operaturi ta' pjattaformi ġeneralment ikunu responsabbli mill-atti kollha ta' komunikazzjoni lill-pubbliku mwettqa mill-utenti tagħhom u ma jistgħux jibbenefikaw mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Min-naħa l-oħra, il-paragrafu 4 u dawk sussegwenti ta' dan l-Artikolu 17, li jipprevedu b'mod partikolari, kif indikajt, sistema ta' eżenzjoni għal dawn l-operaturi, ma japplikawx, min-naħa tagħhom, b'mod retroattiv. Issa, sa fejn ipprovda dawn il-paragrafi tal-aħħar, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried, fil-fehma tiegħi, jiżgura bilanċ bejn id-diversi drittijiet u interessi involuti [248].

255. B'hekk, il-fatt li ssir applikazzjoni retroattiva tal-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2019/790 f'każijiet bħal dawk tal-kawżi prinċipali mhux biss ma josservax il-bilanċ mixtieq mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-adozzjoni tad-Direttivi 2000/31 u 2001/29, iżda lanqas ma josserva dak mixtieq minnu fl-adozzjoni tal-imsemmija Direttiva 2019/790. Fir-realtà, din is-soluzzjoni ma tirrifletti, fil-fehma tiegħi, *ebda bilanċ*.

VI. Konklużjoni

256. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) fil-Kawżi C-682/18 u C-683/18 kif ġej:

1) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li l-operatur ta' pjattaforma ta' kondiviżjoni ta' vidjos u l-operatur ta' pjattaforma ta' hosting u ta' kondiviżjoni ta' fajls ma jwettqux att ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, meta utent tal-pjattaformi tagħhom iqiegħed online xogħol protett.

2) L-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) għandu jiġi interpretat fis-sens li l-operatur ta' pjattaforma ta' kondiviżjoni ta' vidjos u l-operatur ta' pjattaforma ta' hosting u ta' kondiviżjoni ta' fajls jistgħu, bħala prinċipju, jibbenefikaw mill-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni għal kull responsabbiltà li tista' tirriżulta mill-fajls li huma jaħżnu fuq it-talba tal-utenti tal-pjattaformi tagħhom.

3) L-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31 għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sitwazzjonijiet imsemmija f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri dik li fiha fornitur ta' servizzi attwalment ikollu "tagħrif ta' attività jew informazzjoni illegali" u dik li fiha tali fornitur ikun "konxju tal-fatti jew taċ-ċirkostanzi li minnhom l-attività jew l-informazzjoni illegali tkun apparenti", jirreferu, bħala prinċipju, għal informazzjoni illegali konkreta.

4) L-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li d-detenturi tad-drittijiet ikunu jistgħu jitolbu ordni fuq talba kontra fornitur li s-servizz tiegħu, li jikkonsisti fil-ħażna ta' informazzjoni pprovduta minn utent, jintuża minn terzi sabiex jiksru d-drittijiet tal-awtur jew dritt relatat, biss meta, wara li jkun ġie indikat ksur ċar, ikun hemm reċidiva.

248 B'mod partikolari, jidher li r-regoli previsti fil-paragrafu 4 u dawk sussegwenti tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2019/790 huma intiżi sabiex jagħtu ċerti garanziji lill-operaturi kkonċernati u kif ukoll lill-utenti tal-pjattaformi tagħhom. Nenfasizza, madankollu, li d-dettalji tas-sistema l-ġdida ta' responsabbiltà prevista fl-imsemmi Artikolu 17 imorru lil hinn mis-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet. Lanqas ma nixtieq nesprimi, f'dawn il-konklużjonijiet, opinjoni dwar il-kompatibbiltà ta' din is-sistema l-ġdida mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja hija adita b'rikors għal annullament (ara r-rikors fil-Kawża C-401/19, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill) li ser tagħtiha l-okkażjoni li tiddeċiedi dwar il-kwistjoni.